SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

24 ta' Ottubru 2024*

Werrej

Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kontenzjuża 4

L-ewwel proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja 7

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali wara li ntbagħtet lura u s-sentenza appellata 9

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet 18

Fuq l-appell 19

Fuq l-ewwel aggravju, ibbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet ultra petita u wettqet interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li jeskludi l-kompetizzjoni 20

Fuq l-ewwel aggravju, ibbażat fuq li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet ultra petita 20

– L-argumenti tal-partijiet 20

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 20

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljati tal-kriterji dwar il-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li teskludi l-kompetizzjoni 22

– L-argumenti tal-partijiet 22

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 24

Fuq it-tieni aggravju, ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża tal-Kummissjoni 28

L-argumenti tal-partijiet 28

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 28

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Fuq it-tielet aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi f'dak li jirrigwarda l-prova meħtieġa, fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża u fuq żnaturament tal-provi fil-kuntest tal-eżami tat-test AEC fil-konfront ta' Dell 32

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq żball ta' liġi dwar il-livell ta' prova meħtieġ 32

– L-argumenti tal-partijiet 32

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 33

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq applikazzjoni żbaljata tal-istandard tal-prova kkunsidrat 38

– L-argumenti tal-partijiet 38

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 39

Fuq it-tielet parti, ibbażata fuq żnaturament tal-provi fil-kuntest tal-eżami tat-test AEC fir-rigward ta' Dell u fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża tal-Kummissjoni 40

– L-argumenti tal-partijiet 40

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 42

Fuq ir-raba' aggravju, ibbażat fuq diversi żbalji ta' liġi u fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-eżami tat-test AEC fir-rigward ta' HP 46

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq żbalji ta' liġi fil-kuntest tal-eżami tat-test AEC fir-rigward ta' HP 46

– L-argumenti tal-partijiet 46

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 47

Fuq ir-raba' aggravju, ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-eżami tat-test AEC fir-rigward ta' HP 53

– L-argumenti tal-partijiet 53

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 53

Fuq il-ħames aggravju, ibbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tat-test AEC u tal-Artikolu 102 TFUE, fuq żnaturament tal-provi u fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-eżami tat-test AEC fir-rigward ta' Lenovo 54

L-argumenti tal-partijiet 54

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 55

Fuq is-sitt aggravju, ibbażat fuq evalwazzjoni żbaljata tal-konsegwenzi li għandhom jinsiltu mill-iżbalji kkonstatati fil-kuntest tat-test AEC 58

L-argumenti tal-partijiet 58

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 59

Fuq l-ispejjeż 62

"Appell – Kompetizzjoni – Abbuż minn pożizzjoni dominanti – Suq tal-mikroproċessuri – Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 102 TFUE u tal-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE – Tnaqqis għal fedeltà – Klassifikazzjoni bħala prattika abbużiva – Strateġija intiża sabiex teskludi l-kompetituri li huma mill-inqas effiċjenti daqs l-impriża f'pożizzjoni dominanti"

Fil-Kawża C-240/22 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressaq fil-5 ta' April 2022,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata inizjalment minn F. Castillo de la Torre, M. Kellerbauer, N. Khan u C. Sjödin, sussegwentement minn F. Castillo de la Torre, M. Kellerbauer u N. Khan, u fl-aħħar nett minn F. Castillo de la Torre u M. Kellerbauer, bħala aġenti,

rikorrenti,

sostnuta minn:

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, irrappreżentata minn J. Möller u P.-L. Krüger, bħala aġenti,

intervenjenti fl-appell,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

Intel Corporation Inc., stabbilita f'Wilmington, Delaware (l-Istati Uniti), irrappreżentata inizjalment minn D. Beard, KC, J. Williams, barrister, u A. Parr, solicitor, sussegwentement minn D. Beard, KC, J. Williams, barrister, u B. Meyring, Rechtsanwalt,

rikorrenti fl-ewwel istanza,

Association for Competitive Technology, Inc., stabbilita f'Washington, DC (l-Istati Uniti), irrappreżentata minn J.-F. Bellis, avocat, u K. Van Hove, advocaat,

Union fédérale des consommateurs – Que choisir (UFC – Que choisir),

intervenjenti fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn I. Jarukaitis, President tar-Raba' Awla, li qed jaġixxi bħala President tal-Ħames Awla, D. Gratsias (Relatur) u E. Regan, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: L. Medina,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2024,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-26 ta' Jannar 2022, Intel Corporation vs Il-Kummissjoni (T-286/09 RENV, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2022:19), sa fejn din annullat, minn naħa, l-Artikolu 1(a) sa (e) u l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 3726 final tat-13 ta' Mejju 2009, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu [102 TFUE] u tal-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/C-3/37.990 – Intel) (iktar il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża"), kif ukoll, min-naħa l-oħra, l-Artikolu 3 ta' din id-deċiżjoni sa fejn jikkonċerna l-Artikolu 1(a) sa (e) tagħha.

Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kontenzjuża

2 Il-fatti li wasslu għall-kawża u l-kontenut tad-deċiżjoni kontenzjuża huma esposti fil-punti 1 sa 35 tas-sentenza appellata. Għall-finijiet ta' din il-proċedura, dawn jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej.

3 Intel Corporation, Inc. (iktar 'il quddiem "Intel") hija kumpannija stabbilita taħt id-dritt Amerikan li tiżgura d-disinn, l-iżvilupp, il-manifattura, u l-kummerċjalizzazzjoni ta' mikroproċessuri (iktar 'il quddiem iċ-"CPU"), ta' "chipsets" u komponenti oħra semi-kondutturi kif ukoll soluzzjonijiet għal pjattaformi fil-kuntest tal-ipproċessar tal-informazzjoni u tal-mezzi tal-komunikazzjoni.

4 Wara lment ippreżentat fit-18 ta' Ottubru 2000 minn Advanced Micro Devices, Inc. (iktar 'il quddiem "AMD"), u kkompletat fis-26 ta' Novembru 2003, il-Kummissjoni nediet, abbażi tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205), investigazzjoni intiża għal Intel.

5 Fis-26 ta' Lulju 2007, il-Kummissjoni kkomunikat lil Intel b'dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet marbuta mal-aġir tagħha fir-rigward ta' ħames manifatturi kbar tal-informatika (Original Equipment Manufacturer, iktar 'il quddiem l-"OEM"), jiġifieri Dell Inc., Hewlett-Packard Company (HP), Acer Inc., NEC Corp. u International Business Machines Corp. (IBM).

6 Fis-17 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni kkomunikat lil Intel dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet addizzjonali marbuta mal-aġir tagħha fir-rigward ta' Media-Saturn-Holding GmbH (iktar 'il quddiem "MSH"), distributur ta' apparati elettroniċi u l-ewwel distributur Ewropew ta' desktops Din id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kienet tirrigwarda wkoll l-aġir ta' Intel fir-rigward ta' Lenovo Group Ltd (iktar 'il quddiem "Lenovo") u kienet tinkludi provi ġodda dwar l-aġir ta' Intel fir-rigward ta' ċerti OEM ikkonċernati mid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet tas-26 ta' Lulju 2007, li l-Kummissjoni kienet kisbet wara l-pubblikazzjoni ta' din tal-aħħar.

7 Fit-13 ta' Mejju 2009, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kontenzjuża, li sunt tinsab f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU 2009, C 227, p. 13).

8 Skont id-deċiżjoni kontenzjuża, Intel wettqet ksur uniku u kontinwat tal-Artikolu 102 KE u tal-Artikolu 54 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) tat-2 ta' Mejju 1992 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 52, p. 3) bejn Ottubru 2002 u Diċembru 2007, billi implementat strateġija maħsuba sabiex teskludi kompetitur, jiġifieri AMD, mis-suq taċ-CPU ta' arkitettura x86 (iktar 'il quddiem iċ-"CPU x86").

9 Il-prodotti inkwistjoni fid-deċiżjoni kontenzjuża huma CPU, li huma komponenti essenzjali ta' kull kompjuter, kemm għall-prestazzjonijiet ġenerali tas-sistema kif ukoll għall-ispiża globali tagħha. Ħafna drabi dawn jitqiesu bħala l-"moħħ" tal-kompjuter. Il-manifattura ta' CPU tirrikjedi installazzjonijiet ta' teknoloġija avvanzata u li jiswew ħafna flus.

10 Iċ-CPU użati fil-kompjuters jistgħu jiġu subdiviżi f'żewġ kategoriji, jiġifieri ċ-CPU x86 u ċ-CPU bbażati fuq arkitettura oħra. L-arkitettura x86 hija standard imfassal minn Intel għaċ-CPU tagħha. Hija tippermetti l-funzjonament tas-sistemi operattivi Windows u Linux. Windows hija primarjament marbuta mas-sett ta' istruzzjonijiet li jikkorrispondu għall-arkitettura x86. Qabel l-2000, diversi manifatturi ta' CPU x86 kienu preżenti fis-suq. Madankollu, il-parti l-kbira ma għadhomx fis-suq. Intel u AMD huma prattikament l-uniċi żewġ impriżi li jipproduċu CPU x86 wara din id-data.

11 Is-suq ġeografiku huwa ddefinit bħala ta' daqs dinji. B –

12 Fid-dawl, l-ewwel nett, ta' parti mis-suq ta' mill-inqas 70 % miżmuma minn Intel bejn l-1997 u l-2007, u, it-tieni nett, tal-eżistenza ta' ostakoli sinjifikattivi għad-dħul f'dan is-suq u għall-espansjoni li jirriżultaw minn investimenti irrekuperabbli fir-riċerka u fl-iżvilupp, fil-proprjetà intellettwali u fl-installazzjonijiet ta' produzzjoni neċessarji għall-manifattura ta' CPU x86, il-Kummissjoni kkonkludiet li Intel kienet okkupat pożizzjoni dominanti fl-imsemmi suq tal-inqas matul il-perijodu ta' bejn Ottubru 2002 sa Diċembru 2007.

13 Il-Kummissjoni imputat lil Intel żewġ tipi ta' aġir abbużiv. L-ewwel nett, dan huwa tnaqqis mogħti lil erba' OEM, f'dan il-każ Dell, Lenovo, HP u NEC, bil-kundizzjoni li huma jixtru mingħandha t-totalità jew kważi totalità taċ-CPU x86 tagħhom u ħlasijiet mogħtija lil MSH, bil-kundizzjoni li din tal-aħħar tbigħ esklużivament kompjuters mgħammra b'CPU x86 prodotti minn Intel (iktar 'il quddiem, flimkien, it-"tnaqqis ikkontestat"). Dan it-tnaqqis jikkostitwixxi tnaqqis għal fedeltà. Il-ħlasijiet kundizzjonali mwettqa favur MSH jikkostitwixxu, barra minn hekk, mekkaniżmu ekwivalenti għal dak tal-imsemmi tnaqqis.

14 Fid-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni wettqet analiżi ekonomika fuq il-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li jeskludi kompetitur li jkun effiċjenti daqs Intel mingħajr madankollu ma jkun jokkupa pożizzjoni dominanti (as efficient competitor test, iktar 'il quddiem it-"test AEC"). Din l-analiżi tippermetti li tistabbilixxi l-prezz li kien jiġi propost minn kompetitur effiċjenti daqs Intel għaċ-CPU tiegħu sabiex "jikkumpensa" lil OEM għat-telf ta' tali tnaqqis, mogħti minn Intel. Analiżi tal-istess tip twettqet fir-rigward tal-ħlasijiet mogħtija minn Intel lil MSH.

15 Abbażi tal-provi li hija ġabret, il-Kummissjoni kkonkudiet li t-tnaqqis ikkontestat kellu l-konsegwenza li jiżgura l-fedeltà ta' OEM imsejħa "strateġiċi" u ta' MSH. Dan it-tnaqqis kellu effetti addizzjonali, fis-sens li huma naqqas b'mod kunsiderevoli l-kapaċità tal-kompetituri ta' Intel li jikkompetu abbażi tal-kapaċitajiet taċ-CPU x86 tagħhom. B'hekk, l-aġir antikompetittiv ta' Intel ikkontribwixxa sabiex titnaqqas l-għażla offruta lill-konsumaturi kif ukoll l-inċentiv għall-innovazzjoni.

16 It-tieni nett, il-Kummissjoni imputat lil Intel prattiki li jikkostitwixxu restrizzjonijiet ovvji (naked restritions) li jikkonsistu fir-remunerazzjoni ta' tliet OEM, jiġifieri HP, Acer u Lenovo, bil-kundizzjoni li dawn jipposponu jew jannullaw il-varar ta' prodotti mgħammra b'CPU x86 jew jimponu restrizzjonijiet fuq id-distribuzzjoni ta' dawn il-prodotti. Il-Kummissjoni kkonkludiet li dawn il-prattiki, li ma jaqgħux taħt kompetizzjoni normali, ibbażata fuq il-mertu, ikkawżaw ukoll dannu dirett lill-kompetizzjoni.

17 Il-Kummissjoni tikkonkludi, fid-deċiżjoni kontenzjuża, li kull wieħed mill-aġir ikkontestat ta' Intel fir-rigward tal-OEM imsemmija iktar 'il fuq u ta' MSH jikkostitwixxi abbuż fis-sens tal-Artikolu 102 KE, filwaqt li, madankollu, dan l-abbuż kollu jaqa' wkoll fil-kuntest ta' strateġija ġenerali maħsuba sabiex teskludi lil AMD, l-uniku kompetitur kbir ta' Intel, mis-suq taċ-CPU x86. Għaldaqstant, dan l-abbuż jifforma ksur uniku fis-sens tal-Artikolu 102 KE.

18 Filwaqt li applikat il-linji gwida għall-kalkolu tal-multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 (ĠU 2006, C 210, p. 2), il-Kummissjoni imponiet fuq Intel multa ta' EUR 1.06 biljun.

19 Id-dispożittiv tad-deċiżjoni kontenzjuża, huwa fformulat kif ġej:

"Artikolu 1

Intel wettqet ksur uniku u kontinwat tal-Artikolu [102 TFUE] u tal-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE bejn Ottubru 2002 u Diċembru 2007 billi implementat strateġija maħsuba sabiex teskludi kompetituri mis-suq tas-CPUs x86, li kien jikkonsisti fil-fatturi li ġejjin:

a) l-għoti ta' tnaqqis lil Dell bejn Diċembru 2002 u Diċembru 2005 li l-livell tiegħu kien ikkundizzjonat mill-fatt li Dell kellha tixtri t-totalità tas-CPUs x86 tagħha mingħand Intel;

b) l-għoti ta' tnaqqis lil HP bejn Novembru 2002 u Mejju 2005 li l-livell tiegħu kien ikkundizzjonat mill-fatt li HP kellha tixtri minn tal-inqas 95 % tas-CPUs x86 maħsuba għad-desktops għall-impriżi mingħand Intel;

ċ) l-għoti ta' tnaqqis lil NEC bejn Ottubru 2002 u Novembru 2005 li l-livell tiegħu kien ikkundizzjonat mill-fatt li NEC kellha tixtri minn tal-inqas 80 % tas-CPUs x86 maħsuba għall-klijenti PC tagħha mingħand Intel;

d) l-għoti ta' tnaqqis lil Lenovo bejn Jannar 2007 u Diċembru 2007 li l-livell tiegħu kien ikkondizzjonat mill-fatt li Lenovo kellha tixtri t-totalità tas-CPUs x86 maħsuba għall-laptops tagħha mingħand Intel;

e) l-għoti ta' ħlasijiet lil [MSH] bejn Ottubru 2002 u Diċembru 2007 li l-livell tagħhom kien ikkundizzjonat mill-fatt li [MSH] kellha tbigħ biss kompjuters mgħammra b'CPUs x86 ta' Intel;

f) l-għoti ta' ħlasijiet lil HP bejn Novembru 2002 u Mejju 2005 bil-kundizzjoni li: i) HP torjenta d-desktops ta' HP mgħammra b'CPUs x86 ta' AMD maħsuba għal impriżi lejn l-impriżi żgħar u ta' daqs medju lejn il-klijenti tas-settur pubbliku, edukattiv u mediku minflok lejn l-impriżi l-kbar; ii) HP tipprojbixxi lill-imsieħba tagħha ta' distribuzzjoni milli jistokkjaw desktops ta' HP mgħammra b'CPUs x86 ta' AMD maħsuba għal impriżi b'tali mod li dwan il-kompjuters ikunu disponibbli biss għall-klijenti li jordnawhom mingħand HP (direttament, jew permezz

tas-sieħba ta' distribuzzjoni ta' HP li jeżerċitaw il-funzjoni ta' aġenti kummerċjali); iii) HP tipposponi b'sitt xhur il-varar tad-desktop tagħha mgħammar b'CPU x86 ta' AMD maħsub għal impriżi fir-reġjun [Ewropa, Lvant Nofsani u Afrika];

g) l-għoti ta' ħlasijiet lil Acer bejn Settembru 2003 u Jannar 2004 bil-kundizzjoni li Acer tipposponi l-varar ta' laptop mgħammar b'CPU x86 ta'AMD;

h) l-għoti ta' ħlasijiet lil Lenovo bejn Ġunju 2006 u Diċembru 2006 bil-kundizzjoni li Lenovo tipposponi u fl-aħħar tannulla l-varar tal-laptops tagħha mgħammra b' CPU x86 ta'AMD." [Traduzzjoni mhux uffiċjali]

Artikolu 2

Għall-ksur imsemmi fl-Artikolu 1, hija imposta fuq Intel multa fl-ammont ta' EUR 1 060 000 000 [.]

Artikolu 3

Intel [] għandha immedjatament twaqqaf il-ksur imsemmi fl-Artikolu 1 f'każ li dan għadu ma sarx.

Intel [] għandha tastjeni milli tirrepeti l-atteġġamenti u l-aġir imsemmi fl-Artikolu 1 kif ukoll atteġġamenti jew aġir li għandu għan jew effett identiku jew ekwivalenti.

[…]"

L-ewwel proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja

20 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Lulju 2009, Intel ppreżentat rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża billi tinvoka disa' motivi.

21 Association for Competitive Technology Inc (iktar 'il quddiem l-"ACT") u l-Union fédérale des consommateurs – Que choisir (UFC – Que choisir) ġew ammessi jintervjenu fil-proċedura insostenn, rispettivament, ta' Intel u tal-Kummissjoni.

22 Permezz ta' sentenza tat-12 ta' Ġunju 2014, Intel vs Il-Kummissjoni (T-286/09, iktar 'il quddiem is-"sentenza inizjali", EU:T:2014:547), il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors fl-intier tiegħu. Iċ-ċaħda ta' dan ir-rikors kienet ibbażata, b'mod partikolari, fuq żewġ premessi li jikkonċernaw ir-rwol tat-test AEC użat mill-Kummissjoni sabiex tanalizza l-effett tat-tnaqqis ikkontestat. Skont l-ewwel waħda minn dawn il-premessi, il-konstatazzjoni ta' illegalità ta' dan it-tnaqqis ma rrikjedietx eżami taċ-ċirkustanzi tal-każ, hekk li l-Kummissjoni ma hijiex obbligata turi l-kapaċità ta' esklużjoni tal-imsemmi tnaqqis għal esklużività tal-imsemmi tnaqqis każ b'każ. Skont l-imsemmija premessi, jekk jiġi preżunt li hija neċessarja evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi tal-każ bil-għan li jintwerew l-effetti antikompetittivi potenzjali tat-tnaqqis għal esklużività, xorta ma huwiex neċessarju li dawn tal-aħħar jintwerew permezz ta' test AEC. Fil-kuntest ta' eżami mwettaq sussidjarjament, il-Qorti Ġenerali qieset li l-Kummissjoni kienet uriet, sal-grad rikjest mil-liġi u abbażi ta' analiżi taċ-ċirkustanzi tal-kawża, il-kapaċità tat-tnaqqis u tal-ħlasijiet ta' esklużività mogħtija li jirrestringu l-kompetizzjoni. Minn dan isegwi li l-Qorti Ġenerali la kienet obbligata teżamina jekk il-Kummissjoni kinitx wettqet it-test AEC skont ir-regoli tas-sengħa u mingħajr ma wettqet żbalji u lanqas li tivverifika li l-kalkoli alternattivi proposti minn Intel għall-imsemmi test kienu twettqu b'mod korrett.

23 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-26 ta' Awwissu 2014, Intel ippreżentat appell mis-sentenza inizjali. Insostenn tal-appell tagħha, Intel tqajjem sitt aggravji.

24 Permezz ta' sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni (C-413/14 P, iktar 'il quddiem is-"sentenza tal-appell", EU:C:2017:632), il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza inizjali u bagħtet lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali.

25 B'mod partikolari, wara li ċaħdet il-ħames u r-raba' aggravju tal-appell, ibbażati, rispettivament, fuq applikazzjoni żbaljata mill-Qorti Ġenerali tal-kriterji dwar il-ġurisdizzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-ftehimiet konklużi bejn Intel u Lenovo, u fuq difett proċedurali sostanzjali, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat u laqgħet l-ewwel aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi minħabba l-assenza ta' eżami tat-tnaqqis ikkontestat fid-dawl taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha.

26 F'dan ir-rigward, fil-punti 133 u 134 tas-sentenza tal-appell, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-Artikolu 102 TFUE bl-ebda mod ma għandu bħala għan li jimpedixxi lil impriża li tikseb, fuq mertu tagħha stess, pożizzjoni dominanti f'suq. Din id-dispożizzjoni lanqas ma hija intiża li tiżgura li kompetituri inqas effettivi mill-impriża f'pożizzjoni dominanti jibqgħu fis-suq. B'hekk, mhux kull effett ta' esklużjoni neċessarjament jippreġudika l-kompetizzjoni. Mid-definizzjoni tagħha stess, il-kompetizzjoni fuq il-mertu tista' twassal għat-telf tas-suq jew għall-marġinalizzazzjoni tal-kompetituri inqas effettivi mill-impriża f'pożizzjoni dominanti u għalhekk inqas interessanti għall-konsumaturi mill-perspettiva b'mod partikolari tal-prezzijiet, tal-għażla, tal-kwalità jew tal-innovazzjoni.

27 Fil-punti 135 sa 137 tas-sentenza tal-appell, il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu fakkret li, fid-dawl tar-responsabbiltà partikolari li hija għandha li ma tippreġudikax, bl-aġir tagħha, il-kompetizzjoni effettiva u mhux distorta fis-suq intern, impriża f'pożizzjoni dominanti ma tistax teskludi l-kompetituri tagħha meqjusa li huma daqstant effettivi bħalha u ssaħħaħ il-pożizzjoni dominanti tagħha billi tirrikorri għal mezzi differenti minn dawk li jaqgħu taħt kompetizzjoni fuq il-mertu, bħal sistema ta' skontijiet marbuta mal-kundizzjoni li l-klijent jixtri esklużivament għall-bżonnijiet kollha tiegħu jew għal parti kbira minnhom mingħand din l-impriża.

28 Madankollu, fil-punti 138 u 139 tas-sentenza tal-appell, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, fil-każ fejn l-impriża kkonċernata ssostni, matul il-proċedura amministrattiva, provi ta' sostenn, li l-aġir tagħha, li jikkonsisti fl-applikazzjoni ta' tnaqqis għal fedeltà, ma kellux il-kapaċità li jirrestrinġi l-kompetizzjoni u, b'mod partikolari, li jipproduċi l-effetti ta' esklużjoni allegati, il-Kummissjoni mhux biss hija obbligata tanalizza, minn naħa, l-importanza tal-pożizzjoni dominanti tal-impriża fis-suq rilevanti u, min-naħa l-oħra, ir-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat, kif ukoll il-kundizzjonijiet u l-modalitajiet tal-għoti tat-tnaqqis inkwistjoni, it-tul tiegħu u l-ammont tiegħu, iżda hija obbligata wkoll tevalwa l-eżistenza eventwali ta' strateġija intiża sabiex teskludi l-kompetituri li huma mill-inqas effiċjenti daqs l-impriża f'pożizzjoni dominanti.

29 B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, fil-punti 143 u 144 tas-sentenza tal-appell, li t-test AEC kellu importanza reali fl-evalwazzjoni, mill-Kummissjoni, tal-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li jipproduċu effett ta' esklużjoni tal-kompetituri effiċjenti daqs Intel, b'tali mod li l-Qorti Ġenerali kienet meħtieġa teżamina l-argumenti kollha mressqa minn din tal-aħħar dwar dan it-test.

30 Issa, kif spjegat fil-punti 145 u 146 tas-sentenza tal-appell, il-Qorti Ġenerali kienet iddeċidiet, fis-sentenza inizjali, li ma kienx neċessarju li jiġi eżaminat jekk il-Kummissjoni kinitx wettqet it-test AEC skont ir-regoli speċifiċi u mingħajr ma twettaq żbalji, u li lanqas ma kien neċessarju li

tiġi eżaminata l-kwistjoni dwar jekk il-kalkoli alternattivi proposti minn Intel kinux saru b'mod korrett. Għaldaqstant, fil-kuntest tal-eżami tagħha, għall-finijiet ta' kompletezza, taċ-ċirkustanzi tal-każ, il-Qorti Ġenerali kienet eskludiet, fl-istess sentenza, kull rilevanza tat-test AEC imwettaq mill-Kummissjoni, u ma kinitx, għaldaqstant, wieġbet għall-kritika mressqa minn Intel kontra dan it-test.

31 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, fil-punt 147 tas-sentenza tal-appell, li kien hemm lok li s-sentenza inizjali għandha tiġi annullata sa fejn il-Qorti Ġenerali astjeniet b'mod żbaljat, fil-kuntest tal-analiżi tagħha tal-kapaċità tat-tnaqqis kkontestat li jirrestrinġi l-kompetizzjoni, milli tieħu inkunsiderazzjoni l-argument ta' Intel intiż li jesponi allegati żbalji mwettqa mill-Kummissjoni fil-kuntest tat-test AEC.

32 B'hekk, fil-punti 149 u 150 tas-sentenza tal-appell, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kienet il-Qorti Ġenerali, li kellha tibgħat il-kawża lura quddiemha, li għandha teżamina, fid-dawl tal-argumenti mressqa minn Intel, il-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li jirrestrinġi l-kompetizzjoni.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali wara li ntbagħtet lura u s-sentenza appellata

33 Fl-14, fil-15 u fis-16 ta' Novembru 2017, ACT, Intel u l-Kummissjoni ssottomettew, rispettivament, l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom dwar il-konklużjonijiet li għandhom jinsiltu mis-sentenza tal-appell għas-soluzzjoni tat-tilwima, skont l-Artikolu 217(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali (iktar 'il quddiem l-"osservazzjonijiet prinċipali dwar il-kawża li ntbagħtet lura").

34 Fl-20 ta' Frar 2018, ACT u, fil-5 ta' Marzu 2018, Intel kif ukoll il-Kummissjoni ppreżentaw, rispettivament, osservazzjonijiet bil-miktub addizzjonali skont l-Artikolu 217(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali (iktar 'il quddiem l-"osservazzjonijiet addizzjonali dwar li l-kawża ntbagħtet lura").

35 Fl-osservazzjonijiet prinċipali tagħha dwar li l-kawża ntbagħtet lura, Intel, sostnuta mill-ACT, tenniet, b'mod partikolari, it-talba tagħha għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni talbet li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tiċħad ir-rikors.

36 Preliminarjament, fil-punti 74 sa 102 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet dwar is-suġġett tat-tilwima wara li l-kawża ntbagħtet lura, u, fil-punti 103 sa 111 ta' din is-sentenza, dwar l-ammissibbiltà tal-osservazzjonijiet prinċipali u komplementari ta' Intel u ta' ACT dwar li l-kawża ntbagħtet lura.

37 Fir-rigward tas-suġġett tat-tilwima pendenti quddiemha wara li ntbagħtet lura, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li dan kien jirrigwarda, essenzjalment, l-analiżi tal-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li jirrestrinġi l-kompetizzjoni fid-dawl, minn naħa, tal-preċiżazzjonijiet dwar il-prinċipji stabbiliti fis-sentenza tat-13 ta' Frar 1979, Hoffmann-La Roche vs Il-Kummissjoni (85/76, EU:C:1979:36), mogħtija fil-punti 133 *et seq* tas-sentenza tal-appell u, min-naħa l-oħra, tal-osservazzjonijiet prinċipali u komplementari dwar li l-kawża ntbagħtet lura lill-Qorti Ġenerali dwar il-konklużjonijiet li għandhom jinsiltu minn dawn il-preċiżazzjonijiet.

38 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali adottat f'isimha l-konstatazzjonijiet tas-sentenza inizjali dwar ir-restrizzjonijiet ovvji u n-natura illegali tagħhom fid-dawl tal-Artikolu 102 TFUE kif ukoll l-evalwazzjonijiet ta' din is-sentenza dwar il-klassifikazzjoni tat-tnaqqis ikkontestat bħala

"tnaqqis għal esklużività". Madankollu, il-Qorti Ġenerali qieset li, konformement mal-punti ta' liġi deċiżi mis-sentenza tal-appell, il-klassifikazzjoni tat-tnaqqis ikkontestat bħala "tnaqqis għal esklużività" ma kinitx timplika li test AEC ma kienx neċessarju sabiex tiġi evalwata l-kapaċità tal-imsemmi tnaqqis li jirrestrinġi l-kompetizzjoni u lanqas li dan kien suffiċjenti sabiex jikkonferixxilu natura abbużiva, fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE.

39 Fir-rigward tal-ammissibbiltà tal-osservazzjonijiet prinċipali u supplimentari dwar il-kawża li ntbagħtet lura ta' Intel u tal-ACT, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-Artikolu 84(1) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha ma jipprekludix lil Intel milli tiddedika l-essenzjal tal-imsemmija osservazzjonijiet sabiex tirrepeti l-argumenti tar-rikors relatati mat-test AEC, jew saħansitra testendi l-imsemmija argumenti. Madankollu, skont il-Qorti Ġenerali, is-sentenza tal-appell ma tikkostitwixxix, bħala tali, element ġdid li jiġġustifika l-modifika jew l-estensjoni tal-ilmenti ta' Intel kontra d-deċiżjoni kontenzjuża.

40 Sussegwentement, wara li fakkret il-metodu ddefinit mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tevalwa l-kapaċità ta' sistema ta' tnaqqis li tirrestrinġi l-kompetizzjoni u l-prinċipji li jirriżultaw mis-sentenza tal-appell, il-Qorti Ġenerali evalwat il-fondatezza tal-argumenti mressqa minn Intel u minn ACT.

41 F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali eżaminat, fl-ewwel lok, l-argument li d-deċiżjoni kontenzjuża hija bbażata fuq analiżi ġuridika żbaljata. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li, billi telqet mill-premessa li hija setgħet validament tikkonstata li t-tnaqqis ikkontestat kien jikser l-Artikolu 102 TFUE minħabba li kien min-natura tiegħu abbużiv, mingħajr ma kellha neċessarjament tieħu inkunsiderazzjoni, għal dan l-għan, il-kapaċità ta' dan it-tnaqqis li jirrestrinġi l-kompetizzjoni, il-Kummissjoni kienet ivvizzjat id-deċiżjoni kontenzjuża bi żball ta' liġi. Madankollu, billi invokat "l-importanza reali" li kellu t-test AEC fl-evalwazzjoni, mill-Kummissjoni, tal-kapaċità tat-tnaqqis inkwistjoni li jipproduċi effett ta' esklużjoni ta' kompetituri effiċjenti daqs Intel, il-Qorti Ġenerali qieset li kienet obbligata teżamina, fit-tieni lok, l-argumenti ta' Intel li permezz tagħhom hija sostniet li t-test AEC kien ivvizzjata b'diversi żbalji.

42 Il-parti tas-sentenza appellata ddedikata għal dawn l-argumenti tinkludi erba' subpartijiet. Il-motivi li jinsabu fil-punti 150 u 151 tas-sentenza appellata jikkonċernaw il-portata tal-istħarriġ tal-Qorti Ġenerali.

43 Il-motivi inklużi fil-punti 152 sa 159 ta' din is-sentenza huma ddedikati għal kunsiderazzjonijiet ġenerali dwar it-test AEC imwettqa fid-deċiżjoni kontenzjuża. Dawn il-punti tas-sentenza appellata huma b'hekk ifformulati:

> "152 Il-punt tat-tluq tat-test AEC, kif ġie ddefinit fil-premessi 1003 *et seq*. tad-deċiżjoni [kontenzjuża] u applikat mill-Kummissjoni f'din il-kawża, huwa li, fid-dawl b'mod partikolari tan-natura tal-prodott tagħha, tal-immaġni tagħha tat-trade mark u tal-profil tagħha, Intel kienet sieħba kummerċjali inevitabbli u li l-OEM kienu dejjem xtraw mill-inqas parti mill-bżonnijiet tagħhom għal CPU mingħand Intel, indipendentement mill-kwalità tal-offerta tal-fornitur alternattiv. Konsegwentement, huwa biss għal parti mis-suq li l-klijenti kienu disposti u f'pożizzjoni li jipposponu l-provvista tagħhom fuq dan il-fornitur alternattiv (iktar' il quddiem il-'parti kontestabbli'). Minn din il-kwalità ta' soċju kummerċjali inevitabbli kienet tirriżulta s-setgħa ta' Intel li tuża l-parti inkontestabbli bħala lieva sabiex tnaqqas il-prezz fuq il-parti kontestabbli tas-suq.

153 Kif irrilevat il-Qorti Ġenerali fil-punt 141 tas-sentenza inizjali, it-test AEC imwettaq fid-deċiżjoni [kontenzjuża] jieħu bħala punt tat-tluq li kompetitur daqstant effiċjenti [daqs Intel], li jfittex li jikseb il-parti kontestabbli tal-ordnijiet li sa dak il-punt ikunu ssodisfatti minn impriża [f'pożizzjoni] dominanti li hija soċju kummerċjali inevitabbli, għandu joffri kumpens lill-klijent għat-tnaqqis għal esklużività li huwa jitlef jekk huwa jixtri parti inqas minn dik definita mill-kundizzjoni ta' esklużività jew ta' kważi esklużività. It-test AEC huwa maħsub sabiex jiddetermina jekk il-kompetitur daqstant effiċjenti bħall-impriża f'pożizzjoni dominanti, li jsostni l-istess spejjeż bħal din tal-aħħar, jistax ikopri l-ispejjeż tiegħu f'dan il-każ.

154 B'mod konkret, l-analiżi tistabbilixxi l-prezz li kien jiġi propost minn kompetitur effiċjenti daqs Intel għaċ-CPU ×86 tiegħu sabiex jikkumpensa lil OEM għat-telf ta' tnaqqis li kieku kien jirċievi mingħand Intel. Dan il-prezz huwa msejjaħ fit-test AEC 'prezz effettiv' jew 'PE'.

155 Bħala prinċipju, il-parti tat-tnaqqis totali, li għaliha kompetitur daqstant effiċjenti [bħal Intel] għandu joffri kumpens, tinkludi biss l-ammont tat-tnaqqis li huwa suġġett għall-kundizzjoni ta' provvista esklużiva billi jeskludi tnaqqis ta' kwantità (iktar 'il quddiem il-'parti kundizzjonali' tat-tnaqqis). Kif jirriżulta b'mod partikolari mill-premessa 1460 tad-deċiżjoni [kontenzjuża], sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni biss il-parti kundizzjonali ta' ħlas, it-test AEC jagħmel riferiment, f'dan il-każ, għall-prezz medju tal-bejgħ […], jiġifieri l-prezz ikkatalogat, wara t-tnaqqis tal-iskontijiet ta' kwantità.

156 Iktar ma l-parti kontestabbli u, konsegwentement, il-kwantità tal-prodotti li magħhom il-fornitur alternattiv jista' jidħol f'kompetizzjoni huwa żgħir, iktar il-probabbiltà li l-ħlas ta' esklużività jkollu l-kapaċità li jeskludi kompetitur daqstant effiċjenti [bħall-impriża f'pożizzjoni dominanti]. Fil-fatt, għalkemm it-telf tal-pagamenti mogħtija minn Intel lill-klijent tagħha għandu jinqasam fuq kwantità żgħira ta' prodotti offruti mill-fornitur alternattiv fuq il-parti kontestabbli, dan iwassal għal tnaqqis kunsiderevoli tal-prezz effettiv. Dan tal-aħħar ikun għalhekk iktar probabbli inqas mill-miżura vijabbli tal-ispiża ta' Intel.

157 Il-prezz effettiv għandu jiġi pparagunat mal-miżura vijabbli tal-ispiża ta' Intel. Il-miżura vijabbli tal-ispiża ta' Intel adottata fid-deċiżjoni kkontestata hija dik tal-ispiża evitabbli medja […]

158 Kif jirriżulta b'mod partikolari mill-premessa 1006 tad-deċiżjoni [kontenzjuża], huwa permess li jiġi konkluż li sistema ta' ħlasijiet ta' esklużività tista' tostakola l-aċċess għas-suq għall-kompetituri daqstant effiċjenti [bħal Intel] meta l-prezz effettiv ikun inqas [mill-ispiża medja li tista' tiġi evitata] ta' Intel. F'dan il-każ, dan huwa riżultat negattiv tat-test AEC. Jekk, min-naħa l-oħra, il-prezz effettiv ikun ogħla [mill-prezz li jista' jiġi evitat medju ta' Intel], kompetitur daqstant effiċjenti [bħal Intel] huwa mistenni li jkun jista' jkopri l-ispejjeż tiegħu u għalhekk ikun f'pożizzjoni li jaċċedi għas-suq. F'dan il-każ, it-test AEC iwassal għal riżultat pożittiv.

159 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet ġenerali li għandha tiġi eżaminata l-fondatezza tal-argumenti [ta' Intel] li jgħidu li [t-test AEC huwa vvizzjat] b'diversi żbalji."

44 B'mod partikolari, mill-punti 175, 260, 258, 283, 285, 286, 297 sa 299 u 334 tas-sentenza appellata jirriżulta li, skont il-metodoloġija adottata mill-Kummissjoni, ir-riżultat, pożittiv jew negattiv, tat-test AEC, fis-sens espost fil-punt 158 tal-istess sentenza, huwa ddeterminat, fl-aħħar mill-aħħar, permezz ta' paragun bejn il-parti kontestabbli u l-parti rikjesta, peress li din tal-aħħar

hija l-parti tal-bżonnijiet tal-klijent li kompetitur effiċjenti daqs Intel għandu jikseb sabiex ikun jista' jaċċedi għas-suq mingħajr telf. Għalkemm il-parti kontestabbli hija ogħla mill-parti rikjesta, ir-riżultat tat-test AEC huwa pożittiv għal Intel is-sitwazzjoni kuntrarja tirriżulta f'riżultat negattiv u għalhekk kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li jeskludi kompetitur effiċjenti daqs din l-impriża.

45 Il-motivi li jinsabu fil-punti 160 sa 166 tas-sentenza appellata jirrigwardaw l-oneru tal-prova u l-livell ta' prova meħtieġ.

46 Fil-motivi inklużi fil-punti 167 sa 482 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali eżaminat il-fondatezza tal-argumenti ta' Intel li jgħidu li d-deċiżjoni kontenzjuża kienet ivvizzjata b'diversi żbalji fir-rigward tat-test AEC.

47 Dawn il-motivi jinqasmu f'ħames partijiet, li kull waħda minnhom hija ddedikata għall-argumenti li Intel qajmet dwar it-test AEC inkluża fid-deċiżjoni kontenzjuża fir-rigward tal-erba' OEM ikkonċernati, jiġifieri Dell, HP, NEC u Lenovo, minn naħa, u tad-distributur MSH, min-naħa l-oħra.

48 L-analiżi tal-Qorti Ġenerali dwar is-sitwazzjoni ta' HP hija spjegata fil-punti 202 sa 282 tas-sentenza appellata. Fi tmiem din l-analiżi, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, l-ewwel nett, fil-punt 283 ta' din is-sentenza, li l-Kummissjoni ma kinitx stabbilixxiet sal-grad rikjest mil-liġi il-fondatezza tal-ipoteżi tagħha li l-parti kontestabbli ta' Dell għall-perijodu inkwistjoni kienet ta' 7.1 %. Peress li din l-ipoteżi serviet bħala bażi sabiex tintwera, permezz ta' paragun bejn il-parti kontestabbli u l-parti rikjesta, il-kapaċità tat-tnaqqis mogħti minn Intel lil Dell li jipproduċi effett ta' esklużjoni, il-paragun inkwistjoni ma weriex, skont il-Qorti Ġenerali, sal-grad rikjest mil-liġi l-imsemmija kapaċità.

49 It-tieni nett, fil-punt 284 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, minn naħa, li l-fatturi li, skont il-Kummissjoni, kienu jsaħħu l-kapaċità ta' esklużjoni stmata tat-tnaqqis ikkontestat, li jikkonsistu, essenzjalment, sa fejn kull telf ta' tnaqqis ta' Intel jirriżulta f'żieda fit-tnaqqis mogħti minnha lill-OEM kompetituri ta' Dell u sa fejn l-istima tal-parti kontestabbli ma tiħux inkunsiderazzjoni l-fatt li Dell kienet tixtri wkoll mingħand Intel prodotti li ma humiex il-mikroproċessuri CPU x86, b'mod partikolari "chipsets", ma kinux ġew analizzati b'mod suffiċjenti fid-deċiżjoni kontenzjuża. Min-naħa l-oħra, metodu alternattiv ta' kalkolu implimentat mill-Kummissjoni f'din id-deċiżjoni ma jurix li t-tnaqqis ikkontestat seta' jipproduċi effett ta' esklużjoni antikompetittiv matul il-perijodu rilevanti kollu.

50 Issa, fil-punt 285 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali fakkret li, skont il-premessa 1281 tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni fir-rigward tal-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat mogħti lil Dell li jipproduċi effett ta' esklużjoni antikompetittiv kienu dedotti mill-paragun tal-parti kontestabbli u min-naħa meħtieġa, tal-fatturi ta' tisħiħ u tal-imsemmi metodu alternattiv ta' kalkolu.

51 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 286 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tistabbilixxi, abbażi tal-paragun bejn il-parti kontestabbli u l-parti rikjesta kif ukoll tal-fatturi ta' tisħiħ, il-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat mogħti lil Dell li jipproduċi tali effett ta' esklużjoni. Barra minn hekk, it-tielet element adottat mill-Kummissjoni, jiġifieri metodu alternattiv ta' kalkolu, li għandu, skont il-kliem tal-premessa 1281 tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-funzjoni li jikkonferma dawn l-ewwel żewġ elementi, ma jistax, skont il-Qorti

Ġenerali, jissostanzja, waħdu, il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni, speċjalment peress li ma jurix li t-tnaqqis ikkontestat setgħet tipproduċi effett ta' esklużjoni antikompetittiv matul il-perijodu rilevanti kollu.

52 Sussegwentement, fil-punt 287 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali laqgħet l-ilment ta' Intel ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni ma kinitx stabbilixxiet sal-grad rikjest mil-liġi l-fondatezza tal-konklużjoni, ifformulata fil-premessa 1281 tad-deċiżjoni kontenzjuża, li tgħid li, fil-perijodu bejn Diċembru 2002 u Diċembru 2005, it-tnaqqis ikkontestat kien kapaċi jew seta' jipproduċi effett ta' esklużjoni antikompetittiv minħabba li anki kompetitur effiċjenti daqs Intel kien ikun prekluż milli jforni lil Dell għall-bżonnijiet tagħha ta' CPU x86.

53 L-analiżi tal-Qorti Ġenerali dwar is-sitwazzjoni ta' HP hija spjegata fil-punti 288 sa 335 tas-sentenza appellata. Wara li eżaminat sensiela ta' elementi dwar il-volumi ta' xiri, l-ammont tat-tnaqqis u l-prezz medju tal-bejgħ taċ-CPU x86, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 319 ta' din is-sentenza, li l-Kummissjoni kienet wettqet żball meta qieset li l-kalkolu tagħha tal-parti rikjesta kien jippermettilha tislet konklużjonijiet dwar l-effett ta' esklużjoni antikompetittiv prodott mit-tnaqqis mogħti minn Intel lil HP għall-perijodu kollu bejn Novembru 2002 u Mejju 2005. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ma wrietx l-eżistenza tal-imsemmi effett għall-perijodu bejn Novembru 2002 u Settembru 2003.

54 Barra minn hekk, fil-punt 320 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-fatt li l-Kummissjoni pproċediet, fil-premessa 1389 tad-deċiżjoni kontenzjuża, għal kalkolu alternattiv tal-parti rikjesta billi rreferiet għaċ-ċifri esposti fil-premessa 1338 ta' din id-deċiżjoni ma jistax jagħmel tajjeb għal dan l-iżball, peress li dan il-kalkolu alternattiv lanqas ma kien ikopri l-perijodu kollu bejn Novembru 2002 u Mejju 2005.

55 Barra minn hekk, fil-punti 328 sa 331 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset, fir-rigward tal-fattur ta' tisħiħ marbut mat-trasferiment tat-tnaqqis ikkontestat inizjalment mogħti minn Intel lil HP lejn wieħed mill-kompetituri ta' din tal-aħħar, li l-Kummissjoni kellha tippreċiża liema mill-elementi meħuda inkunsiderazzjoni fit-test AEC kien ġie influwenzat u b'liema mod. Għaldaqstant, id-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata minn nuqqas ta' motivazzjoni.

56 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punt 335 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma kinitx stabbilixxiet sal-grad rikjest mil-liġi l-fondatezza tal-konklużjoni, ifformulata fil-premessa 1406 tad-deċiżjoni kontenzjuża, li tgħid li, matul il-perijodu minn Novembru 2002 sa Mejju 2005, it-tnaqqis mogħti minn Intel lil HP kien kapaċi jipproduċi effett ta' esklużjoni antikompetittiv jew seta' jipproduċi tali effett, sa fejn hija ma kinitx uriet l-eżistenza ta' tali effett ta' esklużjoni għall-perijodu bejn l-1 ta' Novembru 2002 u t-30 ta' Settembru 2003.

57 L-analiżi tal-Qorti Ġenerali dwar is-sitwazzjoni ta' NEC hija spjegata fil-punti 336 sa 411 tas-sentenza appellata. Fil-punt 411 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li, billi tat valur eżaġerat lill-parti kundizzjonali tat-tnaqqis u billi estrapolat ir-riżultati li kienet waslet għalihom għar-raba' trimestru tal-2002 għall-perijodu kollu tal-ksur, il-Kummissjoni wettqet żewġ żbalji ta' evalwazzjoni. Minn dawn il-konstatazzjonijiet il-Qorti Ġenerali ddeduċiet li t-test AEC tal-Kummissjoni kienet żbaljata fil-parametri bażiċi tagħha. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma kinitx stabbilixxiet sal-grad rikjest mil-liġi l-fondatezza tal-konklużjoni, ifformulata fil-premessa 1456 tad-deċiżjoni kontenzjuża, li tgħid li l-ħlasijiet mogħtija minn Intel lil NEC kienu kapaċi jew jistgħu jeskludu kompetitur effiċjenti daqs Intel.

58 L-analiżi tal-Qorti Ġenerali dwar is-sitwazzjoni ta' Lenovo hija spjegata fil-punti 412 sa 457 tas-sentenza appellata. Fil-punt 439 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-kalkoli mwettqa mill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi l-parti kundizzjonali tat-tnaqqis u, konsegwentement, il-parti rikjesta li kompetitur effiċjenti daqs Intel kellu jilħaq sabiex ikun jista' jaċċedi għas-suq mingħajr telf kienu bbażati fuq premessa kuntrarja għall-bażijiet tat-test AEC esposti fil-premessi 1003 u 1004 tad-deċiżjoni kontenzjuża. B'mod partikolari, fost dawn il-pedamenti hemm il-prinċipju li l-kompetitur ipotetiku huwa effiċjenti daqs Intel. Issa, fl-analiżi tagħha dwar l-evalwazzjoni tal-ammont tat-tnaqqis ikkontestat mogħti minn Intel lil Lenovo fil-forma ta' żewġ vantaġġi *in natura*, jiġifieri l-estensjoni tal-garanzija standard ta' Intel ta' sena kif ukoll il-proposta ta' użu aħjar ta' pjattaforma ta' distribuzzjoni fiċ-Ċina, il-Kummissjoni, skont il-Qorti Ġenerali, irraġunat fir-realtà meta mqabbla ma' kompetitur inqas effiċjenti, li madankollu ma jikkostitwixxix l-attur ekonomiku rilevanti sabiex tiġi evalwata l-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li tipproduċi effett ta' esklużjoni antikompetittiv.

59 Wara li kkunsidrat, fil-punti 440 sa 456 tas-sentenza appellata, li din il-kunsiderazzjoni ma setgħetx tiġi invalidata bl-argumenti tal-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 457 ta' din is-sentenza, li din l-istituzzjoni ma kinitx stabbilixxiet sal-grad rikjest mil-liġi l-fondatezza tal-konklużjoni fformulata fil-premessa 1507 tad-deċiżjoni kontenzjuża, li tgħid li, fl-2007, it-tnaqqis ikkontestat mogħti minn Intel kien kapaċi jew jista' jipproduċi tali effett ta' esklużjoni għad-detriment ta' kompetitur effiċjenti daqs din tal-aħħar.

60 L-analiżi tal-Qorti Ġenerali dwar is-sitwazzjoni ta' MSH hija spjegata fil-punti 458 sa 481 tas-sentenza appellata. Fil-punti 466 sa 480 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ffokat fuq il-metodu tat-"tnaqqis doppju kundizzjonali". Dan il-metodu huwa bbażat fuq l-idea li, sabiex ikun jista' jbigħ kompjuters ta' ċerta trade mark lil MSH, kompetitur effiċjenti daqs Intel kellu jiżgura mhux biss li MSH kienet lesta tixtri kompjuters mgħammra b'CPU ta' dan il-kompetitur, iżda wkoll, u fuq kollox, li OEM kienu lesti li jimmanifatturaw dawn il-kompjuters. Għaldaqstant, dan il-kompetitur kellu jagħti żewġ pagamenti. Wieħed sabiex jikseb il-parti kontestabbli mill-OEM u l-ieħor sabiex jikseb il-parti kontestabbli ta' MSH. Il-prattiki ta' Intel f'livelli differenti tal-katina tal-provvista seta' għalhekk ikollhom effett kumulattiv. Mingħajr ma kkontestat il-prinċipju ta' dan ir-raġunament, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-implimentazzjoni tiegħu, ibbażata fuq il-preżunzjoni li kull OEM fornitur ta' MSH kien jibbenefika minn tnaqqis kundizzjonali ekwivalenti għat-tnaqqis ikkontestat totali mogħti lil NEC fir-raba' trimestru tal-2002, kienet ivvizzjata b'żewġ difetti, li kull wieħed minnhom seta' jinvalida r-riżultati tat-test AEC dwar MSH. L-ewwel nett, il-Kummissjoni ma allegatx, u lanqas uriet, li Intel kienet tat lil wieħed mill-OEM l-oħra li mingħandu MSH kienet twettaq ix-xirjiet tagħha, jiġifieri Fujitsu, Acer, HP, Compaq, Toshiba u Medion, tnaqqis kundizzjonali fuq is-segment tal-kompjuters intiżi għall-individwi, f'kundizzjonijiet paragunabbli għat-tnaqqis ikkontestati relatati mal-kompjuters mixtrija mingħand NEC. It-tieni nett, u fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni ma wrietx li t-tnaqqis ikkontestat mogħti lil NEC għar-raba' trimestru tal-2002, jekk jitqies li huwa rappreżentattiv għall-OEM kollha, kien stabbli fuq perijodu ta' għaxar snin.

61 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 482 tas-sentenza appellata, li kien hemm lok li jintlaqa' l-argument ta' Intel li t-test AEC imwettaq mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kontenzjuża fir-rigward ta' Dell, ta' HP, ta' NEC, ta' Lenovo u ta' MSH kien ivvizzjat bi żbalji.

62 Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali eżaminat, fil-punti 483 sa 521 tas-sentenza appellata, l-argumenti ta' Intel u ta' ACT ibbażati fuq il-fatt li l-Kummissjoni ma kinitx analizzat b'mod xieraq, bħala kriterji msemmija fil-punt 139 tas-sentenza tal-appell, ir-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat, minn naħa, u t-tul kif ukoll l-ammont tal-imsemmi tnaqqis, min-naħa l-oħra.

63 Fir-rigward tar-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat, fil-punt 485 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali identifikat it-taqsima 4.2.4 tad-deċiżjoni kontenzjuża, li tinkludi l-premessi 1577 sa 1596 ta' din id-deċiżjoni, bħala rilevanti għas-suġġett tal-l-importanza strateġika tal-OEM li bbenefikaw mit-tnaqqis ikkontestat. Skont il-Qorti Ġenerali, fil-premessa 1577 tal-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni enfasizzat, essenzjalment, li, minħabba l-parti tagħhom mis-suq, il-preżenza qawwija tagħhom fis-segment l-iktar profittabbli tas-suq inkwistjoni kif ukoll is-setgħa tagħhom li jilleġittimizzaw proċessur ġdid f'dan is-suq, ċerti OEM, f'dan il-każ Dell u HP, kienu strateġikament iktar importanti minn oħrajn sabiex jipprovdu lill-manifatturi ta' CPU x86 aċċess għall-imsemmi suq. Il-Qorti Ġenerali identifikat ukoll bħala li hija rilevanti l-premessa 1597 tal-istess deċiżjoni, li tgħid li l-OEM milquta mill-aġir ta' Intel kellhom sehem sinjifikattiv mis-suq u kienu strateġikament iktar importanti mill-oħrajn, li kien ikollu impatt fis-suq kollu kemm hu ikbar minn dak li kien jikkorrispondi biss għall-partijiet akkumulati tas-suq tagħhom. Minn dan, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat kellha titqies bħala sinjifikattiva.

64 Fil-punt 493 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset li ma jistax jiġi eskluż li t-Taqsima 4.2.4 tad-deċiżjoni kontenzjuża setgħet kienet rilevanti fil-kuntest tal-eżami tar-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat, sa fejn din tindirizza ċerti fatturi *a priori* rilevanti sabiex tiġi eżaminata l-kapaċità ta' esklużjoni ta' sistema ta' tnaqqis. Madankollu, fil-punt 494 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali rrilevat li din it-Taqsima 4.2.4 kif ukoll il-premessa 1597 ta' din id-deċiżjoni, li fuqha bbażat ruħha l-Kummissjoni sabiex tikkunsidra li r-rata ta' kopertura tas-suq kienet ġiet eżaminata, ma jistgħux jiġu interpretati bħala li jikkostitwixxu fihom infushom eżami suffiċjenti, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, tar-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat, fis-sens tal-punt 139 tas-sentenza tal-appell.

65 F'dan ir-rigward, fil-punt 495 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali osservat li, anki jekk jitqies li l-Kummissjoni setgħet validament tibbaża ruħha fuq il-partijiet tas-suq miżmuma minn ċerti OEM pjuttost milli teżamina r-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat, din l-istituzzjoni kienet ħadet inkunsiderazzjoni biss, fil-premessi 1578 sa 1580 tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-partijiet tas-suq ta' Dell u ta' HP, billi eskludiet lill-OEM l-oħra ikkonċernati minn dan it-tnaqqis. Barra minn hekk, il-partijiet mis-suq hekk meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni jikkonċernaw biss il-perijodu bejn l-ewwel trimestru tal-2003 u l-aħħar trimestru tal-2005, jiġifieri biss parti mill-perijodu ta' bejn Ottubru 2002 sa Diċembru 2007 imsemmi minn din id-deċiżjoni, u għalhekk, tinjora wkoll il-perijodu 2006–2007, li matulu kienu kkonċernati Lenovo u MSH. Fl-aħħar nett, iċ-ċifri relatati mal-partijiet mis-suq li fuqhom ibbażat ruħha l-Kummissjoni jieħdu inkunsiderazzjoni partijiet mis-suq dinji miżmuma minn Dell u HP fis-segmenti kollha, minkejja l-fatt li l-uniku tnaqqis ikkontestat fir-rigward ta' HP kien jirrigwarda desktops għall-impriżi, kif indikat fl-Artikolu 1(b) tal-imsemmija deċiżjoni.

66 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali rrilevat, fil-punti 499 u 500 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kienet naqset milli tiddetermina r-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat, kuntrarjament għal dak li hija kienet obbligata tagħmel skont il-punt 139 tas-sentenza tal-appell, u minn dan iddeduċiet li hija ma kinitx eżaminat debitament il-kriterju dwar l-imsemmija rata ta' kopertura.

67 Fir-rigward tat-tul tat-tnaqqis ikkontestat, il-Qorti Ġenerali identifikat, fil-punti 508 sa 515 tas-sentenza appellata, żewġ gruppi ta' premessi tad-deċiżjoni kontenzjuża li fihom il-Kummissjoni kienet eżaminat elementi relatati mal-imsemmi tul. Dawn huma, l-ewwel nett, il-premessi 1013 sa 1035 ta' din id-deċiżjoni, u, it-tieni nett, il-premessi 201, 202, 965 sa 968 u 1227 tal-istess deċiżjoni.

68 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, minn naħa, li l-għan tal-premessi 1013 sa 1035 tad-deċiżjoni kontenzjuża kien biss li tiġi ddefinita l-orizzont temporali, f'dan il-każ sena, li fih jaqgħu l-għażliet tal-OEM fir-rigward tal-bżonnijiet tagħhom għal CPU x86 bħala ipoteżi li fuqha huwa bbażat il-kalkolu tal-parti kontestabbli tat-tnaqqis ikkontestat mogħti minn Intel lil kull wieħed mill-OEM ikkonċernati.

69 Għaldaqstant, skont il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni użat tali fattur temporali sabiex tiddetermina l-metodoloġija ta' kalkolu tal-parti kontestabbli ta' OEM, liema parti kontestabbli kellha sussegwentement titqabbel ma' fatturi oħra tat-test AEC sabiex tevalwa l-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li jipproduċi effett ta' esklużjoni antikompetittiv. Tali eżami għalhekk ma jikkostitwixxix, skont il-Qorti Ġenerali, analiżi tat-tul ta' dan it-tnaqqis bħala fattur li jista', fih innifsu, juri l-kapaċità tiegħu li jipproduċi tali effett ta' esklużjoni.

70 Min-naħa l-oħra, ċertament, fil-premessi 201, 202, 965 sa 968 u 1227 tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni eżaminat it-tul u l-forma tal-impenji meħuda mill-OEM ma' Intel li jagħtu dritt għal tnaqqis bħala fatturi li jistgħu jiffavorixxu jew jostakolaw id-dħul ta' kompetitur ġdid fis-suq, fid-dawl b'mod partikolari tal-portata *ratione temporis* tal-imsemmija impenji jew tal-kapaċità ta' Intel li tħallas jew li taġġusta t-tnaqqis tagħha f'termini qosra.

71 Madankollu, skont il-Qorti Ġenerali, anki jekk dawn l-aspetti tal-fattur *ratione temporis* kienu jidhrulha rilevanti, il-Kummissjoni eżaminathom biss b'mod kontinġenti u ċirkoskritt. Hija ma eżaminatx l-imsemmija aspetti għall-OEM kollha bħala fattur rilevanti sabiex tiġi stabbilita l-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li tipproduċi effett ta' esklużjoni antikompetittiv.

72 Barra minn hekk, fil-punti 516 sa 518 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet argument tal-Kummissjoni bbażat fuq il-fatt li, minkejja li t-test AEC ma jurix il-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li jipproduċi effett ta' esklużjoni, għandu jsir riferiment għat-tul totali li matulu Intel applikat tnaqqis u ħlasijiet għal esklużività lill-OEM u li, sa fejn it-tnaqqis dam għal sena għal Lenovo u għal diversi snin għall-OEM l-oħra u għal MSH, minn dan għandu jiġi konkluż li kompetitur ta' Intel fis-suq taċ-CPU x86 kien ikollu jaċċetta tnaqqis fil-profittabbiltà u livell ta' profittabbiltà ħafna iżgħar fuq dan il-bejgħ minn Intel. Skont il-Kummissjoni, dawn il-kunsiderazzjonijiet kienu jirriżultaw mill-punti 93 u 195 tas-sentenza inizjali u kienu, f'dan ir-rigward, definittivi.

73 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat, fl-ewwel lok, li s-sentenza inizjali kienet ġiet kompletament annullata mill-Qorti tal-Ġustizzja, b'tali mod li hija kellha, wara li l-kawża ntbagħtet lura, twettaq eżami ġdid tal-argumenti tal-partijiet dwar it-tul tat-tnaqqis, mingħajr ma tkun marbuta mill-punti 93 u 195 ta' din is-sentenza.

74 Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali qieset li, fid-dawl tal-kriterji kollha msemmija fil-punt 139 tas-sentenza tal-appell li għandhom jiġu eżaminati fil-każ fejn l-impriża kkonċernata ssostni, bi provi ta' sostenn, li l-aġir tagħha ma kellux il-kapaċità li jirrestrinġi l-kompetizzjoni, l-uniku

riferiment, minkejja l-konklużjonijiet li jistgħu jinsiltu mit-test AEC, għat-tul li matulu t-tnaqqis ikkontestat ingħata minn Intel lil OEM u lil MSH ma kienx biżżejjed, fih innifsu, sabiex jiġu bbażati evalwazzjonijiet definittivi dwar l-effetti ta' esklużjoni antikompetittivi hekk prodotti.

75 Għall-istess motivi, il-Qorti Ġenerali ċaħdet, fil-punt 519 tas-sentenza appellata, l-argument tal-Kummissjoni bbażat fuq il-fatt li t-tul tat-tnaqqis ikkontestat ma setax jiġi sseparat mill-kalendarju tiegħu (timing), għaliex kien neċessarju sabiex jegħleb l-inkapaċità ta' Intel li tipproduċi risposta teknika fi żmien xieraq għaċ-CPU x86 sa 64 bits ikkummerċjalizzati minn AMD.

76 Abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punt 520 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kienet wettqet żball meta ma eżaminatx, fid-deċiżjoni kontenzjuża, it-tul tat-tnaqqis bħala element li jippermetti li tiġi stabbilita l-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li tipproduċi effett ta' esklużjoni antikompetittiv.

77 B'hekk, fil-punt 521 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li Intel kienet fondata meta sostniet li l-analiżi tal-kriterji msemmija fil-punt 139 tas-sentenza tal-appell magħmula fid-deċiżjoni kontenzjuża kienet ivvizzjata b'diversi żbalji, sa fejn il-Kummissjoni ma kinitx eżaminat debitament, f'din id-deċiżjoni, il-kriterju dwar ir-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat u ma kinitx wettqet analiżi korretta tat-tul ta' dan it-tnaqqis.

78 Fil-punti konklużivi tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ġabret fil-qosor il-motivi li fuqhom huwa bbażat id-dispożittiv tal-imsemmija sentenza.

79 F'dan ir-rigward, fil-punt 523 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali fakkret li Intel kienet sostniet, matul il-proċedura amministrattiva, provi ta' sostenn, li t-tnaqqis ikkontestat ma kellux il-kapaċità li jipproduċi l-effetti ta' esklużjoni allegati fil-konfront tagħha. Fil-premessi 1002 sa 1573 tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni wettqet test AEC u, fid-dawl tar-riżultati ta' dan it-test, hija kkonkludiet, fil-premessi 1574 u 1575 ta' din id-deċiżjoni, li t-tnaqqis ikkontestat u l-ħlasijiet kontenzjużi mwettqa minn Intel kienu kapaċi jew jista' jkollhom effetti ta' esklużjoni antikompetittivi, peress li anki kompetitur effiċjenti daqs din tal-aħħar ġie prekluż milli jforni lil Dell, HP, NEC u Lenovo għall-bżonnijiet tagħhom ta' CPU x86 jew milli jbigħu, permezz ta' kompjuters ikkummerċjalizzati minn MSH, iċ-CPU x86 li hija kienet tipproduċi.

80 Fil-punt 524 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li, madankollu, mill-evalwazzjonijiet dwar il-motivi u l-argumenti eżaminati kien jirriżulta, l-ewwel nett, li t-test AEC imwettaq fid-deċiżjoni kontenzjuża kien ivvizzjat bi żbalji u, it-tieni nett, fir-rigward tal-kriterji msemmija fil-punt 139 tas-sentenza tal-appell, li l-Kummissjoni ma kinitx eżaminat debitament il-kriterju dwar ir-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat u ma kinitx wettqet analiżi korretta tat-tul ta; dan it-tnaqqis.

81 Fir-rigward b'mod partikolari tat-tnaqqis mogħti lil HP, fil-punt 525 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-Kummissjoni ma kinitx stabbilixxiet sal-grad rikjest mil-liġi l-konklużjoni tagħha li, matul il-perijodu minn Novembru 2002 sa Mejju 2005, it-tnaqqis ikkontestat mogħti lil HP kien kapaċi jew jista' jipproduċi effett ta' esklużjoni antikompetittiv, sa fejn hija ma kinitx uriet l-eżistenza ta' tali effett għall-perijodu inkluż bejn l-1 ta' Novembru 2002 u t-30 ta' Settembru 2003. Għalhekk, jekk wieħed jassumi li minn dan jista' jiġi dedott li t-test AEC jista' jiġi kkunsidrat bħala li huwa probatorju għal parti mill-perijodu minn Novembru 2002 sa Mejju 2005, l-effett ta' esklużjoni antikompetittiv ta' dan it-tnaqqis ma jistax, skont il-Qorti

Ġenerali, jiġi stabbilit sal-grad rikjest mil-liġi, peress li l-Kummissjoni ma kinitx debitament eżaminat il-kriterju dwar ir-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat u ma kinitx wettqet analiżi korretta tat-tul tat-tnaqqis.

82 Huwa għalhekk li, fil-punti 526 u 527 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset li l-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tistabbilixxi li t-tnaqqis ikkontestat u l-ħlasijiet kontenzjużi mwettqa minn Intel kienu kapaċi jew jista' jkollhom effetti ta' esklużjoni antikompetittivi u li għalhekk kienu jikkostitwixxu ksur tal-Artikolu 102 TFUE, b'tali mod li l-motivi tad-deċiżjoni kontenzjuża ma setgħux iservu bħala bażi għall-Artikolu 1(a) sa (e) ta' din id-deċiżjoni.

83 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali annullat, l-ewwel nett, l-Artikolu 1(a) sa (e) kif ukoll l-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kontenzjuża u, it-tieni nett, l-Artikolu 3 ta' din id-deċiżjoni biss fir-rigward tal-aġir deskritt fl-Artikolu 1(a) sa (e) tagħha. Min-naħa l-oħra, wara li tenniet min-naħa tagħha il-konstatazzjonijiet tas-sentenza inizjali dwar ir-restrizzjonijiet ovvji u n-natura illegali tagħhom fir-rigward tal-Artikolu 102 TFUE, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-kumplament tar-rikors.

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

84 Bid-deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Awwissu 2022, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ġiet ammessa tintervjeni insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni.

85 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata, bl-eċċezzjoni tal-punt 3 tad-dispożittiv tagħha, li permezz tiegħu l-Qorti Ġenerali ċaħdet il-kumplament tar-rikors ippreżentat quddiemha;

– tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, u

– tirriżerva l-ispejjeż.

86 Intel u ACT jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja:

– tiċħad l-appell u

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż relatati mal-appell u lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għal dawk marbuta mal-intervent tagħha.

87 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja

– tannulla s-sentenza appellata, bl-eċċezzjoni tal-punt 3 tad-dispożittiv tagħha;

– tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, u

– tirriżerva l-ispejjeż.

Fuq l-appell

88 Il-Kummissjoni tqajjem sitt aggravji insostenn tal-appell:

– k-ewwel wieħed huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju *ne ultra petita*, flimkien ma' interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljati tal-kriterji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tal-appell, fir-rigward tal-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li jeskludi l-kompetizzjoni;

– it-tieni huwa bbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-eżami tat-test AEC;

– it-tielet huwa bbażat fuq żball ta' liġi f'dak li jirrigwarda l-prova meħtieġa, fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża u fuq żnaturament tal-provi fil-kuntest tal-eżami tat-test AEC fil-konfront ta' Dell;

– ir-raba' huwa bbażat fuq diversi żbalji ta' liġi u fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-eżami tat-test AEC fir-rigward ta' HP;

– il-ħames huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tat-test AEC imwettaq mill-Kummissjoni u tal-Artikolu 102 TFUE, fuq żnaturament tal-provi u fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-eżami tat-test AEC fir-rigward ta' Lenovo, u

– is-sitt huwa bbażat fuq evalwazzjoni żbaljata tal-konsegwenzi li għandhom jinsiltu mill-iżbalji kkonstatati fil-kuntest tat-test AEC.

89 Qabel ma fformulat ir-risposta tagħha għal kull wieħed mill-aggravji mqajma insostenn tal-appell, Intel, sostnuta minn ACT, tosserva li dawn l-aggravji huma ineffettivi minħabba li l-Kummissjoni ma kkontestatx l-analiżi li wettqet il-Qorti Ġenerali fil-punti 144 sa 149 tas-sentenza appellata. Skont din l-analiżi, il-klassifikazzjoni tat-tnaqqis ikkontestat bħala abbużiv min-natura tiegħu u indipendentement mill-kapaċità tiegħu li jirrestrinġi l-kompetizzjoni tikkostitwixxi żball ta' liġi. Il-Kummissjoni b'hekk irrikonoxxiet li t-test AEC ma kienx jagħmel parti mir-raġunament li fuqu huwa bbażat id-dispożittiv tad-deċiżjoni kontenzjuża. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-konstatazzjoni ta' dan l-iżball hija biżżejjed, waħedha, sabiex tiġġustifika d-dispożittiv tas-sentenza appellata, peress li kull allegat żball imwettaq mill-Qorti Ġenerali fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet magħmula minn din tal-aħħar wara din il-konstatazzjoni huwa irrilevanti.

90 Dan l-argument ma jistax jiġi aċċettat. Kif osservat, essenzjalment, il-Qorti Ġenerali fil-punt 149 tas-sentenza appellata, l-iżball relatat mal-klassifikazzjoni tat-tnaqqis ikkontestat bħala li jikkostitwixxi, min-natura tiegħu, ksur tal-Artikolu 102 TFUE ma kienx suffiċjenti sabiex tiġi annullata d-deċiżjoni kontenzjuża, peress li l-Kummissjoni kienet wettqet test AEC li kellu importanza reali fl-evalwazzjoni tal-kapaċità ta' dan it-tnaqqis li jeskludi kompetitur effiċjenti daqs Intel. Sussegwentement, l-annullament ta' din id-deċiżjoni mill-Qorti Ġenerali huwa bbażat, kif jirriżulta barra minn hekk mill-punt 524 tas-sentenza appellata, fuq l-iżbalji kkonstatati fil-kuntest tat-test AEC, fuq in-nuqqas ta' eżami tar-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat u fuq in-natura inkorretta tal-analiżi li l-Kummissjoni ddedikat għat-tul ta' dan it-tnaqqis. Minn dan isegwi li l-aggravji mqajma insostenn ta' dan l-appell jistgħu jikkontestaw l-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali li fuqhom huwa bbażat id-dispożittiv tas-sentenza appellata u jwasslu, bla ħsara għall-fondatezza tagħhom, għall-annullament ta' din is-sentenza. Konsegwentement, l-oġġezzjoni ta' Intel ibbażata fuq in-natura ineffettiva ta' dawn l-aggravji għandha tiġi miċħuda u, għaldaqstant, għandhom jiġu eżaminati.

Fuq l-ewwel aggravju, ibbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet ultra petita u wettqet interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li jeskludi l-kompetizzjoni

91 L-ewwel aggravju jinkludi żewġ partijiet, ibbażati, rispettivament, fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet *ultra petita* u, sussidjarjament, fuq il-fatt li hija wettqet interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljati tal-kriterji li jippermettu li tiġi rrikonoxxuta l-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li jeskludi l-kompetizzjoni.

Fuq l-ewwel aggravju, ibbażat fuq li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet ultra petita

– *L-argumenti tal-partijiet*

92 Il-Kummissjoni ssostni li Intel ma kinitx qajmet, fir-rikors tagħha fl-ewwel istanza, argument li l-portata tal-eżami, fid-deċiżjoni kontenzjuża, tal-kriterji relatati mar-rata ta' kopertura tas-suq u mat-tul tat-tnaqqis ikkontestat kienet insuffiċjenti. Intel allegatament argumentat f'dan is-sens biss fl-osservazzjonijiet prinċipali dwar il-kawża li ntbagħtet lura.

93 Fil-fatt, minn naħa, dan ir-rikors ma fih ebda riferiment għall-premessi tad-deċiżjoni kontenzjuża dwar l-importanza strateġika ta' OEM li bbenefikaw mit-tnaqqis ikkontestat. Fil-kuntest tal-appell li hija ppreżentat kontra s-sentenza inizjali, Intel ikkontestat biss l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali dwar l-importanza tar-rata ta' kopertura tas-suq minn dan it-tnaqqis. L-argument li Intel qajmet fl-imsemmi rikors kien jirrigwarda l-parti, allegatament limitata ħafna, tas-suq effettivament milqut mill-effett ta' esklużjoni antikompetittiv li jirriżulta mill-imsemmi tnaqqis u mhux fuq il-kwistjoni dwar jekk il-Kummissjoni kinitx analizzat b'mod adegwat ir-rata ta' kopertura tas-suq mill-imsemmi tnaqqis.

94 Min-naħa l-oħra, u b'mod simili, Intel ma kkontestatx il-portata tal-analiżi tat-tul tat-tnaqqis ikkontestat imwettqa mill-Kummissjoni, iżda sempliċement ikkontestat il-validità tal-approċċ ta' din l-istituzzjoni li kkonsista fl-akkumulazzjoni ta' ftehim għal żmien qasir konklużi mal-OEM u MSH, li hija kwistjoni downstream. B'hekk, insostenn tal-appell li hija ppreżentat mis-sentenza inizjali, Intel sempliċement ikkontestat il-kumulu ta' dawn il-ftehimiet, riprodott mill-Qorti Ġenerali sabiex issostni l-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li jeskludi l-kompetizzjoni. Kuntrarjament għal dak li tindika l-Qorti Ġenerali fil-punt 506 tas-sentenza appellata, l-ilmenti bbażati fuq it-tul tat-tnaqqis ikkontestat ma humiex marbuta ma' dawk ippreżentati fil-punti 102 u 111 sa 114 tar-rikors.

95 Sostnuta mill-ACT, Intel tikkontesta l-fondatezza ta' din il-parti tal-ewwel aggravju.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

96 Mir-regoli dwar il-proċedura quddiem il-qrati tal-Unjoni, b'mod partikolari mill-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kif ukoll mill-Artikolu 76 u mill-Artikolu 84(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali jirriżulta li t-tilwima bħala prinċipju hija ddeterminata u ddefinita mill-partijiet u li l-qorti tal-Unjoni ma tistax tiddeċiedi *ultra petita* (sentenza tat-13 ta' Lulju 2023, Il-Kummissjoni vs CK Telecoms UK Investments, C-376/20 P, EU:C:2023:561, punt 324), peress li l-annullament iddikjarat ma jistax jeċċedi dak mitlub mir-rikorrent. (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Novembru 2017, British Airways vs Il-Kummissjoni, C-122/16 P, EU:C:2017:861, punt 81 u l-ġurisprudenza ċċitata).

97 F'dan il-każ, kif ġie espost fil-punt 83 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali annullat, l-ewwel nett, l-Artikolu 1(a) sa (e) kif ukoll l-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kontenzjuża u, it-tieni nett, l-Artikolu 3 ta' din id-deċiżjoni biss fir-rigward tal-aġir deskritt fl-Artikolu 1(a) sa (e) tagħha. Barra minn hekk, skont il-punt 3 tad-dispożittiv tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-kumplament tar-rikors, jiġifieri fir-rigward tar-restrizzjonijiet ovvji u n-natura illegali tagħhom fid-dawl tal-Artikolu 102 TFUE.

98 Għandu jiġi rrilevat f'dan ir-rigward li, fil-punt 674 tar-rikors, Intel talbet, b'mod partikolari, l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża fl-intier tagħha, b'tali mod li l-annullament deċiż mill-Qorti Ġenerali huwa inqas minn dak mitlub minn Intel. Minn dan isegwi li, sa fejn il-Kummissjoni tikkritika formalment lill-Qorti Ġenerali talli ddeċidiet *ultra petita*, dan l-ilment għandu jiġi miċħud.

99 Il-Kummissjoni tikkritika wkoll lill-Qorti Ġenerali talli stħarrġet, fil-punti 485 sa 500 tas-sentenza appellata, il-legalità tal-evalwazzjonijiet imwettqa minnha fid-deċiżjoni kontenzjuża dwar ir-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat fid-dawl ta' motiv imqajjem għall-ewwel darba minn Intel fil-kuntest tal-osservazzjonijiet prinċipali dwar il-kawża li ntbagħtet lura. B'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali marret lil hinn mill-kuntest tat-tilwima kif iddeterminat u limitat mir-rikors u, jekk ikun il-każ, mir-replika, u b'hekk kisret l-Artikolu 84 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha.

100 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 84(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, li ebda motiv ġdid ma jista' jiġi ppreżentat matul il-kawża sakemm dan il-motiv ma jkunx ibbażat fuq punti ta' liġi u ta' fatt li joħorġu matul il-proċedura.

101 Minn dan isegwi li, kif enfasizzat ġustament il-Qorti Ġenerali fil-punt 106 tas-sentenza appellata, wara sentenza tal-kawża li ntbagħtet lura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-partijiet ma humiex ammissibbli, bħala prinċipju, li jinvokaw motivi li ma jkunux tqajmu matul il-proċedura li tat lok għas-sentenza tal-Qorti Ġenerali annullata mill-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tal-1 ta' Lulju 2008, Chronopost u La Poste vs UFEX *et*, C-341/06 P u C-342/06 P, EU:C:2008:375, punt 71). Huwa biss motiv li jikkostitwixxu estensjoni ta' motiv imressaq preċedentement, direttament jew impliċitament, fir-rikors promotur u li jkunu marbuta mill-qrib ma' dan il-motiv għandu jiġi ddikjarat ammissibbli (sentenza tal-11 ta' Marzu 2020, Il-Kummissjoni vs Gmina Miasto Gdynia u Port Lotniczy Gdynia Kosakowo, C-56/18 P, EU:C:2020:192, punt 66).

102 F'dan il-każ, wara li ddikjarat, fil-punt 12 tar-rikors, li, bi ksur tal-Artikolu 102 TFUE, il-Kummissjoni kienet naqset milli tevalwa l-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li tirrestrinġi l-kompetizzjoni fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, Intel esponiet, fil-punti 115 sa 117 tar-rikors li l-Kummissjoni kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-parti negliġibbli tas-suq taċ-CPU x86 ikkonċernat minn dan it-tnaqqis, li jinsab bejn 0.3 % u 2 % fis-sena. F'dawn l-istess punti tar-rikors, Intel ikkritikat ukoll l-approċċ tal-Kummissjoni li jikkonsisti fl-evalwazzjoni tal-effetti ta' esklużjoni antikompetittivi tal-imsemmi tnaqqis b'mod iżolat skont is-segment mis-suq, filwaqt li AMD setgħet tikkompeti f'segmenti mhux ikkonċernati mit-tnaqqis ikkontestat, u enfasizzat li l-Kummissjoni ma kinitx ikkonstatat l-għoti ta' tnaqqis lil diversi OEM oħra ewlenin. Intel żviluppat iktar dawn l-ilmenti fil-punti 12, 38, 37, 52, 155, 185, 208 u 257 tar-replika, fejn l-aħħar erba' punti jikkonċernaw, rispettivament, it-tnaqqis ikkontestat mogħti lil HP, lil Lenovo, lil NEC u lil MSH. Sabiex tiddokumenta l-kalkoli tagħha, Intel ripetutament għamlet riferiment għar-rapport tal-Professur Salop u ta' Dr Hayes tat-22 ta' Lulju 2009 (iktar 'il quddiem ir-"rapport Salop-Hayes").

103 Minn dan jirriżulta li, permezz tal-imsemmija lmenti, Intel essenzjalment sostniet quddiem il-Qorti Ġenerali li r-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat kienet dgħajfa sal-punt li teskludi kull kapaċità ta' esklużjoni antikompetittiva. Għaldaqstant, billi evalwat, fil-punti 492 sa 500 tas-sentenza appellata, il-legalità tal-evalwazzjonijiet imwettqa f'dan ir-rigward mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali ma marritx lil hinn mill-kuntest tat-tilwima kif kienet ġiet iddeterminata u limitata minn Intel fir-rikors tagħha fl-ewwel istanza.

104 Il-Kummissjoni ssostni wkoll li l-eżami, fis-sentenza appellata, tal-analiżi tat-tul tat-tnaqqis imwettaq fid-deċiżjoni kontenzjuża ma jikkorrispondi għal ebda motiv imqajjem fir-rikors, iżda jikkorrispondi biss għal motiv ġdid imqajjem fil-kuntest tal-osservazzjonijiet prinċipali u komplementari ta' Intel dwar il-kawża li ntbagħtet lura li huwa, minħabba f'hekk, inammissibbli.

105 F'dan ir-rigward, fil-punti 101 u 102 tar-rikors, Intel enfasizzat l-importanza tat-tul ta' prattika fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-kapaċità ta' din tal-aħħar li tirrestrinġi l-kompetizzjoni. F'dan il-kuntest, fil-punti 111 u 112 tar-rikors, dwar il-kapaċità ta' esklużjoni antikompetittiva tat-tnaqqis ikkontestat, Intel enfasizzat il-fatt li t-tnaqqis ikkontestat ingħata biss għal perijodi ta' ftit xhur u li l-OEM setgħu jtemmu xi wħud mill-ftehimiet li jippreveduhom bla ħsara għall-osservanza ta' terminu ta' 30 jum, b'tali mod li tali effett ta' esklużjoni ma setax jiġi preżunt. Intel tenniet dan l-argument fil-punt 39 tar-replika.

106 Minn dan jirriżulta li, permezz ta' dawn l-ilmenti, Intel sostniet, essenzjalment, li t-tul tat-tnaqqis ikkontestat kien tali li ma kienx jippermetti li tiġi preżunta l-kapaċità tagħhom li jipproduċu effett ta' esklużjoni antikompetittiv. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali qieset ġustament, fil-punt 506 tas-sentenza appellata, li tiċħad l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma f'dan ir-rigward mill-Kummissjoni, li l-argumenti ta' Intel ippreżentati fl-osservazzjonijiet prinċipali u addizzjonali tagħha dwar ir-riferiment fir-rigward tat-tul tat-tnaqqis ikkontestat kienu marbuta b'mod ċar ma' dawk ippreżentati fir-rikors tagħha u li kienu, minħabba f'hekk, ammissibbli.

107 Minn dan isegwi li l-ewwel parti tal-ewwel aggravju għandha tiġi miċħuda.

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljati tal-kriterji dwar il-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li teskludi l-kompetizzjoni

– *L-argumenti tal-partijiet*

108 Sussidjarjament, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali llimitat l-eżami tagħha dwar il-kriterji stabbiliti fil-punt 139 tas-sentenza tal-appell għan-natura suffiċjenti tal-analiżi tar-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat u tat-tul tagħha mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni ebda wieħed mill-kriterji l-oħra rilevanti għall-evalwazzjoni tal-kapaċità ta' dan it-tnaqqis li teskludi l-kompetizzjoni. Dan l-approċċ imur kontra r-rekwiżit ta' evalwazzjoni globali taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tal-kawża.

109 F'dan ir-rigward, mingħajr ma huma eżawrjenti, il-kriterji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 139 tas-sentenza tal-appell jagħmlu parti miċ-ċirkustanzi rilevanti sabiex tiġi evalwata l-kapaċità ta' sistema ta' tnaqqis li teskludi l-kompetizzjoni. Il-kriterji inkwistjoni għalhekk ma humiex kumulattivi, fis-sens li l-Kummissjoni ma hijiex obbligata tanalizza kull wieħed minnhom separatament u lanqas li tattribwixxi lil kull wieħed minnhom l-istess piż. Minn dan isegwi li l-kapaċità ta' sistema ta' tnaqqis li teskludi l-kompetizzjoni ma tistax tiġi invalidata abbażi ta' ċirkustanza waħda jew ta' żewġ ċirkustanzi eżaminati b'mod iżolat. Madankollu, fil-punti 519

sa 521 u 525 sa 527 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-fatt li l-Kummissjoni ma eżaminatx debitament il-kriterju dwar ir-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat u li ma wettqitx analiżi korretta tat-tul tat-tnaqqis ikkontestat kien biżżejjed sabiex iwassal għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża. Fil-fatt, minn naħa, sa fejn il-Qorti Ġenerali bbażat l-evalwazzjoni tagħha fuq l-iżbalji kkonstatati fit-test AEC ma jirriżultax b'mod ċar mis-sentenza appellata. Min-naħa l-oħra, fil-punt 525 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-kapaċità ta' esklużjoni antikompetittiva ma tistax titqies bħala li ġiet prodotta l-prova tagħha jekk il-Kummissjoni ma teżaminax debitament il-kriterji dwar ir-rata ta' kopertura tas-suq u t-tul tat-tnaqqis.

110 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali tidher li adottat approċċ formalistiku, li skontu l-Kummissjoni kellha teżamina l-kriterji kollha stabbiliti fil-punt 139 tas-sentenza tal-appell u tagħti lil kull wieħed minnhom l-istess piż, indipendentement, minn naħa, mill-importanza relattiva ta' kull kriterju fil-kuntest speċifiku tal-kawża li hija adita biha u, min-naħa l-oħra, minn evalwazzjoni globali taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha li jistgħu juru l-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li jeskludi l-kompetizzjoni.

111 Issa, skont il-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx tasal għal konklużjoni dwar il-kapaċità tal-aġir inkriminat li jeskludi l-kompetizzjoni mingħajr ma teżamina, l-ewwel nett, id-daqs tal-pożizzjoni dominanti ta' Intel fis-suq rilevanti, it-tieni nett, il-kundizzjonijiet u l-modalitajiet tal-għoti tat-tnaqqis ikkontestat kif ukoll l-influwenza tagħhom fuq id-deċiżjonijiet tal-OEM u ta' MSH dwar il-provvisti tagħhom, it-tielet nett, l-ammont ta' dan it-tnaqqis, ir-raba' nett, il-kalendarju tagħhom u, il-ħames nett, l-eżistenza ta' strateġija antikompetittiva.

112 B'mod partikolari, fir-rigward tal-ewwel żewġ kriterji msemmija fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza, Intel ma kkontestatx il-fatt li l-kundizzjoni ta' provvista esklużiva, li minnha jiddependi t-tnaqqis ikkontestat, influwenzat id-deċiżjonijiet tal-OEM u ta' MSH dwar is-sorsi ta' provvista tagħhom. B'mod simili, fid-dawl tad-duopolju li jikkaratterizza s-suq taċ-CPU x86, l-eżistenza ta' strateġija intiża li teskludi lil AMD timplika riskju ta' eliminazzjoni ta' kull kompetizzjoni f'dan is-suq. Madankollu, il-Qorti Ġenerali naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-eżistenza ta' tali strateġija mhux biss bħala kriterju fih innifsu rilevanti, iżda wkoll fil-kuntest tat-test AEC. Barra minn hekk, skont il-Kummissjoni, il-kalendarju tat-tnaqqis ikkontestat huwa ta' importanza ikbar, peress li juri li l-implimentazzjoni ta' dawn tal-aħħar kienet tissodisfa l-inkapaċità ta' Intel li tipproduċi, fi żmien xieraq, risposta teknika għaċ-CPU x86 sa 64 bits ikkummerċjalizzati minn AMD.

113 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni kontenzjuża għas-sempliċi raġuni li l-Kummissjoni ma kinitx analizzat b'mod suffiċjenti żewġ kriterji fost dawk stabbiliti fil-punt 139 tas-sentenza tal-appell. Issa, dan il-fatt ma huwiex biżżejjed sabiex jiġi annullat att ibbażat fuq numru ta' evalwazzjonijiet kumplessi, jekk elementi oħra ta' dawn l-evalwazzjonijiet, li ma ġewx ikkontestati jew ġew ivvalidati, huma biżżejjed sabiex isostnu l-konklużjoni li jasal għaliha l-imsemmi att. B'hekk, il-Qorti Ġenerali kellha teżamina jekk, minkejja l-lakuni kkonstatati fil-portata tal-eżami taż-żewġ kriterji inkwistjoni mwettaq fid-deċiżjoni kontenzjuża, din tal-aħħar kinitx tinkludi analiżi fid-dawl tal-kriterji l-oħra li jiġġustifikaw il-konstatazzjoni tal-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li jeskludi l-kompetizzjoni.

114 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni li l-Qorti Ġenerali kellha teżamina qabelxejn jekk, matul il-proċedura amministrattiva, Intel kinitx qajmet argumenti preċiżi dwar ir-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat u tat-tul ta' dan it-tnaqqis, ta' natura li jikkonfuta l-preżunzjoni dwar il-kapaċità tal-imsemmi tnaqqis li jeskludi l-kompetizzjoni. Huwa biss f'dan

il-każ li l-Kummissjoni kienet obbligata, abbażi tad-dritt għal smigħ, li tittratta dawn iż-żewġ kriterji fid-deċiżjoni kontenzjuża. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kellha teżamina jekk analiżi jew ippeżar differenti ta' dawn iż-żewġ kriterji mill-Kummissjoni kinux iwasslu għall-konklużjoni li l-esklużjoni antikompetittiva ma kinitx possibbli. B'hekk, il-Qorti Ġenerali kellha tqis l-importanza ta' dawn il-kriterji fid-dawl tal-eżistenza ta' strateġija ġenerali li Intel implementat sabiex teskludi lil AMD, l-uniku kompetitur tagħha fis-suq taċ-CPU x86. Issa, l-eżistenza ta' intenzjoni ta' esklużjoni tal-kompetituri tista' tikkontrobilanċja kull dubju dwar il-kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat u t-tul tagħha.

115 Intel u ACT jirrifjutaw il-fondatezza ta' din il-parti tal-ewwel aggravju.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

116 Għandu jitfakkar li parti li, skont l-Artikolu 40 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, titħalla tintervjeni f'tilwima mressaq quddiem din tal-aħħar ma tistax tbiddel is-suġġett tat-tilwima hekk kif iddefinit mit-talbiet u mill-motivi tal-partijiet prinċipali. Minn dan isegwi li huma biss l-argumenti ta' intervenjent li jaqgħu fil-kuntest iddefinit minn dawn it-talbiet u aggravji li huma ammissibbli, peress li l-intervenjenti ma tistax tinvoka aggravji ġodda, distinti minn dawk invokati mill-appellanti. (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, DTS Distribuidora de Televisión Digital vs Il-Kummissjoni, C-449/14 P, EU:C:2016:848, punti 114 sa 121).

117 L-ilment imqajjem mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Qorti Ġenerali kellha teżamina qabelxejn jekk, matul il-proċedura amministrattiva, Intel kinitx qajmet argumenti preċiżi dwar ir-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat u tat-tul ta' dan it-tnaqqis, għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli. Fil-fatt, dan l-ilment ma huwa marbut ma' ebda aggravju mqajjem mill-Kummissjoni insostenn tal-appell. Barra minn hekk, hija tikkontradixxi, fir-realtà, l-affermazzjoni li tagħmel din tal-aħħar fil-kuntest tat-tieni motiv, li tgħid li Intel issottomettiet, matul il-proċedura amministrattiva, volum kbir ħafna ta' provi dwar il-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li jipproduċi l-effetti ta' esklużjoni antikompetittivi kkritikati, fatt li, skont il-punti 138 u 139 tas-sentenza tal-appell, jimplika li l-Kummissjoni kienet obbligata tanalizza, b'mod partikolari, ir-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat kif ukoll it-tul tagħha.

118 Fir-rigward tal-ilmenti li fuqhom tibbaża ruħha l-Kummissjoni fil-kuntest tat-tieni parti tal-ewwel aggravju, għandu jiġi rrilevat li, fl-appell tagħha, il-Kummissjoni tesponi li din il-parti hija bbażata fuq il-premessa li l-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni kontenzjuża billi bbażat ruħha esklużivament fuq il-fatt li hija ma kinitx debitament eżaminat il-kriterju dwar ir-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat u ma kinitx wettqet analiżi korretta tat-tul ta' dan it-tnaqqis. Il-Kummissjoni tindika wkoll li, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li din il-premessa hija żbaljata, hemm lok li jiġu eżaminati l-aggravji l-oħra.

119 Sabiex tiġġustifika l-imsemmija premessa, il-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq il-punt 525 tas-sentenza appellata, li l-kontenut tiegħu huwa riprodott fil-punt 81 ta' din is-sentenza.

120 Minn dan il-punt 525, li jikkonċerna b'mod partikolari t-tnaqqis ikkontestat mogħti minn Intel lil HP, il-Kummissjoni tiddeduċi li, minkejja r-riferiment espress, magħmul fil-punt 524 tas-sentenza appellata, għal tliet motivi li huma l-bażi tal-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża, jiġifieri, l-ewwel nett, l-iżbalji li jivvizzjaw it-test AEC fir-rigward tal-OEM u ta' MSH, it-tieni nett, l-eżami difettuż tar-rata ta' kopertura tas-suq bit-tnaqqis ikkontestat u, it-tielet nett, l-analiżi

żbaljata tat-tul ta' dan it-tnaqqis, il-Qorti Ġenerali fir-realtà bbażat dan l-annullament biss fuq l-evalwazzjonijiet relatati mal-aħħar żewġ motivi. Billi adottat dan l-approċċ, il-Qorti Ġenerali, skont il-Kummissjoni, evalwat b'mod astratt u formalistiku n-natura suffiċjenti tal-eżami ta' dawn iż-żewġ kriterji mwettaq minnha, mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni l-importanza relattiva ta' kull wieħed minnhom u mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni ċirkustanzi oħra analizzati fid-deċiżjoni kontenzjuża.

121 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, wara li kkunsidrat, fil-punti 145 u 147 tas-sentenza appellata, li kien ivvizzjat bi żball ta' liġi l-approċċ adottat fid-deċiżjoni kontenzjuża, li jgħid li t-tnaqqis ikkontestat kien min-natura tiegħu abbużiv indipendentement mill-kapaċità tiegħu li jirrestrinġi l-kompetizzjoni permezz tal-esklużjoni ta' kompetitur daqstant effiċjenti, b'tali mod li test AEC ma kienx neċessarju sabiex tiġi evalwata din il-kapaċità, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 149 ta' din is-sentenza, li l-Kummissjoni kienet xorta waħda wettqet tali test u li dan kellu importanza reali fl-evalwazzjoni tal-imsemmija kapaċità, b'tali mod li kien għad hemm lok li jiġu eżaminati l-argumenti ta' Intel ifformulati fir-rigward ta' dan it-test. B'koerenza ma' din l-evalwazzjoni, il-Qorti Ġenerali eżaminat, fil-punti 150 sa 482 tal-imsemmija 'sentenza, l-argumenti ta' Intel ibbażati fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni kontenzjuża kellha tiġi annullata minħabba li t-test AEC imwettaq fir-rigward ta' Dell, ta' HP, ta' NEC, ta' Lenovo u ta' MSH kien ivvizzjat minn diversi żbalji (ara l-punti 42 sa 61 ta' din is-sentenza)

122 Kien biss wara li kkunsidrat, fil-punt 482 tas-sentenza appellata, li kien hemm lok li tintlaqa' parti kbira minn dawn l-argumenti, li l-Qorti Ġenerali eżaminat, fil-punti 483 sa 520 ta' din is-sentenza, l-argumenti ta' Intel u ta' ACT ibbażati fuq il-fatt li l-Kummissjoni ma kinitx debitament analizzat, bħala kriterji msemmija fil-punt 139 tas-sentenza tal-appell, ir-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat, minn naħa, u t-tul u l-ammont ta' dan it-tnaqqis, min-naħa l-oħra. (ara l-punti 62 sa 77 ta' din is-sentenza)

123 Fi tmiem dan l-eżami, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 521 tas-sentenza appellata, li Intel kienet fondata meta sostniet li l-analiżi tal-kriterji msemmija fil-punt 139 tas-sentenza tal-appell imwettqa fid-deċiżjoni kontenzjuża kienet ivvizzjata b'diversi żbalji, sa fejn il-Kummissjoni ma kinitx eżaminat b'mod xieraq il-kriterju dwar ir-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat u ma kinitx wettqet analiżi korretta tat-tul ta' dan it-tnaqqis.

124 B'hekk, fil-punti 523 u 524 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali spjegat li, għalkemm il-Kummissjoni kienet ikkonstatat, abbażi ta' test AEC imwettaq fil-premessi 1002 sa 1575 tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li teskludi kompetitur effiċjenti daqs Intel u li b'hekk tirrestrinġi l-kompetizzjoni, xorta jibqa' l-fatt, l-ewwel nett, li dan it-test kien ivvizzjat bi żbalji, it-tieni nett, li l-Kummissjoni ma kinitx debitament eżaminat il-kriterju dwar ir-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat u, it-tielet nett, li hija ma kinitx wettqet analiżi korretta tat-tul ta' dan it-tnaqqis.

125 F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali fakkret, fil-punt 525 tas-sentenza appellata, li l-iżball ikkonstatat fit-test AEC fir-rigward b'mod partikolari tat-tnaqqis ikkontestat mogħti lil HP kien jirrigwarda l-perijodu mill-1 ta' Novembru 2002 sat-30 ta' Settembru 2003 filwaqt li l-perijodu tal-ksur fir-rigward ta' dan l-OEM kien mifrux minn Novembru 2002 sa Mejju 2005. Madankollu, fid-dawl tal-fatt li l-Kummissjoni ma kinitx eżaminat debitament il-kriterju dwar ir-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat u ma kinitx wettqet analiżi korretta tat-tul ta' dan it-tnaqqis ikkontestat, il-Qorti Ġenerali qieset li l-kapaċità tal-prattika implimentata fir-rigward

ta' HP li toħloq effett ta' esklużjoni antikompetittiv ma tistax tiġi stabbilita sal-grad rikjest mil-liġi għall-perijodu kollu tal-ksur, anki jekk kellu jitqies li t-test AEC kien probatorju għal parti minn dan il-perijodu.

126 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Kummissjoni tinterpreta b'mod żbaljat il-punt 525 tas-sentenza appellata.

127 Fil-fatt, minn naħa, dan il-punt 525, sa fejn jirrigwarda biss it-tnaqqis mogħti lil HP, ma jistax jikkontesta l-fatt li, kif jirriżulta mill-punt 524 tas-sentenza appellata, il-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li jeskludi kompetitur effiċjenti daqs Intel mis-suq ikkostitwit minn Dell, Lenovo, NEC u MSH, tibbaża ruħha fuq l-eżami ta' diversi kriterji, jiġifieri t-test AEC, ir-rata ta' kopertura tas-suq u t-tul ta' dan it-tnaqqis. Min-naħa l-oħra, sa fejn din il-kapaċità għandha tiġi evalwata biss fid-dawl tat-tnaqqis ikkontestat mogħti lil HP, mill-punt 525 ta' din is-sentenza jirriżulta li r-rata ta' kopertura tas-suq minn dan it-tnaqqis u t-tul tiegħu huma ta' importanza iktar fundamentali għall-konstatazzjoni ta' tali kapaċità u għalhekk ta' ksur għall-perijodu kollu tal-ksur. Issa, il-Kummissjoni ma ssostnix li d-deċiżjoni kontenzjuża tinkludi analiżi li tista' turi l-eżistenza ta' kapaċità ta' esklużjoni antikompetittiva abbażi biss tat-tnaqqis mogħti lil HP u dan għall-perijodu minn Ottubru 2003 sa Mejju 2005. Barra minn hekk, mill-punti 483 sa 521 tal-imsemmija sentenza ma jirriżultax li d-deċiżjoni kontenzjuża tinkludi tali analiżi.

128 Minn dan jirriżulta li l-punt 525 tas-sentenza appellata ma jistax jinftiehem b'mod iżolat mill-kuntest tiegħu, bħala li jimplika li tiġi injorata l-analiżi tal-Qorti Ġenerali dwar it-test AEC, magħmula fil-punti 150 sa 482 ta' din is-sentenza, minkejja li huwa espressament indikat, fil-punt 524 tal-imsemmija sentenza, li din l-istess analiżi hija l-bażi tal-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża bl-istess mod bħall-evalwazzjonijiet dwar ir-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat u t-tul ta' dan it-tnaqqis. Il-premessa esposta fil-punt 118 ta' din is-sentenza, li fuqha l-Kummissjoni tibbaża t-tieni parti tal-ewwel aggravju hija, għaldaqstant, ineżatta.

129 L-ineżattezza ta' din il-premessa timplika wkoll li l-Kummissjoni ma tistax validament tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli annullat id-deċiżjoni kontenzjuża għal motiv purament formali, li jgħid li din l-istituzzjoni kellha teżamina kull wieħed mill-kriterji stabbiliti fil-punt 139 tas-sentenza tal-appell separatament u bl-istess livell ta' dettall, indipendentement mill-piż relattiv ta' kull kriterju fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ.

130 F'dan ir-rigward, kif jirriżulta mill-punti 137 sa 139 tas-sentenza tal-appell, ir-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat u t-tul tiegħu jagħmlu parti mill-elementi li l-Kummissjoni għandha tevalwa sabiex tistabbilixxi li l-impriża implikata wettqet abbuż minn pożizzjoni dominanti, il-fatt li din l-impriża ssostni, matul il-proċedura amministrattiva, provi ta' sostenn, li l-aġir tagħha ma kellux il-kapaċità li jipproduċi effett ta' esklużjoni antikompetittiv li jwassal, għal din l-istituzzjoni, għall-obbligu partikolari li tevalwa l-eżistenza eventwali ta' strateġija intiża li teskludi l-kompetituri minn tal-inqas daqstant effettivi.

131 F'dan il-kuntest, minn naħa, kif jirriżulta mill-punti 485, 493 sa 495, 509 u 510 tas-sentenza appellata, u kuntrarjament għal dak li tallega l-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali fittxet li tidentifika l-premessi tad-deċiżjoni kontenzjuża li jistgħu jkunu rilevanti fir-rigward tar-rata ta' kopertura tas-suq permezz tat-tnaqqis ikkontestat u tat-tul ta' dan it-tnaqqis.

132 Min-naħa l-oħra, mill-punti 493 sa 500 u 506 sa 520 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali identifikat sensiela ta' lakuni li jivvizzjaw il-premessi rilevanti tad-deċiżjoni kontenzjuża li wassluha sabiex tikkunsidra li l-Kummissjoni ma kinitx eżaminat debitament il-kriterju dwar ir-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat u lanqas it-tul ta' dan it-tnaqqis bħala elementi li jippermettu li tiġi stabbilita l-kapaċità tagħha li tipproduċi effett ta' esklużjoni antikompetittiv. Issa, il-Kummissjoni ma tikkontestax, fil-kuntest ta' dan l-appell, dawn l-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali.

133 Barra minn hekk, l-ilment tal-Kummissjoni, kondiviż mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, li jgħid li l-Qorti Ġenerali ma setgħetx tannulla d-deċiżjoni kontenzjuża mingħajr ma teżamina l-importanza tal-pożizzjoni dominanti ta' Intel fis-suq rilevanti, il-kundizzjonijiet u l-modalitajiet għall-għoti tat-tnaqqis ikkontestat u tal-ħlasijiet inkwistjoni kif ukoll l-influwenza tagħhom fuq id-deċiżjonijiet tal-OEM u ta' MSH dwar il-provvisti tagħhom, l-ammont ta' dan it-tnaqqis, il-kalendarju tagħhom u l-eżistenza ta' strateġija antikompetittiva lanqas ma jista' jintlaqa'.

134 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, sa fejn jagħmel parti integrali mit-tieni parti tal-ewwel aggravju, dan l-ilment huwa bbażat, huwa wkoll, fuq il-premessa żbaljata li tgħid li l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża huwa esklużivament ibbażat fuq l-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar ir-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat u t-tul ta' dan it-tnaqqis.

135 It-tieni nett, skont is-sentenza appellata, l-unika analiżi li tinsab fid-deċiżjoni kontenzjuża intiża sabiex turi li t-tnaqqis ikkontestat li jikkostitwixxi abbuż indipendentement mill-kapaċità tagħha li teskludi kompetitur effiċjenti daqs Intel hija dik li tirriżulta b'mod partikolari mill-premessi 920 sa 926, 950, 972, 981, 989, 1000 u 1001 ta' din id-deċiżjoni, eżaminati fil-punti 133 sa 144 tas-sentenza appellata. Kif osservat il-Qorti Ġenerali fil-punti 145 sa 147 ta' din is-sentenza, mill-punti 137 sa 139 u 141 tas-sentenza tal-appell jirriżulta li din l-analiżi hija vvizzjata bi żball ta' liġi.

136 Issa, sa fejn il-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq il-pożizzjoni dominanti ta' Intel, fuq in-natura kundizzjonali tat-tnaqqis u fuq l-eżistenza ta' strateġija intiża sabiex teskludi kompetitur minn din tal-aħħar, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk dan huwiex effiċjenti daqs Intel, l-argumenti hekk invokati insostenn ta' dan l-ilment huma bbażati, impliċitament iżda neċessarjament, fuq l-idea ta' natura abbużiva *per se* tat-tnaqqis ikkontestat.

137 Sa fejn il-Kummissjoni tinvoka l-ammont tat-tnaqqis ikkontestat, il-fatturi ta' tisħiħ tal-effetti ta' esklużjoni u n-natura strateġika ta' OEM benefiċjarji ta' dan it-tnaqqis, għandu jiġi rrilevat li, kuntrarjament għal dak li ssostni din l-istituzzjoni, il-Qorti Ġenerali eżaminat dawn l-elementi fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet li hija għamlet dwar it-test AEC, ir-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat jew it-tul tiegħu.

138 Il-Kummissjoni tikkritika b'hekk, fir-realtà, lill-Qorti Ġenerali talli ma eżaminatx jekk id-diversi kapitoli tad-deċiżjoni kontenzjuża fihomx elementi li jippermettu li jiġi stabbilit raġunament intiż sabiex juri l-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li tipproduċi effett ta' esklużjoni antikompetittiv, minkejja l-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar ir-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat u t-tul tagħha, filwaqt li l-Kummissjoni ma tikkontestax dawn il-konstatazzjonijiet fil-kuntest ta' dan l-appell. Issa, indipendentement mill-fatt li, waħedhom, il-kriterji li fuqhom tibbaża ruħha l-Kummissjoni ma jidhrux suffiċjenti sabiex jiġi kkonstatat ksur tal-Artikolu 102 TFUE, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx twettaq tali eżami, peress li, kif fakkret, essenzjalment, fil-punt 150 tas-sentenza appellata, hija ma tistax tbiddel l-elementi li jikkostitwixxu l-ksur ikkonstatat mill-Kummissjoni billi tissostitwixxi l-motivazzjoni tagħha għal

dik tal-awtur tal-att li tiegħu hija tistħarreġ il-legalità skont l-Artikolu 263 TFUE. (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2022, Sony Corporation ut Sony Electronics vs Il-Kummissjoni, C-697/19 P, EU:C:2022:478, punt 95 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

139 Minn dan isegwi li, billi identifikat, fil-punti 150 sa 527 tas-sentenza appellata, l-iżbalji li, fil-fehma tagħha, kienu jivvizzjaw b'illegalità l-motivi tad-deċiżjoni kontenzjuża fir-rigward tat-tmexxija tat-test AEC, tar-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat u t-tul tagħha, b'tali mod li dawn il-motivi ma kinux, skont l-analiżi tagħha, adatti sabiex jistabbilixxu ksur tal-Artikolu 102 TFUE u, minħabba f'hekk, iservu bħala bażi għall-Artikolu 1(a) sa (e) ta' din id-deċiżjoni, il-Qorti Ġenerali ma kisritx il-kriterji dwar il-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li jeskludi l-kompetizzjoni.

140 Konsegwentement, it-tieni parti tal-ewwel aggravju għandha tiġi miċħuda, b'tali mod li l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

Fuq it-tieni aggravju, ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża tal-Kummissjoni

L-argumenti tal-partijiet

141 Skont il-Kummissjoni, peress li t-tnaqqis ikkontestat mogħti minn Intel huwa preżunt abbużiv, din l-istituzzjoni ma tistax tkun obbligata timmotiva d-deċiżjoni kontenzjuża b'mod li tissodisfa mhux biss il-volum kbir ħafna ta' provi prodotti minn Intel matul il-proċedura amministrattiva, iżda wkoll argumenti li hija ma qajmitx matul din il-proċedura. Matul il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, Intel ippreżentat, fil-forma ta' rapporti ta' perizji ekonomiċi, argumenti addizzjonali dwar it-test AEC. Minkejja l-fatt li l-Qorti Ġenerali ħadet inkunsiderazzjoni dawn id-diversi provi ġodda, din tal-aħħar irrifjutat, fil-punti 235, 236, 252, 253, 316, 317, 443 u 444 tas-sentenza appellata, li tieħu inkunsiderazzjoni l-konfutazzjonijiet ta' dawn il-provi prodotti mill-Kummissjoni, minħabba li tali eżami kien iwassalha sabiex tissostitwixxi r-raġunament tagħha għal dak espost fid-deċiżjoni kontenzjuża. Issa, dawn il-konfutazzjonijiet ma għandhomx l-għan li jimlew kwalunkwe lakuna fil-motivazzjoni ta' din id-deċiżjoni iżda li jirrispondu għall-analiżi ekonomiċi ġodda pprovduti minn Intel għall-ewwel darba fil-mori tal-kawża. Għaldaqstant, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-argumenti tal-Kummissjoni ma wasslitx lill-Qorti Ġenerali sabiex tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha mal-analiżi li jinsabu fid-deċiżjoni kontenzjuża.

142 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali kisret id-drittijiet tad-difiża tal-Kummissjoni f'dak li jirrigwarda, l-ewwel nett, il-kalkolu tal-parti kontestabbli ta' Dell, it-tieni nett, il-kapaċità ta' esklużjoni tat-tnaqqis ikkontestat mogħti lil HP bejn Novembru 2002 u Settembru 2003 u, it-tielet nett, il-valur tal-vantaġġi *in natura* mogħtija lil Lenovo.

143 Intel tikkontesta l-fondatezza tat-tieni aggravju.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

144 Għandu jitfakkar, minn naħa, li, kif jirriżulta mill-punti 137 sa 139 tas-sentenza tal-appell, il-Kummissjoni għandha l-obbligu li tevalwa l-eżistenza eventwali ta' strateġija tal-impriża f'pożizzjoni dominanti intiża li teskludi l-kompetituri li huma mill-inqas effiċjenti daqsha biss

jekk din l-impriża ssostni, matul il-proċedura amministrattiva, provi ta' sostenn, li l-aġir tagħha ma kellux il-kapaċità li jirrestrinġi l-kompetizzjoni u, b'mod partikolari, li jipproduċi l-effetti ta' esklużjoni allegati.

145 Minn dan isegwi li, meta tiġi prodotta l-prova ta' din il-kapaċità mill-Kummissjoni permezz ta' rest AEC fid-dawl tal-provi prodotti mill-impriża inkriminata, il-Qorti Ġenerali ma tistax tikkonkludi li dan it-test huwa invalidu billi tibbaża ruħha fuq elementi li l-imsemmija impriża pproduċiet għall-ewwel darba quddiemha għal dan l-għan, minkejja li ma kinux magħrufa mill-Kummissjoni u setgħu jiġu ppreżentati matul il-proċedura amministrattiva.

146 Min-naħa l-oħra, skont il-metodoloġija adottata mill-Kummissjoni sabiex tevalwa l-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li jeskludi kompetitur effiċjenti daqs Intel, ir-riżultat, pożittiv jew negattiv, tat-test AEC, fis-sens espost fil-punt 158 tas-sentenza appellata, huwa ddeterminat, fl-aħħar mill-aħħar, permezz ta' paragun bejn il-parti kontestabbli u l-parti rikjesta. Din tal-aħħar hija l-parti tal-bżonnijiet tal-klijent li kompetitur effiċjenti daqs Intel għandu jikseb sabiex ikun jista' jaċċedi għas-suq mingħajr ma jġarrab telf. Għalkemm il-parti kontestabbli hija ikbar mill-parti rikjesta, ir-riżultat tat-test AEC huwa pożittiv għal Intel, filwaqt li s-sitwazzjoni kuntrarja twassal għal riżultat negattiv u għalhekk sabiex tiġi kkonstatata kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li jeskludi kompetitur effiċjenti daqs din l-impriża.

147 Fl-ewwel lok, fir-rigward tas-sitwazzjoni ta' Dell, fil-punti 204 sa 206, 215 u 220 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ppreżentat il-provi invokati minn Intel sabiex tikkontesta l-kalkolu tal-parti kontestabbli ta' 7.1 % li l-Kummissjoni kienet qieset fir-rigward ta' din l-impriża fid-deċiżjoni kontenzjuża.

148 L-ewwel nett, din hija posta elettronika datata 10 ta' Novembru 2005 u redatta minn direttur ta' Dell, imsejħa "D1" (iktar 'il quddiem il-"posta elettronika ta' D1"), li minnha jirriżulta li t-trasferiment tat-talba ta' Dell lejn AMD seta' jikkonċerna sa 25 % tal-volum ta' CPU x86, peress li dan id-direttur barra minn hekk ikkonferma taħt ġurament il-kontenut tal-imsemmija posta elettronika fil-kuntest ta' proċedura kontenzjuża privata bejn Intel u AMD fl-Istat ta' Delaware (l-Istati Uniti tal-Amerika). Fil-punt 204 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenvverali tispjega, barra minn hekk, li, skont ir-rapport Salop-Hayes, prodott minn Intel għall-ewwel darba quddiem il-Qorti Ġenerali, il-projezzjoni f'volum ta' 25 % tal-bżonnijiet ta' Dell kienet tfisser parti kontestabbli ta' 17.5 % għall-ewwel sena, jew ta' 12.5 %, jekk jintuża l-approċċ tal-Kummissjoni, li Intel kienet tqis irraġonevoli.

149 It-tieni, posta elettronika tad-9 ta' Marzu 2004 u redatta minn direttur ieħor ta' Dell, imsejħa "D5", kienet tagħmel riferiment għal trasferiment possibbli tal-provvisti ta' Dell lejn AMD għal 25 % tal-volum totali tal-bżonnijiet ta' Dell f'CPU x86 f'90 jum (iktar 'il quddiem il-"posta elettronika ta' D5").

150 It-tielet nett, dikjarazzjoni magħmula fil-21 ta' Diċembru 2007, kif jirriżulta mill-punt 194 tas-sentenza appellata, minn impjegat responsabbli fi ħdan Intel tar-relazzjoni ma' Dell fiż-żmien tal-fatti, imsejjaħ "I1", tindika li Intel kienet tqis internament li l-parti kontestabbli tal-bżonnijiet ta' Dell għal CPU x86 kienet bejn 15 % u 25 % matul l-ewwel sena (iktar 'il quddiem id-"dikjarazzjoni ta' I1").

151 Fl-aħħar nett, ir-raba' nett, dikjarazzjoni ta' D1, magħmula fil-kuntest tal-proċedura kontenzjuża privata bejn Intel u AMD fl-Istat ta' Delaware, tikkonferma l-kontenut tal-ittra elettronika tiegħu tal-10 ta' Novembru 2005, filwaqt li dikjarazzjoni ta' direttur ieħor ta' Dell, imsejħa "D3", magħmula fil-kuntest ta' din l-istess proċedura, tindika li d-dikjarant ma kellu ebda raġuni sabiex jistaqsi dwar l-eżattezza tal-proposti ta' D1.

152 Mill-punti 174, 196, 209 sa 211 u 222 tas-sentenza appellata jirriżulta li, bl-eċċezzjoni tar-rapport Salop-Hayes, id-dokumenti kollha invokati minn Intel kienu jagħmlu parti mill-fajl amministrattiv u li dan kien inkwistjoni fid-deċiżjoni kontenzjuża, fatt li ma huwiex ikkontestat mill-Kummissjoni. Din tal-aħħar tiffoka l-argumenti tagħha fuq l-użu, mill-Qorti Ġenerali, tar-rapport Salop-Hayes sabiex tqiegħed fid-dubju l-parti kontestabbli ta' 7.1 % ikkalkolata minn din l-istituzzjoni f'din id-deċiżjoni, u tikkritika r-rifjut, mill-Qorti Ġenerali, li tieħu inkunsiderazzjoni analiżijiet li ma jagħmlux parti mill-motivazzjoni tal-imsemmija deċiżjoni, li l-Kummissjoni annettiet mar-risposta u mal-kontroreplika ppreżentati fil-kuntest tal-proċedura fl-ewwel istanza.

153 F'dan ir-rigward, mill-punti 171, 229, 233 u 234 tas-sentenza appellata jirriżulta li, fir-rigward tat-test AEC dwar Dell, il-Kummissjoni kkunsidrat parti kontestabbli ta' 7.1 % abbażi ta' skeda ta' kalkolu ta' Jannar 2004 (iktar' il quddiem l-"iskeda ta' kalkolu tal-2004") li Dell kienet ipprovditilha matul il-proċedura amministrattiva. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ddeduċiet il-parti kontestabbli ta' 7.1 % abbażi ta' trasferiment tat-talba ta' Dell lejn AMD fir-rigward ta' 7 % tal-volum ta' CPU x86 li, skont l-iskeda ta' kalkolu tal-2004, Dell kellha l-intenzjoni li tixtri mingħand din l-aħħar impriża għall-2005.

154 Fil-punt 175 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rreferiet għall-paragun tal-parti rikjesta mal-parti kontestabbli, kif imwettaq mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kontenzjuża. Minn dan il-paragun, il-Kummissjoni kkonkludiet li, għal disgħa mit-tlettax il-trimestru li jikkostitwixxu l-perijodu ta' ksur fir-rigward ta' Dell, il-parti rikjesta kienet ogħla mill-parti kontestabbli.

155 Ċertament, kif jirriżulta mill-punt 204 tas-sentenza appellata, iddedikat għall-preżentazzjoni tal-argument ta' Intel, ir-rapport Salop-Hayes ippermetta li l-projezzjoni tiġi tradotta f'volum ta' 25 % tal-bżonnijiet ta' Dell li jirriżultaw mill-posta elettronika ta' D1 u ta' D5 f'sehem kontestabbli, billi jistabbilixxi dan is-sehem għal 17.5 % għall-ewwel sena, perċentwali li jitnaqqas għal 12.5 % li kieku kellu jintuża l-approċċ tal-Kummissjoni, li Intel tiċħad.

156 Madankollu, l-ewwel nett, mill-punti 220 sa 234 tas-sentenza appellata, iddedikati għall-evalwazzjoni tal-provi invokati minn Intel quddiem il-Qorti Ġenerali, jirriżulta li din poġġiet f'dubju l-kalkolu tal-parti kontestabbli ta' Dell imwettaq fid-deċiżjoni kontenzjuża billi bbażat ruħha fuq il-messaġġi elettroniċi ta' D1 u ta' D5, fuq id-dikjarazzjonijiet magħmula minn diretturi ta' Dell fil-kuntest tal-proċedura kontenzjuża privata bejn Intel u AMD fl-Istat ta' Delaware kif ukoll fuq id-dikjarazzjoni ta' I1. Il-Qorti Ġenerali ma bbażatx ruħha, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tagħha, mir-rapport Salop-Hayes, li barra minn hekk ma huwiex imsemmi f'dawn il-punti.

157 Konsegwentement, kuntrarjament għall-premessa li fuqha l-Kummissjoni tibbaża r-raġunament tagħha, il-Qorti Ġenerali ma bbażatx l-evalwazzjoni tagħha fuq dan ir-rapport, b'tali mod li l-argument ta' din l-istituzzjoni għandu, fi kwalunkwe każ, jiġi miċħud.

158 It-tieni nett, ċertament, fil-punt 236 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali fakkret li t-teħid inkunsiderazzjoni tal-analiżi komplementari, prodotti mill-Kummissjoni għall-ewwel darba quddiemha, sabiex jissostanzja t-test AEC li jinsab fid-deċiżjoni kontenzjuża jwassalha sabiex tissostitwixxi l-motivazzjoni tagħha għal dik li tinsab f'dain id-deċiżjoni, fatt li ma huwiex permess lilha fil-kuntest tal-istħarriġ tal-legalità msemmi fl-Artikolu 263 TFUE. Madankollu, fil-punti 237 sa 239 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali xorta waħda eżaminat, b'mod superfluwu, dawn l-elementi u kkonkludiet li dawn ma kinux jikkontestaw il-kunsiderazzjoni fformulata fil-punt 234 tal-istess sentenza, b'tali mod li l-ilment imressaq mill-Kummissjoni insostenn ta' dan l-aggravju huwa, għal din ir-raġuni wkoll, ibbażat fuq premessa żbaljata.

159 Barra minn hekk, fil-punti 240 sa 255 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat l-elementi relatati mat-trasferiment effettiv tat-talba ta' Dell lejn AMD fl-2006 u fl-2007, billi qieset li dawn kienu jikkonfermaw l-eżistenza ta' dubju dwar l-istabbiliment tal-parti kontestabbli ta' Dell għal 7.1 %. F'dan ir-rigward, fil-punt 243 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali spjegat li, skont il-premessa 1245 tad-deċiżjoni kontenzjuża, kien possibbli li jiġi kkalkolat, abbażi tal-osservazzjonijiet ibbażati fuq it-trasferiment effettiv ta' parti mit-talba ta' Dell lejn AMD, parti kontestabbli ta' iktar minn 7.1 %, bejn 8.2 % u 10.1 %.

160 Kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, l-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar it-trasferiment effettiv tat-talba ta' Dell lejn AMD fl-2006 u fl-2007 huma bbażati esklużivament fuq elementi li jirriżultaw mid-deċiżjoni kontenzjuża. Il-Qorti Ġenerali ma tibbaża ruħha fuq ebda element prodott minn Intel għall-ewwel darba fil-mori tal-kawża u l-Kummissjoni ma tindikax sa liema punt tas-sentenza appellata l-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq tali element.

161 Minn dan isegwi li l-ilment tal-Kummissjoni li l-Qorti Ġenerali bbażat l-evalwazzjoni tagħha dwar il-parti kontestabbli ta' Dell fuq provi prodotti għall-ewwel darba quddiemha mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni l-analiżi li din l-istituzzjoni pproduċiet sabiex tirrifjuta l-fondatezza ta' dawn il-provi huwa bbażat, fi kwalunkwe każ, fuq premessi żbaljati.

162 Fit-tieni lok, fir-rigward ta' HP, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-Kummissjoni ma kinitx uriet l-eżistenza ta' effetti ta' esklużjoni antikompetittivi bejn l-1 ta' Novembru 2002 u t-30 ta' Settembru 2003. Issa, il-Kummissjoni tikkunsidra li, għalkemm Intel kellha dritt issostni, għall-ewwel darba quddiem il-Qorti Ġenerali, li elementi li jikkonċernaw ċertu perijodu ma kinux ġew inklużi fit-test AEC, din l-istituzzjoni għandha titħalla tikkompleta dan it-test fil-mori tal-kawża.

163 Għandu jiġi enfasizzat, f'dan ir-rigward, li l-argument ta' Intel quddiem il-Qorti Ġenerali dwar HP kien intiż sabiex jikkontesta l-legalità tat-test AEC li tinsab fid-deċiżjoni kontenzjuża mingħajr ma tinvoka elementi li Intel ma kinitx ipproduċiet matul il-proċedura amministrattiva. Minn dan isegwi li l-Qorti Ġenerali, fi kwalunkwe każ, ma wettqitx żball meta ċaħdet, fil-punti 300 u 301 tas-sentenza appellata, abbażi tas-sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, Knauf Gips vs Il-Kummissjoni (C-407/08 P, EU:C:2010:389, punt 89), l-argument tal-Kummissjoni bbażat fuq l-allegata inammissibbiltà ta' dan l-argument minħabba li Intel ma kkontestatx, matul il-proċedura amministrattiva, il-perijodi użati mill-Kummissjoni għall-kalkoli tagħha. Bl-istess mod, bħalma ġie rrilevat fil-punt 138 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ġustament iddeċidiet, fil-punt 317 tas-sentenza appellata, li hija ma setgħetx tieħu inkunsiderazzjoni kalkoli addizzjonali, li ma jirriżultawx mid-deċiżjoni kontenzjuża, prodotti mill-Kummissjoni għall-ewwel darba fl-anness tal-kontroreplika sabiex issostni t-test AEC li jinsab f'din id-deċiżjoni mingħajr ma tissostitwixxi l-motivazzjoni tagħha għal dik li fuqha hija bbażata l-imsemmija deċiżjoni.

164 Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali qieset li, fl-analiżi tagħha dwar l-evalwazzjoni tal-ammont tat-tnaqqis ikkontestat mogħti lil Lenovo fil-forma ta' żewġ vantaġġi *in natura*, jiġifieri l-estensjoni tal-garanzija standard ta' Intel ta' sena u l-aħjar użu ta' pjattaforma ta' distribuzzjoni fiċ-Ċina, billi bbażat ruħha fuq il-valur ta' dawn il-vantaġġi tagħha għal Lenovo iktar milli fuq l-ispiża tagħhom għal Intel, il-Kummissjoni kienet irraġunat fir-realtà meta mqabbla ma' kompetitur inqas effiċjenti minn Intel, li madankollu ma jikkostitwixxix l-attur ekonomiku rilevanti għall-evalwazzjoni tal-kapaċità tal-prattika ta' tnaqqis inkwistjoni li tipproduċi effett ta' esklużjoni antikompetittiv.

165 Kif jirriżulta mill-punti 433 sa 439 tas-sentenza appellata, sabiex issostni din l-evalwazzjoni, li tirrigwarda l-prinċipji tat-test AEC, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq in-natura tal-imsemmi test kif deskritt fid-deċiżjoni kontenzjuża. Kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħha mill-Qorti Ġenerali, din ma bbażatx ruħha, għal dan l-għan, fuq ir-rapport addizzjonali Shapiro-Hayes tat-28 ta' Jannar 2009 (iktar 'il quddiem ir-"rapport addizzjonali Shapiro-Hayes"), prodott minn Intel għall-ewwel darba fl-ewwel istanza, li, kif jirriżulta mill-punti 423 u 452 tas-sentenza appellata, jirrigwarda kwistjoni distinta, jiġifieri l-kalkolu tal-ispiża għal Intel taż-żewġ vantaġġi *in natura*.

166 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rifjut tal-Qorti Ġenerali, li jirriżulta mill-punti 443 u 444 tas-sentenza appellata, li tieħu inkunsiderazzjoni l-kalkoli ppreżentati mill-Kummissjoni u li jirrigwardaw l-ispejjeż reali, għal Intel, tal-vantaġġi *in natura* kkonċernati, minħabba li tali teħid inkunsiderazzjoni jwassalha sabiex tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha għal dik li tinsab fid-deċiżjoni kontenzjuża, ma jikkostitwixxix ksur tad-drittijiet tad-difiża ta' din l-istituzzjoni.

167 Kien biss fil-kuntest ta' analiżi tal-provi prodotti mill-Kummissjoni għall-ewwel darba quddiemha, li saret għall-kompletezza fil-punti 451 sa 453 tas-sentenza appellata, li, fil-punt 452 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali rreferiet għar-rapport addizzjonali Shapiro-Hayes.

168 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li t-tieni aggravju għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tielet aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi f'dak li jirrigwarda l-prova meħtieġa, fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża u fuq żnaturament tal-provi fil-kuntest tal-eżami tat-test AEC fil-konfront ta' Dell

169 It-tielet aggravju fih tliet partijiet.

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq żball ta' liġi dwar il-livell ta' prova meħtieġ

– *L-argumenti tal-partijiet*

170 Il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq kriterji ġuridiċi żbaljati sabiex tevalwa l-prova prodotta minn din l-istituzzjoni insostenn tal-konstatazzjoni tagħha dwar l-eżistenza ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti. B'mod partikolari, l-ewwel nett, it-test AEC ma huwiex ibbażat fuq suppożizzjonijiet relatati mal-aġir li jirriżulta minn fatti osservati, iżda fuq l-applikazzjoni ta' mudell ekonometriku għall-evalwazzjonijiet tal-valuri tad-dħul (input kapitali) għal dan il-mudell. Konsegwentement, kuntrarjament għal dak li tesponi l-Qorti Ġenerali fil-punt 165 tas-sentenza appellata, il-fatt li Intel ipprovdiet spjegazzjoni plawżibbli tal-fatti li tippermetti li jiġi konkluż li kien hemm assenza ta' ksur ma jistax iwassal għall-annullament

tad-deċiżjoni kontenzjuża. It-tieni nett, it-test AEC huwa, essenzjalment, eżerċizzju ta' evalwazzjoni li, f'dak li jirrigwarda l-parti kontestabbli ta' OEM, huwa bbażat fuq ipoteżijiet li għalihom, bħala definizzjoni, ma hemmx risposta ċerta u definittiva, iżda biss evalwazzjoni ottimali jew raġonevoli. B'hekk, kuntrarjament għal dak li kkunsidrat il-Qorti Ġenerali fil-punt 166 tas-sentenza appellata, ma huwiex biżżejjed li jitqajjem dubju dwar l-evalwazzjoni magħmula mill-Kummissjoni wara tali test jew, *a fortiori*, li jiġi sempliċement issuġġerit li riżultat ieħor ikun prevedibbli, sabiex jinkiseb l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża.

171 L-approċċ korrett fir-rigward tal-livell ta' prova u l-istħarriġ ġudizzjarju ta' analiżi AEC huwa għalhekk dak li, mingħajr ma jeskludi t-test AEC mill-istħarriġ ġudizzjarju, jikkonsisti fil-verifika mhux biss tal-eżattezza materjali tal-provi prodotti, il-kredibbiltà tagħhom u l-koerenza tagħhom, iżda għandha wkoll tistħarreġ jekk dawn l-elementi jikkostitwixxux id-data kollha rilevanti li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata sitwazzjoni kumplessa u jekk humiex tali li jsostnu l-konklużjonijiet li jiġu misluta minnhom. Fil-fatt, il-kapaċità ta' prattika ta' impriża dominanti li tirrestrinġi l-kompetizzjoni hija evalwata abbażi ta' elementi kuntestwali li ma humiex esklużivament marbuta mal-aġir ta' din l-impriża.

172 Huwa għalhekk b'applikazzjoni ta' standard ta' prova żbaljat li l-Qorti Ġenerali eskludiet l-evalwazzjoni tal-parti kontestabbli ta' Dell imwettqa fid-deċiżjoni kontenzjuża billi kkuntentat ruħha li tikkonstata, fil-punt 244 tas-sentenza appellata, li "l-ipoteżi ta' parti kontestabbli ta' 7.1 % ma kinitx l-unika waħda possibbli" u li dan il-fatt "[kien] twassal sabiex titqiegħed f'dubju l-fondatezza tal-evalwazzjoni magħmula mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni [kontenzjuża]". Il-preżunzjoni tal-innoċenza ma tfissirx li l-evalwazzjonijiet li jirrigwardaw elementi kuntestwali, mhux marbuta mal-aġir tal-impriża f'pożizzjoni dominanti, għandhom jitqiesu li huma invalidi peress li l-Qorti Ġenerali għandha "dubju" dwar wieħed minnhom.

173 Intel tikkontesta l-fondatezza ta' din il-parti tat-tielet aggravju.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

174 Sabiex tiġi evalwata l-fondatezza tal-argumenti tal-Kummissjoni, għandu jitfakkar il-kuntest li jagħmel parti minnu t-test AEC imwettaq f'dan il-każ.

175 Fil-punti 133 u 134 tas-sentenza tal-appell, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Artikolu 102 TFUE la huwa intiż li jipprekludi lil impriża milli tikseb, fuq mertu tagħha stess, il-pożizzjoni dominanti f'suq wieħed jew iktar u lanqas li tiżgura li impriżi kompetituri inqas effiċjenti minn dawk li għandhom tali pożizzjoni jibqgħu fis-suq. B'hekk, mhux kull effett ta' esklużjoni neċessarjament jippreġudika l-kompetizzjoni. Fil-fatt, il-kompetizzjoni fuq il-mertu tista' twassal għat-telf tas-suq jew għall-marġinalizzazzjoni tal-kompetituri inqas effiċjenti u għalhekk inqas interessanti għall-konsumaturi mill-perspettiva b'mod partikolari tal-prezzijiet, tal-produzzjoni, tal-kwalità jew tal-innovazzjoni (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punti 126 u 127 kif ukoll ġurisprudenza ċċitata).

176 Konsegwentement, sabiex ikun jista' jitqies, f'każ partikolari, li aġir għandu jiġi kklassifikat bħala "użu abbużiv ta' pożizzjoni dominanti", huwa neċessarju, bħala regola ġenerali, li jintwera li, permezz tal-użu ta' mezzi differenti minn dawk li jirregolaw il-kompetizzjoni fuq il-mertu bejn l-impriżi, dan l-aġir għandu l-effett attwali jew potenzjali li jirrestrinġi din il-kompetizzjoni billi jeskludi impriżi kompetituri daqstant effiċjenti mis-suq jew mis-swieq ikkonċernati, jew billi jipprekludi l-iżvilupp tagħhom f'dawn is-swieq (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 129 u l-ġurisprudenza ċċitata).

177 F'dan il-kuntest, fid-dawl tar-responsabbiltà partikolari li għandha impriża f'pożizzjoni dominanti li ma tippreġudikax, bl-aġir tagħha, il-kompetizzjoni effettiva u mhux distorta fis-suq intern, l-Artikolu 102 TFUE jipprekludiha milli timplimenta prattiki, inklużi prattiki tariffarji, li jipproduċu effetti ta' esklużjoni għall-kompetituri tagħha meqjusa li huma daqstant effiċjenti daqsha, u b'hekk issaħħaħ il-pożizzjoni dominanti tagħha billi tirrikorri għal mezzi differenti minn dawk li jaqgħu taħt il-kompetizzjoni fuq il-mertu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-appell, punti 135 u 136, kif ukoll is-sentenza tat-12 ta' Mejju 2022, Servizio Elettrico Nazionale *et*, C-377/20, EU:C:2022:379, punt 76).

178 Tali prattika tista' tieħu l-forma, kif tfakkar il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 137 tas-sentenza tal-appell, ta' sistema ta' tnaqqis għal fedeltà, jiġifieri tnaqqis kkundizzjonat mill-fatt li l-klijent, irrispettivament mill-ammont tax-xiri tiegħu mingħand l-impriża f'pożizzjoni dominanti, jixtri esklużivament għall-bżonnijiet kollha tiegħu jew għal parti kbira tagħhom mingħand din l-impriża.

179 Madankollu, il-prova tal-effett restrittiv attwali jew potenzjali ta' aġir fuq il-kompetizzjoni, li tista' timplika l-użu ta' tabelli ta' analiżi differenti skont it-tip ta' aġir li huwa inkwistjoni f'każ partikolari, għandha tiġi prodotta, fil-każijiet kollha, billi jiġu evalwati ċ-ċirkustanzi fattwali rilevanti kollha, irrispettivament minn jekk dawn jikkonċernawx dan l-aġir innifsu, is-suq jew is-swieq inkwistjoni jew il-funzjonament tal-kompetizzjoni fih jew fihom. Barra minn hekk, l-imsemmija prova għandha tkun intiża sabiex tistabbilixxi, billi tibbaża ruħha fuq elementi ta' analiżi u provi preċiżi u konkreti, li l-imsemmi aġir għandu, tal-inqas, il-kapaċità li jipproduċi effetti ta' esklużjoni (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punti 129 u 130 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

180 B'hekk, fir-rigward ta' prattika li tikkonsisti fl-għoti ta' tnaqqis għal fedeltà, li fir-rigward tagħha l-impriża f'pożizzjoni dominanti ssostni, matul il-proċedura amministrattiva, provi ta' sostenn, li hija ma kellhiex il-kapaċità li tipproduċi l-effetti ta' esklużjoni allegati, hija l-Kummissjoni li għandha tanalizza mhux biss provi bħall-importanza tal-pożizzjoni dominanti tal-impriża inkwistjoni, ir-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat kif ukoll il-kundizzjonijiet u l-modalitajiet għall-għoti tat-tnaqqis inkwistjoni, it-tul tiegħu u l-ammont tiegħu, iżda wkoll l-eżistenza eventwali ta' strateġija intiża li teskludi l-kompetituri tal-inqas daqstant effiċjenti (sentenza tal-appell, punti 138 u 139, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata; ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Jannar 2023, Unilever Italia Mkt.Operations, C-680/20, EU:C:2023:33, punt 47 sa 49).

181 Il-kapaċità ta' tali tnaqqis li jeskludi kompetitur daqstant effiċjenti bħall-impriża f'pożizzjoni dominanti, liema kompetitur huwa preżunt li jaffaċċja l-istess spejjeż bħal dawk sostnuti minn din l-impriża, għandha tiġi evalwata, b'mod ġenerali, billi jsir it-test AEC. Fil-fatt, anki jekk dan it-test huwa biss wieħed mill-modi sabiex jiġi evalwat jekk impriża f'pożizzjoni dominanti rrikorrietx għal mezzi li ma humiex dawk li jaqgħu taħt kompetizzjoni "normali", dan huwa intiż preċiżament sabiex jevalwa l-kapaċità li jkollu tali kompetitur daqstant effiċjenti, ikkunsidrat b'mod astratt, li jirriproduċi l-aġir tal-impriża f'pożizzjoni dominanti u, konsegwentement, jekk dan l-aġir għandux jitqies li jaqa' taħt kompetizzjoni normali, jiġifieri bbażata fuq il-mertu. (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Mejju 2022, Servizio Elettrico Nazionale *et* (C-377/20, EU:C:2022:379, punti 80 u 82 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

182 Sabiex tiġi evalwata l-fondatezza tal-argumenti mqajma mill-Kummissjoni, hemm ukoll lok li wieħed iżomm f'moħħu li, kif espost fil-punti 43 u 44 ta' din is-sentenza, it-test AEC, kif imwettaq f'dan il-każ, jieħu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, it-telf eventwali tat-tnaqqis ikkontestat fil-każ ta' provvista ta' OEM mingħand AMD u huwa bbażat, fl-aħħar mill-aħħar, fuq paragun bejn il-parti kontestabbli u l-parti rikjesta għal kull OEM kif ukoll għal MSH.

183 Fir-rigward tal-paragun bejn il-parti kontestabbli u l-parti rikjesta, mill-punt 175 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Kummissjoni indikat il-parti rikjesta fit-tabella Nru 22 tad-deċiżjoni kontenzjuża (iktar 'il quddiem it-"tabella Nru 22").

184 Barra minn hekk, fil-punt 171 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali indikat li l-Kummissjoni kkunsidrat parti kontestabbli ta' 7.1 %, ċifra li tirriżulta mill-iskeda ta' kalkolu tal-2004, imsemmija fil-punt 153 ta' din is-sentenza.

185 Fil-punt 175 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali spjegat li, essenzjalment, il-Kummissjoni ħadet din iċ-ċifra bħala l-perċentwali rilevanti li għandha tiġi applikata sabiex tiġi ddeterminata l-parti kontestabbli u pparagunata mas-sehem meħtieġ li jirriżulta mit-tabella Nru 22 għal kull trimestru kkonċernat.

186 L-aħħar kolonna ta' din it-tabella, li għaliha jirreferi wkoll il-punt 175 tas-sentenza appellata, tindika li, għall-perijodu bejn ir-raba' trimestru tas-sena fiskali 2003 u r-raba' trimestru tas-sena fiskali 2006, il-parti rikjesta kienet bejn 4.9 %, li hija l-valur ikkalkolat għall-ewwel trimestru tas-sena finanzjarja 2004, u 12.1 %, li huwa l-valur ikkalkolat għar-raba' trimestru tas-sena finanzjarja 2006. Kif tesponi l-Qorti Ġenerali fl-imsemmi punt tas-sentenza appellata, il-Kummissjoni qieset li għall-aħħar disa' trimestri tal-perijodu kkunsidrat, il-parti rikjesta kienet ogħla mill-parti kontestabbli.

187 Wara li ċaħdet, fil-punti 189 sa 201 tas-sentenza appellata, l-argumenti ta' Intel li jilmentaw li l-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' ċertezza legali billi ħadet inkunsiderazzjoni l-iskeda ta' kalkolu tal-2004, il-Qorti Ġenerali eżaminat, fil-punti 202 sa 256 ta' dik is-sentenza, l-argumenti ta' Intel dwar l-evalwazzjoni tal-parti kontestabbli ta' 7.1 %.

188 F'dan ir-rigward, mill-punti 203 u 240 tas-sentenza appellata jirriżulta li Intel ikkontestat il-parti kontestabbli ta' 7.1 % użata mill-Kummissjoni bili invokat, fl-ewwel lok, ta' provi li ma humiex l-iskeda ta' kalkolu tal-2004 u, fit-tieni lok, data dwar it-trasferiment effettiv tat-talba ta' Dell lejn AMD fl-2006 u fl-2007, li turi li l-parti kontestabbli ta' Dell setgħet tkun ta' iktar minn 7.1 %.

189 Fl-ewwel lok, il-provi li fuqhom ibbażat ruħha Intel huma, kif jirriżulta mill-punti 204 sa 215, 206 u 220 tas-sentenza appellata, l-ittra ta' D 1, l-ittra ta' D 5, id-dikjarazzjonijiet magħmula minn diretturi ta' Dell fil-kuntest tal-proċedura kontenzjuża privata bejn Intel u AMD fl-Istat ta' Delaware kif ukoll id-dikjarazzjoni ta' I1, imsemmija fil-punti 147 sa 151 ta' din is-sentenza.

190 Il-Qorti Ġenerali ċaħdet dawn it-tliet motivi fil-punti 213 sa 232 tas-sentenza appellata. Fil-punt 233 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali qieset li mill-ittri elettroniċi ta' D 1 u ta' D 5, mid-dikjarazzjonijiet magħmula minn diretturi ta' Dell fil-kuntest tal-proċedura kontenzjuża privata bejn Intel u AMD fl-Istat ta' Delaware kif ukoll mid-dikjarazzjoni ta' I1, li, meħuda flimkien, huma kkorroborati minn xulxin, jirriżulta li, matul l-2005, it-trasferiment tat-talba ta' Dell lejn AMD setgħet tikkonċerna sa 25 % tal-volum ta' CPU x86, u mhux 7 % kif jirriżulta mill-folja ta' kalkolu tal-2004.

191 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punt 234 tas-sentenza appellata, li l-provi invokati minn Intel kienu jwasslu għal dubju dwar il-fatt li l-parti kontestabbli ta' Dell kellha tiġi evalwata biss abbażi tal-iskeda ta' kalkolu tal-2004 li ssemmi trasferiment tat-talba ta' Dell lejn AMD għal volum ta' 7 % għall-2005, li minnu l-Kummissjoni kienet iddeduċiet parti kontestabbli ta' 7.1 %.

192 Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali osservat, fil-punt 243 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kienet ammettiet espressament, fil-premessa 1245 tad-deċiżjoni kontenzjuża, li kien possibbli li tiġi kkalkolata parti kontestabbli ta' iktar minn 7.1 %, li tkun bejn 8.2 % u 10.1 %, abbażi tal-osservazzjonijiet dwar it-trasferiment effettiv ta' parti mit-talba ta' Dell lejn AMD fl-2006 u fl-2007.

193 F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali rrilevat, minn naħa, fil-punt 244 tas-sentenza appellata, li l-eżistenza stess ta' dawn l-istimi kienet biżżejjed sabiex turi li l-ipoteżi ta' parti kontestabbli ta' 7.1 % ma kinitx l-unika waħda possibbli u kienet twassal sabiex tiġi ddubitata l-fondatezza tal-evalwazzjoni adottata mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kontenzjuża.

194 Min-naħa l-oħra, fil-punti 246 sa 251 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argumenti tal-Kummissjoni bbażati fuq il-fatt li t-trasferiment tal-provvisti ta' Dell lejn AMD fl-2006 u fl-2007 kellu biss interess limitat sabiex tiġi eżaminata s-sitwazzjoni matul il-perijodu tal-ksur, li kien hemm lok tal-inqas li jiġu aġġustati mill-ġdid ċerti parametri tal-kalkolu, b'mod partikolari l-livell tat-tnaqqis ikkontestat matul l-2006, u li l-Kummissjoni kienet wettqet, sussidjarjament, test AEC fid-deċiżjoni kontenzjuża li jieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni fl-2006 u fl-2007 li kienet tikkorrobora l-konklużjonijiet tagħha.

195 F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 254 tas-sentenza appellata, li mid-deċiżjoni kontenzjuża kien jirriżulta li kien possibbli li tiġi stabbilita parti kontestabbli għal Dell ta' bejn 8.2 % u 10.1 % abbażi ta' elementi oħra minbarra l-iskeda ta' kalkolu tal-2004. B'hekk, il-Qorti Ġenerali tenniet l-evalwazzjoni li l-eżistenza stess tal-istimi f'dan is-sens fid-deċiżjoni kontenzjuża stess kienet turi li l-ipoteżi ta' parti kontestabbli ta' 7.1 % fir-rigward ta' Dell ma kinitx l-unika waħda possibbli, li wassalha sabiex tiddubita l-fondatezza ta' din l-ipoteżi, adottata mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kontenzjuża.

196 Fil-punt 255 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset li din il-konstatazzjoni kif ukoll dik ifformulata fil-punt 234 ta' din is-sentenza, li tirrigwarda l-evalwazzjoni tal-parti kontestabbli abbażi ta' elementi, invokati minn Intel, minbarra l-iskeda ta' kalkolu tal-2004, kienu jsostnu, meħuda flimkien, id-dubju dwar l-evalwazzjoni ta' din il-parti kontestabbli adottata fid-deċiżjoni kontenzjuża.

197 Fid-dawl ta' dawn l-evalwazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 256 tas-sentenza appellata, li l-elementi mressqa minn Intel setgħu jqajmu dubju f'moħħ il-qorti dwar il-fatt li l-parti kontestabbli għal Dell kellha tiġi ffissata għal 7.1 %. Konsegwentement, skont il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni ma kinitx ipproduċiet il-prova b'mod suffiċjenti fid-dritt il-fondatezza tal-evalwazzjoni tal-imsemmija parti kontestabbli.

198 Barra minn hekk, fil-punti 257 sa 271 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat, għall-finijiet ta' kompletezza, il-fondatezza tal-analiżi tal-Kummissjoni dwar il-parti kontestabbli ta' Dell għall-parti inizjali tal-perijodu rilevanti, bejn Diċembru 2002 u Ottubru2003. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali enfasizzat, fil-punt 260 tas-sentenza appellata, li t-tabella Nru 22

kienet turi b'mod ċar li l-parti kontestabbli kienet ogħla mill-parti rikjesta, għall-ewwel erba' trimestri li jinsabu f'din it-tabella, u dan anki jekk jiġu aċċettati l-kalkoli min-naħa rikjesta u tal-parti kontestabbli mwettqa mill-Kummissjoni.

199 Wara li analizzat l-argumenti ppreżentati mill-Kummissjoni f'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punti270 u 271 tas-sentenza appellata, li din l-istituzzjoni ma setgħetx tispjega jew tivvalida, *a posteriori*, id-differenza bejn ir-riżultati pożittivi għal Intel, indikati fit-Tabella Nru 22 għall-ewwel erba' trimestri tal-perijodu tal-ksur, u l-konklużjoni tagħha, adottata għal dan il-perijodu kollu, li tgħid li Intel ma kinitx għaddiet mit-test AEC.

200 Il-kunsiderazzjonijiet finali tal-Qorti Ġenerali dwar it-test AEC għat-tnaqqis ikkontestat mogħti lil Dell jinsabu fil-punti 283 sa 287 tas-sentenza appellata li l-kontenut tagħhom huwa riprodott fil-punti 48 sa 51 ta' din is-sentenza.

201 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, kif issostni, barra minn hekk, il-Kummissjoni, kif imwettaq f'dan il-każ, it-test AEC huwa mudell ekonometriku mħaddan b'valuri ta' dħul (input kapitali) li jippermetti, l-ewwel nett, il-kalkolu tal-parti rikjesta u, it-tieni nett, l-istabbiliment tal-parti kontestabbli. Sabiex tiġi kkalkolata l-parti rikjesta, jittieħed inkunsiderazzjoni t-tnaqqis kundizzjonali mogħti mill-impriża f'pożizzjoni dominanti, l-ispiża li tista' tiġi evitata medja u l-prezz medju tal-bejgħ ta' din l-impriża. Sabiex tiġi kkalkolata l-parti kontestabbli, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-istimi li l-impriża benefiċjarja tat-tnaqqis iżda wkoll l-atturi l-oħra involuti setgħu għamlu fir-rigward tal-parti tal-bżonnijiet li l-imsemmi benefiċjarju jista' jkopri billi jixtri mingħand kompetitur tal-impriża f'pożizzjoni dominanti.

202 B'hekk, ir-riżultat tat-test AEC huwa ta' natura li jindika jekk prattika tariffarja, bħal tnaqqis għal fedeltà, adottata minn impriża f'pożizzjoni dominanti, li tippreżenta karatteristiċi suffiċjentement stabbiliti mill-perspettiva tar-rata ta' kopertura tas-suq, tal-kundizzjonijiet u tal-modalitajiet ta' għoti ta' dan it-tnaqqis, tat-tul tiegħu u tal-ammont tiegħu, għandhiex il-kapaċità li teskludi kompetitur daqstant effiċjenti bħal din l-impriża u li b'hekk tippreġudika l-kompetizzjoni protetta mill-Artikolu 102 TFUE.

203 Fir-rigward ta' Dell, ir-riżultat, pożittiv jew negattiv, tat-test AEC jiddependi, kif jirriżulta mill-punti 183 sa 186 ta' din is-sentenza, minn paragun bejn żewġ rati, dik tal-parti kontestabbli u dik tal-parti rikjesta, espressi sal-ewwel pożizzjoni deċimali. Sabiex tikkalkola dawn ir-rati, il-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq ipoteżijiet li jimplikaw it-teħid inkunsiderazzjoni ta' numru ta' data ta' ċifri.

204 Minn dan isegwi li, kif issostni wkoll il-Kummissjoni, ma huwiex biżżejjed għall-impriża f'pożizzjoni dominanti li tikkontesta l-eżattezza ta' wieħed mill-kalkoli mwettqa fil-kuntest tat-test AEC sabiex tinvalida l-konklużjoni tal-Kummissjoni, ibbażata fuq tali test, dwar il-kapaċità ta' sistema ta' tnaqqis għal fedeltà li teskludi kompetitur effiċjenti daqs din l-impriża. Huwa meħtieġ ukoll li n-nuqqas jew l-iżball irrilevat ikun ta' natura li jbiddel ir-riżultat tat-test, billi jgħaddih minn negattiv għal pożittiv, b'mod li joħloq dubju raġonevoli fir-rigward tal-fondatezza tar-riżultat adottat mill-Kummissjoni u, minħabba f'hekk, fir-rigward tal-kapaċità tat-tnaqqis ikkonċernat li jeskludi kompetitur effiċjenti daqs l-impriża f'pożizzjoni dominanti. Dan it-tip ta' dubju jista' jqum minħabba żbalji fil-kalkolu jew minħabba teħid inkunsiderazzjoni selettiva jew lakunarja ta' provi.

205 F'dan ir-rigward, mill-punti 213 sa 256 u 283 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ma bbażatx il-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar it-test AEC fir-rigward tat-tnaqqis ikkontestat mogħti lil Dell fuq dubju li jaffettwa parti mhux determinanti tal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni jew fuq is-sempliċi suġġeriment li riżultat ieħor kien possibbli għal dan it-test. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq il-fatt li d-data kollha rilevanti li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata l-parti kontestabbli ta' Dell, li l-evalwazzjoni tagħha taqa', bla ħsara għall-allegazzjoni ta' żnaturament, eżaminata fil-kuntest tat-tielet parti ta' dan l-aggravju, taħt il-kompetenza esklużiva tal-Qorti Ġenerali, data li hija biss l-iskeda ta' kalkolu tal-2004 li ttieħdet inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni, kienet tindika li din il-parti kontestabbli setgħet probabbilment tkun ogħla mhux biss mir-rata ta' 7.1 % adottata mill-Kummissjoni, iżda wkoll mill-parti rikjesta, b'tali mod li r-riżultat tat-test AEC seta' jiġi emendat, billi dan jiġi mmodifikat, billi minn negattiv isir pożittiv, li kieku ttieħdet inkunsiderazzjoni din id-data kollha. Huwa fuq din il-bażi li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-kuntest tal-evalwazzjoni sovrana tagħha tal-provi, li l-ipoteżi tal-Kummissjoni li din il-parti kontestabbli kienet ta' 7.1 % ma kinitx stabbilita sal-grad rikjest mil-liġi b'mod li l-konklużjonijiet li din l-istituzzjoni kienet siltet mit-test AEC kienu invalidi.

206 Il-Kummissjoni ma tistax tislet argument validu fis-sens kuntrarju mill-formulazzjoni biss tal-punti 244 u 254 tas-sentenza appellata, li jgħidu li l-eżistenza tal-istimi li jinsabu fid-deċiżjoni kontenzjuża u li jirrigwardaw it-trasferiment effettiv ta' parti mit-talba ta' Dell lejn AMD fl-2006 u fl-2007 "hija biżżejjed sabiex jintwera li l-ipoteżi ta' parti kontestabbli ta' 7.1 % ma kinitx l-unika waħda possibbli u twassal sabiex titqiegħed f'dubju l-fondatezza tal-evalwazzjoni magħmula mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata".

207 Fil-fatt, mill-formulazzjoni ta' dawn il-punti tas-sentenza appellata, moqrija fid-dawl tal-punti 242 u 243 ta' din is-sentenza, jirriżulta li l-Qorti Ġenerali riedet tenfasizza li parti kontestabbli mhux biss ogħla minn 7.1 % iżda wkoll mill-parti rikjesta kienet konċepibbli anki abbażi tal-istimi tal-Kummissjoni li jinsabu fid-deċiżjoni kontenzjuża. B'hekk, din il-parti kontestabbli kienet "possibbli" għall-Kummissjoni stess, li madankollu għażlet li tibbaża ruħha biss fuq l-iskeda ta' kalkolu tal-2004. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali waslet għall-evalwazzjoni li tinsab fil-punt 254 tas-sentenza appellata wara li ċaħdet, fil-punti 245 sa 251 ta' din is-sentenza, l-argumenti tal-Kummissjoni intiżi sabiex jikkontestaw ir-rilevanza tad-data dwar it-trasferiment effettiv tat-talba ta' Dell lejn AMD fl-2006 u fl-2007.

208 Minn dan isegwi li l-Qorti Ġenerali ma injoratx in-natura tat-test AEC bħala mudell ekonometriku li jippermetti li tiġi evalwata l-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li jeskludi kompetitur effiċjenti daqs l-impriża f'pożizzjoni dominanti, b'tali mod li l-ewwel parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda.

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq applikazzjoni żbaljata tal-istandard tal-prova kkunsidrat

– *L-argumenti tal-partijiet*

209 Sussidjarjament, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali applikat b'mod żbaljat l-istandard tal-prova li hija stess adottat fil-punt 166 tas-sentenza appellata. B'mod partikolari, kif iddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punt 217 ta' din is-sentenza, l-iskeda ta' kalkolu tal-2004, li fuqha l-Kummissjoni bbażat sabiex tikkalkola l-parti kontestabbli ta' Dell, għandha valur probatorju superjuri għad-dokumenti jew għad-dikjarazzjonijiet ta' diretturi għolja ta' din tal-aħħar li tinvoka

Intel. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatt li l-provi invokati minn Intel ma humiex nieqsa minn kwalunkwe valur probatorju ma jkunx suffiċjenti sabiex ipoġġi f'dubju dawk invokati mill-Kummissjoni.

210 Intel tikkontesta l-fondatezza ta' din il-parti tat-tielet aggravju.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

211 Fil-punt 166 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali fakkret, essenzjalment, li, meta l-impriża f'pożizzjoni dominanti tinvoka l-possibbiltà li jkun hemm ċirkustanza li tista' taffettwa l-valur probatorju tal-provi li fuqhom tibbaża ruħha l-Kummissjoni, hija din l-impriża li għandha tistabbilixxi suffiċjentement skont il-liġi l-eżistenza u r-rilevanza tal-fatt li hija tinvoka kif ukoll l-influwenza li din teżerċita fuq il-valur probatorju tal-elementi invokati kontriha.

212 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-evalwazzjonijiet li jinsabu fil-punti 217 u 218 tas-sentenza appellata jikkostitwixxu risposta għall-argument ta' Intel, ippreżentat fil-punt 215 ta' din is-sentenza, li jgħid li, l-ewwel nett, id-dokumenti li din tal-aħħar invokat kienu ġew redatti minn diretturi għolja ta' Dell, it-tieni nett, D1 kienet ikkonfermat taħt ġurament, matul il-proċedura kontenzjuża privata bejn Intel u AMD fl-Istat ta' Delaware, il-kontenut tal-ittra elettronika tagħha tal-10 ta' Novembru 2005 u, it-tielet nett, D3, direttur ieħor ta' Dell, kien iddikjara, fil-kuntest ta' din il-proċedura, li ma kellu ebda raġuni sabiex jistaqsi dwar l-eżattezza tal-kummenti ta' D1.

213 Fil-punt 216 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wieġbet għal dan l-argument partikolari li r-risposti mogħtija f'isem impriża, bħar-risposta li Dell kienet ipprovdiet matul il-proċedura amministrattiva, li matulha din kienet ipproduċiet l-iskeda ta' kalkolu tal-2004, għandhom kredibbiltà li teċċedi dik li jista' jkollha r-risposta mogħtija minn membru tal-persunal tagħha jew wieħed mid-diretturi tiegħu. Huwa għalhekk mill-perspettiva ta' din ir-regola ġenerali li l-Qorti Ġenerali semmiet, fil-punti 217 u 218 tas-sentenza appellata, il-valur probatorju superjuri u n-natura ddettaljata u preċiża tal-iskeda ta' kalkolu tal-2004.

214 Madankollu, l-ewwel nett, l-imsemmija regola ġenerali ma taffettwax l-obbligu tal-Kummissjoni li tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi rilevanti kollha sabiex tevalwa jekk ksur tal-Artikolu 102 TFUE jistax jintwera sal-grad rikjest mil-liġi. Din l-evalwazzjoni tapplika iktar u iktar peress li, kif tindika l-Qorti Ġenerali fil-punt 172 tas-sentenza appellata, l-iskeda ta' kalkolu tal-2004 kienet tikkostitwixxi, hija wkoll, dokument intern ta' Dell, li jippreżenta ipoteżijiet li fihom ir-relazzjoni bejn Dell u AMD setgħet tevolvi, b'penetrazzjoni dejjem tikber ta' AMD fid-diversi segmenti ta' attività ta' Dell.

215 It-tieni nett, mill-eżami ddettaljat tal-provi mwettaq mill-Qorti Ġenerali fil-punti 220 sa 256 tas-sentenza appellata jirriżulta li din ma attribwixxietx għall-elementi li fuqhom Intel ibbażat valur probatorju superjuri għal dak tal-iskeda tal-kalkolu tal-2004, iżda li hija kkunsidrat, fil-kuntest tal-evalwazzjoni sovrana tagħha tal-provi, li dawn il-provi kienu jikkontestaw sal-grad rikjest mil-liġi l-fondatezza tal-istabbiliment tal-parti kontestabbli ta' 7.1 % pjuttost milli f'livelli ogħla preċiżi, li, kieku ġew adottati, kienu jbiddlu r-riżultat tat-test AEC b'mod favorevoli għal Intel. Barra minn hekk, fil-punti 257 sa271 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset ukoll, kif ġie rrilevat fil-punti 198 u 199 ta' din is-sentenza, li l-Kummissjoni ma kinitx uriet li t-tnaqqis mogħti lil Dell kien kapaċi jirrestrinġi l-kompetizzjoni matul il-parti inizjali tal-perijodu rilevanti.

216 Minn dan isegwi li l-Kummissjoni tibbaża l-argument tagħha bbażat fuq ksur tal-istandard ta' prova kkunsidrat mill-Qorti Ġenerali fuq qari parzjali tas-sentenza appellata.

217 Għaldaqstant, it-tieni parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda.

Fuq it-tielet parti, ibbażata fuq żnaturament tal-provi fil·kuntest tal-eżami tat-test AEC fir-rigward ta' Dell u fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża tal-Kummissjoni

– *L-argumenti tal-partijiet*

218 B'mod iktar sussidjarju, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali żnaturat il-provi, ibbażat id-deċiżjoni tagħha fuq motivi kontradittorji u kisret id-drittijiet tad-difiża tagħha.

219 B'mod partikolari, il-kunsiderazzjoni esposta fil-punt 239 tas-sentenza appellata, li kien għad hemm dubju dwar il-perċentwali li setgħet tiġi definittivament stabbilita bħala parti kontestabbli għal Dell u, b'mod iktar partikolari, dwar il-fatt li dan il-perċentwali kellu jiġi ffissat għal 7.1 %, hija vvizzjata bi żnaturament tal-provi. Mill-punti 204 sa 206 tas-sentenza appellata jirriżulta li Intel ibbażat prinċipalment l-argument tagħha fuq tliet dokumenti, jiġifieri l-ittra elettronika ta' D 1, l-ittra ta' D 5 u d-dikjarazzjoni ta' I1, kif ukoll fuq analiżi ekonomiċi bbażati fuq dawn id-dokumenti.

220 Fir-rigward tal-ewwel żewġ dokumenti, il-Kummissjoni ssostni li, billi ddeduċiet, fil-punt 233 tas-sentenza appellata, parti kontestabbli li tista' tilħaq 25 % tal-bżonnijiet ta' Dell, il-Qorti Ġenerali amalgamat il-bżonnijiet li Dell setgħet tkopri mingħand AMD fi tmiem perijodu ta' sena u l-medja tal-imsemmija bżonnijiet matul dan l-istess perijodu. Issa, huwa ovvju li din il-medja kienet inqas minn 25 %. Kif irrikonoxxiet il-Qorti Ġenerali fil-punt 218 tas-sentenza appellata, il-Kummissjoni ġustament ibbażat ruħha fuq in-natura preċiża u ddettaljata tal-informazzjoni inkluża fl-iskeda ta' kalkolu tal-2004, li jiġġustifika li tiġi stabbilita l-parti kontestabbli ta' Dell bħala 7.1 %. Konsegwentement, kuntrarjament għal dak li tispjega l-Qorti Ġenerali fil-punt 239 tas-sentenza appellata, il-fatt li l-posta elettronika ta' D 1 tiġġustifika evalwazzjoni tal-parti kontestabbli ta' Dell bejn 5.6 % u 10.4 % ma jippermettix li jiġi ddubitat li l-parti kontestabbli ta' Dell kellha tiġi stabbilita għal 7.1 %. Barra minn hekk, l-istabbiliment ta' parti kontestabbli abbażi tad-dokumenti msemmija fil-punt 219 ta' din is-sentenza jeħtieġ li jiġu kkunsidrati ipoteżijiet fir-rigward tal-kalendarju u tar-rata ta' żieda tal-passaġġ minn Intel għal AMD bħala fornitur ta' Dell, filwaqt li l-iskedi ta' kalkolu tal-2004 tinkludi, hija, l-informazzjoni kollha neċessarja għal dan l-għan. Issa, il-provi li fuqhom ibbażat ruħha l-Qorti Ġenerali ppermettewlha tikkalkola l-parti kontestabbli biss fil-forma ta' firxiet, filwaqt li l-informazzjoni preċiża u ddettaljata li tinsab fl-iskeda tal-kalkolu tal-2004 kienet ippermettiet li tiġi kkalkolata ċifra konkreta, kif ġie rrikonoxxut fil-punt 218 tas-sentenza appellata.

221 Fir-rigward tat-tielet dokument, jiġifieri d-dikjarazzjoni ta' I1, ippreparata għall-finijiet tal-investigazzjoni u intiża sabiex teżenta lil Intel minn kull responsabbiltà, il-Qorti Ġenerali kklassifikat, fil-punt 227 tas-sentenza appellata, il-valur probatorju tiegħu bħala dgħajjef, filwaqt li pprovat, fil-punt 230 ta' din is-sentenza, tistabbilixxi mill-ġdid il-kredibbiltà tiegħu permezz ta' motivi kontradittorji li juru żnaturament ta' din id-dikjarazzjoni. Fil-fatt, elementi ta' valur probatorju dgħajjef ma jistgħux jipprevalu fuq provi preċiżi u ddettaljati. Mingħajr ma kkunsidrat li l-iskeda ta' kalkolu tal-2004 ma kinitx ta' natura li tissostanzja l-konklużjonijiet misluta minnha

fid-deċiżjoni kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali applikat kriterju żbaljat li jikkonsisti f'li jiġi ddeterminat jekk l-evalwazzjoni ssostanzjata sew tal-Kummissjoni li għandha l-parti kontestabbli għal 7.1 % kinitx l-unika waħda possibbli.

222 Barra minn hekk, billi kkunsidrat, fil-punt 247 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kienet użat, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-parti kontestabbli, l-osservazzjonijiet dedotti mit-trasferiment minn naħa tat-talba ta' Dell lejn AMD fl-2006 u fl-2007, il-Qorti Ġenerali żnaturat id-deċiżjoni kontenzjuża. Il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni data sussegwenti għall-ksur, b'tali mod li hija ma ammettietx li l-parti kontestabbli setgħet tammonta għal 10.1 % matul il-perijodu tal-ksur. Iċ-ċirkustanza li l-pressjoni kompetittiva dejjem tikber eżerċitata minn AMD, u rrilevata fil-premessa 1243 tad-deċiżjoni kontenzjuża, ippermettiet b'mod definittiv lil AMD li tikkompeti sal-ammont ta' parti kontestabbli li tista' tilħaq 10.1 % bejn Ottubru 2006 u Ġunju 2007, timplika neċessarjament pressjoni kompetittiva inqas matul il-perijodu tal-ksur. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali magħmula fil-punti 249 sa 251 tas-sentenza appellata huma bbażati wkoll fuq żnaturament tal-premessi 1245 u 1258 tad-deċiżjoni konenzjuża, sa fejn huma jitilqu mill-prinċipju li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni data dwar il-perijodu ta' wara l-ksur sabiex tikkalkola l-parti kontestabbli u tinjora l-elementi li jirriżultaw mit-tabella Nru 22. Fil-punt 250 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ħawdet is-snin kalendarji u s-snin fiskali ta' Dell, li wassalha sabiex tikkonkludi, b'mod żbaljat, li l-perijodu ta' wara l-ksur kien ittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest tat-test AEC.

223 Barra minn hekk, kuntrarjament għall-evalwazzjoni li l-Qorti Ġenerali fformulat fil-punt 263 tas-sentenza appellata, ebda kontradizzjoni ma tista' tiġi kkonstatata bejn dak li jirriżulta, minn naħa, mill-premessa 1256 tad-deċiżjoni kontenzjuża, li tgħid li, tal-inqas fuq erba' trimestri tal-perijodu tal-ksur, Intel kienet irnexxielha tgħaddi mit-test AEC u, min-naħa l-oħra, mill-konklużjonijiet tal-Kummissjoni fil-premessi 1281 u 1282 ta' din id-deċiżjoni, li minnhom jirriżulta li t-tnaqqis ikkontestat mogħti lil Dell seta' jipproduċi effett ta' esklużjoni matul dan il-perijodu kollu. Fil-fatt, filwaqt li l-premessa 1263 tal-imsemmija deċiżjoni sempliċement tqabbel il-parti rikjesta u l-parti kontestabbli, il-premessa 1281 tinkludi evalwazzjoni globali tal-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li jeskludi l-kompetizzjoni, fid-dawl ukoll tal-fatturi ta' tisħiħ, li l-Kummissjoni ma hijiex obbligata tikkwantifika u li l-eżistenza tagħha ma ġietx ikkontestata minn Intel. Dawn il-fatturi ta' tisħiħ, li jagħmlu parti mill-kuntest tat-test AEC u huma rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li jeskludi kompetitur effiċjenti daqs Intel, huma wkoll preżenti matul l-ewwel erba' trimestri tal-ksur.

224 Bl-istess mod, il-kunsiderazzjoni magħmula fil-punt 268 tas-sentenza appellata, ibbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni partijiet kontestabbli ta' madwar 17.3 %, ta' 22.5 % u ta' 24.2 %, li jirriżultaw ukoll mill-iskeda tal-kalkolu tal-2004, hija bbażata fuq żnaturament tal-premessa 1212 tad-deċiżjoni kontenzjuża. Fil-fatt, il-perċentwali msemmija mill-Qorti Ġenerali huma relatati ma' perijodi sussegwenti għal dak meħud inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-kalkolu tal-parti kontestabbli, li matulhom, wara li rnexxielha tikseb l-aċċettazzjoni tas-suq għall-kompjuters tagħha mgħammra b'CPU x86 prodotti minn AMD, Dell kienet f'pożizzjoni li żżid il-proporzjon ta' xiri tagħha ta' dawn iċ-CPU. Il-fatt li l-Qorti Ġenerali tikklassifika dawn iċ-ċifri ogħla bħala "parti kontestabbli" juri li hija wettqet żball meta kkunsidrat li l-imsemmija ċifri jikkontestaw il-konstatazzjoni mill-Kummissjoni ta' parti kontestabbli ta' 7.1 %.

225 Dan l-iżnaturament tad-deċiżjoni kontenzjuża jivvizzja l-kunsiderazzjoni li l-Qorti Ġenerali wettqet fil-punt 270 tas-sentenza appellata, li l-argumenti tal-Kummissjoni ma kinux jippermettu li tiġi spjegata jew ivvalidata, *a posteriori*, id-differenza bejn ir-riżultati, indikati minnha għall-ewwel erba' trimestri tal-perijodu tal-ksur, fit-tabella Nru 22, u l-kunsiderazzjoni li hija għamlet għal dan il-perijodu kollu, li tgħid li Intel ma għaddietx mit-test AEC.

226 Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-analiżijiet ekonomiċi ppreżentati mill-Kummissjoni fil-mori tal-kawża, li kienu intiżi sabiex juru li, anki jekk kellu jiġi kkalkolat is-sehem kontestabbli mid-dokumenti msemmija fil-punt 219 ta' din is-sentenza, minn dan ma jistax jiġi dedott sehem kontestabbli ta' bejn 12.5 % u 17.5 %. Billi rrifjutat li tipproċedi b'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali, fil-punti 235, 236, 252 u 253 tas-sentenza appellata, kisret id-drittijiet tad-difiża tal-Kummissjoni.

227 Intel tikkontesta l-fondatezza ta' din il-parti tat-tielet aggravju.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

228 Fid-dawl tan-natura eċċezzjonali ta' lment ibbażat fuq l-iżnaturament tal-provi, l-appellant għandu, skont l-Artikolu 256 TFUE, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 168(1)(d) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, jindika b'mod preċiż il-provi li allegatament ġew żnaturati mill-Qorti Ġenerali u juri l-iżbalji ta' analiżi li, fl-evalwazzjoni tagħha, wasslu lill-Qorti Ġenerali għal dan l-iżnaturament. Tali żnaturament għandu jirriżulta b'mod manifest mill-atti tal-proċess, mingħajr ma jkun meħtieġ li ssir evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, QuaMa Quality Management vs EUIPO, C-139/17P, EU:C:2018:608, punt 34).

229 Għalkemm żnaturament tal-provi jista' għaldaqstant jikkonsisti f'interpretazzjoni ta' dokument li tkun kuntrarja għall-kontenut tiegħu, sabiex jiġi stabbilit tali żnaturament ma huwiex biżżejjed li jintwera li dan id-dokument seta' jingħata interpretazzjoni differenti minn dik mogħtija mill-Qorti Ġenerali. Għal dan il-għan, huwa neċessarju li jiġi stabbilit li l-Qorti Ġenerali marret manifestament lil hinn mil-limiti ta' evalwazzjoni raġonevoli ta' dan id-dokument, b'mod partikolari billi interpretatu b'mod kuntrarju għall-formulazzjoni tiegħu (sentenza tal-25 ta' Frar 2021, Dalli vs Il-Kummissjoni, C-615/19 P, EU:C:2021:133, punt 139 u tat-23 ta' Marzu 2023, PV vs Il-Kummissjoni, C-640/20 P, EU:C:2023:232, punt 134).

230 Għandu jitfakkar li s-siltiet tas-sentenza appellata dwar it-test AEC applikat għal Dell huma komposti minn parti li tikkonċerna l-evalwazzjoni tal-parti kontestabbli (punti 171 sa 271 tas-sentenza appellata), minn parti li tikkonċerna kalkolu alternattiv applikat mill-Kummissjoni bl-għan li tikkonferma li t-tnaqqis ikkontestat mogħti lil Dell kien kapaċi jeskludi kompetitur effiċjenti daqs Intel (punti 272 sa 276 ta' din is-sentenza) u minn parti li tikkonċerna t-teħid inkunsiderazzjoni ta' ċerti fatturi li, jekk kienu inklużi fit-test AEC, isaħħu, skont id-deċiżjoni kontenzjuża, il-kapaċità ta' esklużjoni stmata ta' dan it-tnaqqis. Dawn il-fatturi ta' tisħiħ jikkonsistu, l-ewwel nett, sa fejn Dell ikkunsidrat b'mod ċar li kull telf, minnha, ta' tnaqqis ikkontestat ikun akkumpanjat minn żieda tat-tnaqqis ikkontestat mogħti minn Intel lill-OEM li huma l-kompetituri tagħha u, it-tieni nett, sa fejn l-istima tal-parti kontestabbli ma tiħux inkunsiderazzjoni l-fatt li Dell kienet tixtri wkoll mingħand Intel prodotti li ma humiex il-mikroproċessuri CPU x86, b'mod partikolari "chipsets" (punti 177 u 277 sa 282 tal-imsemmija sentenza).

231 Il-parti li tikkonċerna l-evalwazzjoni tal-parti kontestabbli ta' Dell tinqasam fi tliet subpartijiet. L-ewwel waħda, li tinkludi l-punti 189 sa 201 tas-sentenza appellata, tirrigwarda l-argumenti ta' Intel ibbażati fuq il-prinċipju ta' ċertezza legali, li l-Qorti Ġenerali ċaħdet. It-tieni waħda, li tinkludi l-punti 202 sa 256 ta' din is-sentenza, tirrigwarda l-argumenti ta' Intel intiżi sabiex jikkontestaw il-parti kontestabbli ta' 7.1 % miżmuma mill-Kummissjoni, li l-Qorti Ġenerali laqgħet. It-tielet waħda, li tinkludi l-punti 257 sa 271 tal-imsemmija sentenza, tirrigwarda l-allegazzjonijiet ta' Intel dwar il-parti inizjali tal-perijodu tal-ksur, inkluż bejn Diċembru 2002 u Ottubru 2003, li l-Qorti Ġenerali eżaminat għall-finijiet ta' kompletezza u laqgħet ukoll.

232 Fir-rigward tal-parti li tikkonċerna l-kalkolu alternattiv applikat mill-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punt 276 tas-sentenza appellata, li din ma turix li l-prattiki ta' tnaqqis ta' Intel setgħu jipproduċu effett ta' esklużjoni matul il-perijodu kollu tal-ksur.

233 Fir-rigward tal-parti dwar il-fatturi ta' tisħiħ, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 282 tas-sentenza appellata, li dawn il-fatturi kienu ġew inklużi fid-deċiżjoni kontenzjuża bħala elementi li jistgħu jsaħħu l-eżami prinċipali dwar l-eżistenza ta' effett ta' esklużjoni prodott mit-tnaqqis ikkontestat u li ma kinux ġew analizzati b'mod suffiċjenti mill-Kummissjoni fir-rigward tal-effett li dawn kellhom fuq l-evalwazzjoni tal-kapaċità ta' esklużjoni tal-imsemmi tnaqqis. B'hekk, skont dan l-istess punt tas-sentenza appellata, it-teħid inkunsiderazzjoni tagħhom ma setax jiġi mistħarreġ b'mod utli mill-Qorti Ġenerali, u lanqas ma setgħet tissostitwixxi l-analiżi prinċipali tal-Kummissjoni dwar il-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat mogħti lil Dell li jipproduċi effett ta' esklużjoni.

234 L-argumenti mressqa mill-Kummissjoni insostenn tal-ilment dwar l-iżnaturament tal-provi jirrigwardaw l-aħħar żewġ subpartijiet tal-parti tas-sentenza appellata dwar l-evalwazzjoni tal-parti kontestabbli ta' Dell kif ukoll dwar il-fatturi ta' tisħiħ. (ara l-punti 231 sa 233 ta' din is-sentenza)

235 F'dan ir-rigward, kif jirriżulta mill-punti 203 u 240 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat f'żewġ stadji l-argument ta' Intel intiż sabiex jikkontesta l-parti kontestabbli ta' 7.1 % adottata mill-Kummissjoni fir-rigward ta' Dell. Fl-ewwel lok, fil-punti 203 sa 239 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali eżaminat il-provi li fuqhom ibbażat ruħha Intel sabiex tikkontesta l-imsemmija parti u, fit-tieni lok, fil-punti 240 sa 255 tal-imsemmija sentenza, hija eżaminat l-argumenti ta' din tal-aħħar ibbażati fuq it-trasferiment effettiv tat-talba ta' Dell lil AMD matul l-2006 u l-2007.

236 F'dan il-kuntest, l-ewwel nett, l-argument tal-Kummissjoni li l-Qorti Ġenerali żnaturat l-ittra elettronika ta' D 1 jew dik ta' D5 billi amalgamat bejn trasferiment f'volum tal-bżonnijiet ta' Dell lejn AMD fi tmiem perijodu ta' sena u l-parti kontestabbli ta' Dell huwa bbażat fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata. Fil-fatt, mill-punti 04, 233 u 234 tas-sentenza appellata jirriżulta, b'mod partikolari, li l-Qorti Ġenerali tagħmel distinzjoni bejn il-kunċett ta' trasferiment ta' volum ta' xiri ta' CPU x86 minn Intel lejn AMD, minn naħa, u dak tal-parti kontestabbli, min-naħa l-oħra. B'mod partikolari, f'dawn il-punti, il-Qorti Ġenerali tispjega li l-projezzjoni ta' trasferiment ta' 25 % ta' tali volum setgħet, skont l-istimi tal-partijiet fil-kawża, tirriżulta f'parti kontestabbli ta' bejn 12.5 % u 17.5 %, u tqabbel dan it-trasferiment f'volum ma' 7 % meħud inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi parti kontestabbli ta' 7.1 %. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li, bl-iskuża ta' allegazzjoni ta' żnaturament, il-Kummissjoni għandha t-tendenza, fir-realtà, billi tinvoka l-valur probatorju għoli tal-iskeda ta' kalkolu tal-2004 meta mqabbla ma' dik tal-posta elettronika ta' D1, li tikseb evalwazzjoni ġdida tal-provi mill-Qorti tal-Ġustizzja. Għalhekk dan l-argument għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

237 It-tieni nett, fir-rigward tal-argument tal-Kummissjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' I1, mill-punt 233 tas-sentenza appellata jirriżulta li din id-dikjarazzjoni kienet biss waħda mill-erba' elementi li fuqhom ibbażat il-Qorti Ġenerali sabiex tikkunsidra, fl-istess punt, li t-trasferiment tat-talba ta' Dell lejn AMD seta' jikkonċerna sa 25 % tal-volum ta' CPU x86, u mhux 7 % kif jirriżulta mill-iskeda ta' kalkolu tal-2004. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma tindikax b'mod preċiż l-elementi li ġew żnaturati mill-Qorti Ġenerali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-argument inkwistjoni ma huwiex, fir-realtà, ibbażat fuq żnaturament tad-dikjarazzjoni ta' I1, fis-sens espost fil-punti 228 u 229 ta' din is-sentenza, iżda huwa intiż, min-naħa l-oħra, sabiex jikseb, min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja, evalwazzjoni ġdida ta' din il-prova u tal-importanza tagħha fost il-provi kollha eżaminati mill-Qorti Ġenerali, b'tali mod li għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

238 Fir-rigward, it-tielet nett, tal-argumenti li permezz tagħhom il-Kummissjoni ssostni li l-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali esposti fil-punti 247 sa 251 tas-sentenza appellata, dwar it-teħid inkunsiderazzjoni tad-data li tirriżulta mit-trasferiment effettiv minn naħa tat-talba ta' Dell lejn AMD fl-2006 u fl-2007, jiġifieri wara l-perijodu tal-ksur, li ntemm f'Diċembru 2005, huma vvizzjati bi żnaturament tad-deċiżjoni kontenzjuża, għandu jiġi rrilevat dan li ġej.

239 Fil-punti 247 u 248 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali osservat li l-Kummissjoni ma tistax tibbaża ruħha fuq ir-rilevanza tal-elementi dedotti mit-trasferiment minn naħa tat-talba ta' Dell lejn AMD fl-2006 u fl-2007 sabiex tikkontradixxi l-argument ta' Intel dwar il-punt ta' tluq tal-perijodu ta' żmien ta' sena fil-kuntest tal-kalkolu tal-parti kontestabbli, filwaqt li fl-istess ħin tiċħad ir-rilevanza ta' dawn l-istess elementi għall-finijiet tal-evalwazzjoni tar-rata preċiża tal-parti kontestabbli. Kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, billi adottat din il-pożizzjoni ta' prinċipju, li tikkritika użu selettiv minnha tal-provi, il-Qorti Ġenerali ma kkunsidratx li din l-istituzzjoni kienet użat, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-parti kontestabbli, l-osservazzjonijiet dedotti mit-trasferiment minn naħa tat-talba ta' Dell lejn AMD fl-2006 u fl-2007.

240 Barra minn hekk, fil-punt 249 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument tal-Kummissjoni ppreżentat fl-osservazzjonijiet addizzjonali tagħha dwar ir-riferiment, li jgħid li r-rilevanza tat-trasferiment effettiv minn naħa tat-talba ta' Dell lejn AMD fl-2006 u fl-2007 kellha tiġi rrelativizzata minħabba ż-żieda tat-tnaqqis ikkontestat mogħti minn Intel matul dan il-perijodu. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali osservat li l-Kummissjoni ma kinitx aġġustat mill-ġdid il-parti kontestabbli kkunsidrata fil-premessa 1245 tad-deċiżjoni kontenzjuża, evalwata bejn 8.2 % u 10.1 %, sabiex tieħu inkunsiderazzjoni dan l-element. Minn dan il-punt tas-sentenza appellata ma jirriżultax li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kummissjoni kienet stabbilixxiet rati ta' parti kontestabbli ffissati bejn 8.2 % u 10.1 % matul il-perijodu tal-ksur. Il-Qorti Ġenerali tosserva sempliċement li, jekk il-Kummissjoni kienet tqis li ċertu fattur kien jaffettwa l-affidabbiltà tar-rati msemmija fil-premessa 1245 ta' din id-deċiżjoni, hija kellha taġġusta mill-ġdid dawn ir-rati sabiex tieħu inkunsiderazzjoni dan il-fattur.

241 Fil-punt 250 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali tirreferi għal argument ieħor li l-Kummissjoni ressqet fl-osservazzjonijiet addizzjonali tagħha dwar li l-kawża ntbagħtet lura, li jgħid li t-test AEC kien "integra" il-partijiet tas-suq reali ta' AMD fix-xiri ta' Dell fl-2006 u fl-2007 u li r-riżultati ta' dawn il-kalkoli kienu jikkorroboraw il-konstatazzjonijiet tad-deċiżjoni kontenzjuża "għall-perijodu li jintemm fl-2005". F'dan ir-rigward, fil-punt 251 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali osservat li l-Kummissjoni ma kinitx wettqet aġġustament mill-ġdid tal-parti kontestabbli kkunsidrata għall-2005 abbażi tal-kalkoli mwettqa fil-premessa 1245 ta' din id-deċiżjoni, li jikkonċernaw il-perijodu ta' wara l-ksur. Fin-nuqqas ta' tali aġġustament mill-ġdid,

ma jkunx, fil-fatt, possibbli li jiġi affermat li r-riżultati tal-kalkoli mwettqa fl-imsemmija deċiżjoni jikkorroboraw il-konstatazzjonijiet tal-istess deċiżjoni dwar il-perijodu tal-ksur, speċjalment peress li jirreferu għal parti kontestabbli għolja, li pjuttost tikkontesta dawn il-konstatazzjonijiet.

242 Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ddistingwiet b'mod korrett bejn id-data tat-test AEC dwar il-perijodu tal-ksur u dik dwar il-perijodu wara l-ksur, li ma tagħmilx parti minn dan it-test. B'hekk, il-Qorti Ġenerali eżaminat, bi tweġiba għall-argumenti ta' Intel, il-fondatezza tal-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar ir-rilevanza tad-data li tirrigwarda l-perijodu wara l-ksur mingħajr ma żnaturat il-kontenut tal-premessi rilevanti tad-deċiżjoni kontenzjuża.

243 Barra minn hekk, l-argumenti tal-Kummissjoni li jgħidu l-Qorti Ġenerali kisret id-drittijiet tad-difiża tagħha billi rrifjutat, fil-punti 236 u 253 tas-sentenza appellata, li tieħu inkunsiderazzjoni l-analiżijiet addizzjonali, imsemmija fil-punti 235 u 252 ta' din is-sentenza, prodotti minnha għall-ewwel darba fil-mori tal-kawża sabiex tikkontradixxi elementi allegatament prodotti minn Intel għall-ewwel darba quddiem il-Qorti Ġenerali, ma jistgħux jintlaqgħu. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punti 156 sa 161 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni elementi prodotti minn Intel għall-ewwel darba quddiemha, b'tali mod li l-argumenti ppreżentati mill-Kummissjoni insostenn ta' dan l-aggravju huma, fi kwalunkwe każ, ibbażati fuq premessa żbaljata.

244 Fid-dawl tal-evalwazzjonijiet li jinsabu fil-punti 235 sa 243 ta' din is-sentenza, hemm lok li jiġu miċħuda bħala ineffettivi l-argumenti tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni li l-Qorti Ġenerali wettqet, sussidjarjament, fil-punti 257 sa 271 tas-sentenza appellata, dwar l-analiżi tal-parti kontestabbli ta' Dell dwar il-parti inizjali tal-perijodu tal-ksur, inkluż bejn Diċembru 2002 u Ottubru 2003. Fil-fatt, kif ippreċiżat fil-punt 257 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet din l-evalwazzjoni minkejja li l-konklużjoni li kienet waslet għaliha fil-punt 256 tas-sentenza appellata, li tgħid li l-Kummissjoni ma kinitx uriet sal-grad rikjest mil-liġi il-fondatezza tal-evalwazzjoni tal-parti kontestabbli ta' Dell adottata fid-deċiżjoni kontenzjuża, kienet diġà fiha nnifisha invalidat l-evalwazzjoni ta' din il-parti kontestabbli mwettqa mill-Kummissjoni.

245 Fl-aħħar nett, l-argument tal-Kummissjoni bbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta eżiġiet kwantifikazzjoni tal-fatturi ta' tisħiħ invokati minnha sabiex turi l-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li jeskludi kompetitur effiċjenti daqs Intel huwa bbażat fuq qari żbaljat tal-punti 278 sa 282 tas-sentenza appellata. Minn dawn il-punti jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ċaħdet l-analiżi mwettqa fid-deċiżjoni kontenzjuża dwar it-trasferiment tat-tnaqqis ikkontestat mogħti lil Dell lill-kompetituri tagħha u t-telf ta' dan it-tnaqqis fil-kuntest tax-xiri ta' "chipsets" minħabba li, fl-assenza ta' evalwazzjoni f'ċifri f'dan ir-rigward, kien impossibbli għall-Qorti Ġenerali li tistħarreġ b'mod utli jekk dawn iż-żewġ fatturi ta' tisħiħ kinux kapaċi jinnewtralizzaw in-nuqqasijiet li jirriżultaw mill-iżbalji li jivvizzjaw it-test AEC dwar il-parti kontestabbli ta' Dell jew li juru kapaċità ta' esklużjoni tal-imsemmi tnaqqis. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ma kkunsidratx li l-fatturi ta' tisħiħ kellhom jiġu kkwantifikati bi preċiżjoni fiċ-ċirkustanzi kollha, iżda li, kieku kellhom jissostitwixxu l-analiżi prinċipali tal-Kummissjoni dwar il-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat mogħti lil Dell li jeskludi kompetitur effiċjenti daqs Intel, l-eżami li kien iddedikat lilhom kellu jkun xieraq sabiex juri din il-kapaċità.

246 Minn dan isegwi li t-tielet parti għandha tiġi miċħuda, l-istess bħat-tielet aggravju kollu kemm hu.

Fuq ir-raba' aggravju, ibbażat fuq diversi żbalji ta' liġi u fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-eżami tat-test AEC fir-rigward ta' HP

247 Ir-raba' aggravju raġuni fiha żewġ partijiet.

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq żbalji ta' liġi fil-kuntest tal-eżami tat-test AEC fir-rigward ta' HP

– *L-argumenti tal-partijiet*

248 Skont il-Kummissjoni, billi ddeċidiet, fil-punti 319 u 335 tas-sentenza appellata, li l-kalkolu tal-parti rikjesta minn HP ma kienx jippermetti li jitqies li t-tnaqqis ikkontestat mogħti lilha kien kapaċi jeskludi l-kompetizzjoni għall-perijodu mill-1 ta' Novembru 2002 sat-30 ta' Settembru 2003, il-Qorti Ġenerali vvizzjat is-sentenza appellata bi żbalji ta' liġi.

249 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali applikat standard ta' prova żbaljat li, fir-rigward tat-test AEC dwar HP, ivvizzja b'illegalità l-punti 292 sa 320 tas-sentenza appellata. B'hekk, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset, fil-punt 335 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma kinitx ipproduċiet il-prova li, matul il-perijodu ta' bejn Novembru 2002 u Mejju 2005, it-tnaqqis ikkontestat mogħti lil HP kien kapaċi jipproduċi effett ta' esklużjoni antikompetittiv.

250 B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali ma kkontestatx li d-deċiżjoni kontenzjuża tindika wkoll il-parti meħtieġa għall-perijodu minn Novembru 2002 sa Settembru 2003. Madankollu, fil-punti 304 u 305 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkritikat il-fatt li, sabiex tiddetermina din il-parti, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq ċifri bbażati fuq is-somma jew il-medja aritmetika taċ-ċifri li jikkonċernaw biss tliet trimestri, jiġifieri r-raba' trimestru tas-sena finanzjarja 2003 kif ukoll l-ewwel u t-tieni trimestru tas-sena finanzjarja 2004. Issa, dawn iċ-ċifri huma suffiċjentement rappreżentattivi għall-perijodu kollu tal-ewwel ftehim konkluż bejn Intel u HP, fis-seħħ bejn Novembru 2002 u Mejju 2004 (iktar 'il quddiem il-"ftehim HPA1"), u għalhekk il-Kummissjoni bbażat ruħha fuqhom.

251 Il-Qorti Ġenerali għalhekk ikkritikat l-għażla, mill-Kummissjoni, ta' parametru ekonomiku, f'dan il-każ il-perijodu ta' riferiment magħżul għall-kalkolu tal-parti meħtieġa. Issa, dan il-parametru ekonomiku ma huwiex kwistjoni ta' fatt, iżda aspett ta' evalwazzjoni ekonomika kumplessa li fir-rigward tagħha l-Kummissjoni għandha marġni ta' diskrezzjoni wiesa', peress li l-istħarriġ tal-Qorti Ġenerali għandu, konsegwentement, ikun limitat għall-verifika tal-eżistenza possibbli ta' żball manifest ta' evalwazzjoni, bħall-użu mill-Kummissjoni ta' metodu illegali. Issa, Intel ma pproduċietx kalkolu alternattiv fir-rigward tat-trimestri kkonċernati, peress li l-approċċ tal-Kummissjoni kien, fi kwalunkwe każ, favorevoli għaliha. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ssostitwixxiet l-evalwazzjoni tagħha għal dik tal-Kummissjoni.

252 Barra minn hekk, l-għażla metodoloġika magħmula mill-Kummissjoni sabiex tiddetermina dan il-perijodu ta' referenza hija bbażata fuq motivazzjoni impliċita li tirriżulta, minn naħa, mill-fatt li t-tabella Nru 35 tad-deċiżjoni kontenzjuża tippreżenta l-parti rikjesta bħala li tkopri t-tul kollu tal-ftehim HPA 1 u, min-naħa l-oħra, mill-fatt li, kif ġie espost fil-premessa 346 tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-fattur l-iktar deċiżiv, jiġifieri l-ammont tat-tnaqqis ikkontestat mogħti lil HP, baqa' ma nbidilx matul il-perijodu kollu kopert mill-imsemmi ftehim, fatt li Intel ma kkontestatx.

253 It-tieni nett, billi rrifjutat li tieħu inkunsiderazzjoni, minn naħa, il-fatt li Intel ma kinitx ikkontestat, matul il-proċedura amministrattiva, il-perijodi użati mill-Kummissjoni għall-kalkoli tagħha fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u, min-naħa l-oħra, li din l-impriża kienet saħansitra użat dawn il-perijodi għall-kalkoli tagħha stess, li hija ssottomettiet lill-Kummissjoni matul din il-proċedura, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.

254 It-tielet nett, anki jekk jitqies li l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali li tgħid li l-Kummissjoni ma kinitx uriet effett ta' esklużjoni antikompetittiv matul il-perijodu ta' bejn Novembru 2002 u Settembru 2003 hija fondata, dan ma jiġġustifikax il-konklużjoni, kif tagħmel il-Qorti Ġenerali fil-punt 335 tas-sentenza appellata, li dan l-iżball kien jivvizzja l-analiżi kollha li tgħid li t-tnaqqis ikkontestat mogħti lil HP kien kapaċi jeskludi l-kompetizzjoni matul il-perijodu minn Novembru 2002 sa Mejju 2005, li jinkludi l-perijodu minn Ġunju 2004 sa Mejju 2005 kopert mit-tieni ftehim iffirmat bejn Intel u HP (iktar 'il quddiem il-"ftehim HPA2"). Għall-kuntrarju, kif ammettiet il-Qorti Ġenerali fil-punt 525 tas-sentenza appellata, it-test AEC jista' jiġi kkunsidrat bħala probatorju għall-perijodu minn Ottubru 2003 sa Mejju 2005.

255 Ir-raba' nett, billi kkonkludiet fil-punt 334 tas-sentenza appellata, li d-deċiżjoni kontenzjuża ma hijiex immotivata sal-grad rikjest mil-liġi fir-rigward tal-fatturi ta' tisħiħ, il-Qorti Ġenerali neċessarjament għamlet riferiment għaż-żewġ fatturi ta' tisħiħ meħuda inkunsiderazzjoni f'din id-deċiżjoni, iċċitati fil-punt 321 tas-sentenza appellata, jiġifieri l-użu, mill-Kummissjoni, ta' ċifri favorevoli għal Intel u r-riskju ta' trasferiment tat-tnaqqis ikkontestat inizjalment intiż għal HP lejn kompetitur ieħor tagħha. Issa, il-Qorti Ġenerali eżaminat il-motivazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża biss fir-rigward tat-tieni wieħed minn dawn il-fatturi, b'tali mod li s-sentenza appellata ma hijiex immotivata, lanqas b'mod impliċitu, f'dak li jirrigwarda l-ewwel wieħed minnhom. Fi kwalunkwe każ, meta ddeċidiet, fil-punti 328, 331 u 334 tas-sentenza appellata, li d-deċiżjoni kkontestata ma kinitx motivata sal-grad rikjest mil-liġi f'dak li jirrigwarda t-tieni fattur ta' tisħiħ, il-Qorti Ġenerali wettqet ukoll żball ta' liġi. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tosserva, b'mod partikolari, li l-Qorti Ġenerali fir-realtà eżiġiet li hija tmur lil hinn minn evalwazzjoni tal-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li jeskludi kompetitur effiċjenti daqs Intel u li jikkwantifika l-effetti ta' esklużjoni, u dan b'riferiment għal element estranju għall-parametri tat-test AEC u ipotetiċi. Konsegwentement, anki jekk il-Qorti Ġenerali ġustament ikkunsidrat, fis-sentenza appellata, li d-deċiżjoni kontenzjuża ma wrietx l-eżistenza ta' effett ta' esklużjoni antikompetittiv għall-perijodu minn Novembru 2002 sa Settembru 2003, il-konklużjoni ġenerali misluta fil-punt 335 ta' din is-sentenza hija żbaljata.

256 Intel tikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tal-Kummissjoni.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

257 Il-Qorti Ġenerali ppreżentat il-kuntest fattwali dwar it-tnaqqis ikkontestat mogħti lil HP fil-punti 288 u 289 tas-sentenza appellata. Minn dawn il-punti jirriżulta li Intel kienet ikkonkludiet ma' HP, għall-perijodu minn Novembru 2002 sa Mejju 2005, żewġ ftehimiet suċċessivi li kellhom bħala suġġett it-tagħmir ta' desktops intiż għall-impriżi permezz ta' CPU x86. L-ewwel wieħed minn dawn il-ftehimiet, jiġifieri l-ftehim HPA 1, kien ikopri perijodu bejn Novembru 2002 u Mejju 2005 u t-tieni, jiġifieri l-ftehim HPA 2, perijodu li jmur minn Ġunju 2004 sa Mejju 2005. L-għoti tat-tnaqqis previst f'dawn il-ftehim kien suġġett għall-kundizzjoni mhux miktuba li HP tipprovdi ruħha mingħand Intel għal mill-inqas 95 % tal-bżonnijiet tagħha fi CPU x86 sabiex tgħammar id-desktops tagħha maħsuba għall-impriżi.

Skont il-punt 288 tas-sentenza appellata, li jirreferi, f'dan ir-rigward, għall-premessa 1406 tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni kkonkludiet, abbażi tat-test AEC, li dan it-tnaqqis seta' jkollu effetti ta' esklużjoni antikompetittivi.

258 Skont il-punti 298, 299, 303 u 321 tas-sentenza appellata, din il-konklużjoni hija bbażata, minn naħa, fuq paragun bejn il-parti kontestabbli u l-parti rikjesta u, min-naħa l-oħra, fuq żewġ fatturi ta' tisħiħ. Dawn il-fatturi huma kkostitwiti, l-ewwel nett, mill-użu mill-Kummissjoni taċ-ċifri l-iktar favorevoli għal Intel, u, it-tieni nett, mill-fatt li, fil-każ ta' trasferiment minn HP tax-xiri tagħha ta' CPU x86 lejn AMD, Intel tista' min-naħa tagħha tittrasferixxi t-tnaqqis ikkontestat inizjalment intiż għal HP lejn kompetitur ieħor ta' din tal-aħħar, bħal Dell.

259 Mill-punt 299 tas-sentenza appellata jirriżulta li, skont id-deċiżjoni kontenzjuża, il-parti kontestabbli ta' HP kienet ġiet stabbilita mill-Kummissjoni għal 7 %.

260 Fir-rigward tal-parti meħtieġa, din hija indikata fit-tabella Nru 34, li tinsab fil-premessa 1334 tad-deċiżjoni kontenzjuża (iktar 'il quddiem it-"tabella Nru 34"), li għaliha jirreferi l-punt 303 tas-sentenza appellata. L-aħħar kolonna ta' din it-tabella, tindika li, għall-perijodu bejn it-tielet trimestru tas-sena fiskali 2003 sat-tielet trimestru tas-sena fiskali 2006, il-parti rikjesta kienet bejn 9.7 %, li hija l-valur ikkalkolat għar-raba' trimestru tas-sena finanzjarja 2003, u 18.9 %, li huwa l-valur ikkalkolat għall-ewwel trimestru tas-sena finanzjarja 2005. B'hekk, il-Kummissjoni qieset, fil-premessa 1387 tad-deċiżjoni kontenzjuża, li għaliha jirreferi l-punt 298 tas-sentenza appellata, li l-parti rikjesta kienet ogħla mill-parti kontestabbli għall-perijodu kollu tal-ksur.

261 Barra minn hekk, it-tabella Nru 35, li tinsab fil-premessa 1337 tad-deċiżjoni kontenzjuża, li għaliha jirreferi l-punt 292 tas-sentenza appellata, turi, skont din il-premessa, is-soliditàtal-konklużjoni tal-Kummissjoni u hija ppreżentata b'mod li tissuġġerixxi li tinkludi l-perijodu kollu kopert mill-Ftehim HPA 1. Din it-tabella turi parti rikjesta ta' 10.6 % għall-perjodu kopert mill-Ftehim HPA 1.

262 Mill-punt 291 tas-sentenza appellata jirriżulta li Intel ikkritikat lill-Kummissjoni li wettqet, b'mod partikolari, erba' żbalji relatati, l-ewwel wieħed, mas-sehem kontestabbli, it-tieni wieħed, mal-ammont tal-parti kundizzjonali tat-tnaqqis ikkontestat, it-tielet wieħed, mal-perijodu tal-ksur eżaminat u, ir-raba' wieħed, mal-fatturi ta' tisħiħ meħuda inkunsiderazzjoni. Il-Qorti Ġenerali għamlet l-analiżi tagħha fuq l-iżbalji invokati fit-tielet u fir-raba' post.

263 Fir-rigward tal-perijodu tal-ksur eżaminat, il-Qorti Ġenerali osservat, fil-punt 303 tas-sentenza appellata, li t-Tabella Nru 34 kienet tkopri l-perijodu ta' bejn ir-raba' trimestru tas-sena fiskali 2003 u t-tielet trimestru tas-sena fiskali 2005, b'tali mod li ma kienet tintegra l-ebda data dwar Novembru u Diċembru 2002 kif ukoll l-ewwel tliet trimestri tas-sena fiskali 2003.

264 B'mod simili, fil-punt 304 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li ċ-ċifri relatati mal-Ftehim HPA1 li jinsabu fl-ewwel linja tat-tabella Nru 35 jirriżultaw mis-somma jew mill-medja aritmetika taċ-ċifri li jinsabu fl-ewwel tliet linji tat-tabella Nru 34. Il-Qorti Ġenerali ppreżentat id-dettalji li fuqhom hija bbażata din l-evalwazzjoni fil-punt 305 ta' din is-sentenza, billi żiedet, fil-punt 306 tagħha, li l-Kummissjoni ma kinitx sostniet li din ir-relazzjoni matematika kienet tirriżulta minn koinċidenza jew li d-diversi valuri identifikati huma, għat-tliet trimestri neqsin kif ukoll għat-tliet trimestri segwenti, identiċi.

265 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punt 307 tas-sentenza appellata, li Novembru u Diċembru 2002 kif ukoll l-ewwel tliet trimestri tas-sena fiskali 2003 ma kinux effettivament ittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni fil-kalkoli li minnhom irriżultaw iċ-ċifri li jinsabu fit-tabella Nru 35. Hija żiedet, fl-istess punt, li l-kalkolu tal-parti rikjesta matul it-tul tal-ftehim HPA 1 li wassal għar-riżultati li jinsabu fit-tabelli Nri 34 u 35 għalhekk ma kienx ikopri l-perijodu kollu bejn Novembru 2002 u Mejju 2005 li għalih il-Kummissjoni kienet qieset li setgħet turi l-eżistenza ta' effett ta' esklużjoni antikompetittiv prodott mit-tnaqqis ikkontestat mogħti lil HP.

266 Fil-punti 308 sa 320 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argumenti li l-Kummissjoni kienet siltet, l-ewwel nett, li r-riżultat ta' kalkolu fuq bażi trimestrali ma huwiex fundamentalment differenti mir-riżultat tal-kalkolu globali allegatament imwettaq u, it-tieni nett, fuq riferimenti magħmula għal anness tar-risposta u għal anness tal-kontroreplika.

267 Fir-rigward tal-argumenti tal-Kummissjoni bbażati fuq il-fatt li t-test AEC jimplika evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi li fir-rigward tagħhom din l-istituzzjoni għandha marġni ta' diskrezzjoni li l-Qorti Ġenerali kellha tosserva, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni wettqet test AEC bl-għan li turi li t-tnaqqis ikkontestat kellu l-kapaċità li jeskludi kompetitur effiċjenti daqs Intel.

268 Kif tesponi, essenzjalment, l-Avukata Ġenerali fil-punti 83 sa 85 tal-konklużjonijiet tagħha, il-kalkolu tal-parti rikjesta jimplika għażliet metodoloġiċi li l-Kummissjoni għandha twettaq b'mod li tiżgura ruħha li hija tibbaża l-konklużjonijiet tagħha fuq id-data kollha fattwalment eżatta, affidabbli u koerenti neċessarja għal dan l-għan. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni setgħet tiddeċiedi li tanalizza l-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat mogħti lil HP li jeskludi kompetitur effiċjenti daqs Intel fuq bażi trimestrali għal perijodu bejn Novembru 2002 u Mejju 2005. Madankollu, fin-nuqqas ta' motiv ieħor użat fid-deċiżjoni kontenzjuża sabiex tintwera din il-kapaċità, it-test AEC għandu jkun jista' jsostni b'mod utli l-konklużjoni li dan it-tnaqqis għandu tali kapaċità għal dan il-perijodu kollu.

269 Issa, l-ewwel nett, il-Kummissjoni ma ssostnix li l-konstatazzjonijiet fattwali tal-Qorti Ġenerali, li jaqgħu taħt l-evalwazzjoni sovrana tagħha, li jgħidu, minn naħa, li t-tabella Nr 34, iddedikata għall-kalkolu tal-parti rikjesta, ma tkoprix il-perijodu sal-bidu tar-raba' trimestru tas-sena fiskali 2004 u, min-naħa l-oħra, it-tabella Nru 35 hija, minkejja riferiment għall-Ftehim HPA 1, ivvizzjata bl-istess lakuna, jirriżultaw minn kwalunkwe żnaturament tal-provi jew tad-deċiżjoni kontenzjuża stess.

270 It-tieni nett, kif tesponi, essenzjalment, l-Avukata Ġenerali fil-punti 91 u 92 tal-konklużjonijiet tagħha, anki jekk l-użu tal-mekkaniżmu tal-estrapolazzjoni ma huwiex għażla bħala prinċipju pprojbita, sa fejn dan il-mekkaniżmu huwa intiż li jiddeduċi element mhux magħruf minn data li hija magħrufa, dan għandu jkun ibbażat fuq sekwenza loġika konkreta, iddefinita u spjegata mill-parti li għandha l-oneru tal-prova, f'dan il-każ il-Kummissjoni.

271 Issa, il-Kummissjoni ma ssostnix, u lanqas ma jirriżulta mis-sentenza appellata, li hija invokat quddiem il-Qorti Ġenerali n-natura rappreżentattiva tad-data dwar il-perijodu li seħħ wara t-tielet trimestru fiskali 2003 sabiex tiġġustifika l-estrapolazzjoni tagħha għall-parti tal-perijodu tal-ksur sal-iskadenza ta' dan it-trimestru u, wisq inqas, li tali natura rappreżentattiva tirriżulta mid-deċiżjoni kontenzjuża. Għall-kuntrarju, in-nota ta' qiegħ il-paġna 1658, imsemmija fil-premessa 1337 tad-deċiżjoni kontenzjuża, li għaliha jirreferu l-punti 292 u 297 tas-sentenza appellata, tindika li l-perijodu eżaminat ma jikkoinċidix kompletament mat-tul tal-ftehimiet

inkwistjoni peress li, fir-rigward tal-ftehim HPA 1, iċ-ċifri pprovduti minn HP ma kinux ikopru t-tul ta' dan il-ftehim fl-intier tiegħu. Dan ir-riferiment jeskludi, barra minn hekk, il-possibbiltà li jiġi kkunsidrat li d-deċiżjoni kontenzjuża tinkludi motivazzjoni impliċita dwar in-natura rappreżentattiva tad-data dwar il-perijodu li seħħ wara t-tielet trimestru fiskali 2003, li seta' jiġġustifika estrapolazzjoni. Barra minn hekk, peress li l-Kummissjoni ma tikkontestax l-affermazzjoni esposta fil-punt 306 tas-sentenza appellata, deskritta fil-punt 264 ta' din is-sentenza, għandu jiġi kkunsidrat li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 307 tas-sentenza appellata, li xhur ta' Novembru u ta' Diċembru 2002 kif ukoll l-ewwel tliet trimestri tas-sena fiskali 2003 ma kinux effettivament ittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni.

272 It-tielet nett, fil-punt 318 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat, għall-finijiet ta' kompletezza, il-kalkoli li l-Kummissjoni kienet ipproduċiet fl-anness tal-kontroreplika sabiex turi li r-riżultati relatati mal-parti rikjesta ta' HP kienu l-istess għax-xahrejn u t-tliet trimestri neqsin bħal dawk relatati ma' din il-parti għat-trimestri li effettivament ittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li ma hemm xejn li juri l-eżattezza tal-ipoteżi li, minħabba l-istabbiltà tat-tnaqqis ikkontestat matul il-perijodu kopert mill-ftehim HPA 1, ir-riżultati tal-parti rikjesta għal dan l-aħħar perijodu huma wkoll applikabbli għall-perijodu li ma tteħidx inkunsiderazzjoni, iktar u iktar peress li xejn ma kien jindika li l-volum tax-xiri ta' HP u l-prezz medju ta' bejgħ kien baqa' l-istess matul il-perijodu kollu tal-ksur. Issa, il-Kummissjoni sempliċement tindika li l-ammont tat-tnaqqis ikkontestat mitluf minn HP huwa l-fattur l-iktar importanti tal-kalkolu min-naħa rikjesta, mingħajr madankollu ma ssostni li l-evalwazzjoni msemmija iktar 'il fuq tal-Qorti Ġenerali hija vvizzjata bi żnaturament tal-provi.

273 Fir-rigward tal-argument tal-Kummissjoni bbażat fuq il-fatt li Intel ma kinitx ikkontestat, matul il-proċedura amministrattiva, il-perijodi użati minnha għall-kalkoli tagħha, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni għandha tevalwa, b'mod partikolari, l-eżistenza eventwali ta' strateġija intiża li teskludi, permezz tal-għoti ta' tnaqqis għal fedeltà, il-kompetituri tal-inqas effiċjenti daqs l-impriża f'pożizzjoni dominanti meta din issostni, matul il-proċedura amministrattiva, provi ta' sostenn, li l-aġir tagħha ma kellux il-kapaċità li jirrestrinġi l-kompetizzjoni u, b'mod partikolari, li jipproduċi l-effetti ta' esklużjoni allegati. (ara l-punti 138 u 139 tas-sentenza tal-appell).

274 Minn dan isegwi li l-Kummissjoni hija intitolata tibbaża l-evalwazzjoni tagħha fuq l-istess premessi u elementi bħal dawk ippreżentati mill-impriża inkriminata, kif tista' twettaq l-analiżijiet tagħha stess minn elementi oħra miksuba matul l-investigazzjoni tagħha.

275 Madankollu, il-fatt li Intel ippreżentat, matul il-proċedura amministrattiva, kalkoli li, anki jekk ibbażati fuq il-perijodi ta' referenza użati mill-Kummissjoni, juru, skont din l-impriża, li t-tnaqqis ikkontestat ma kellux il-kapaċità li jeskludi kompetitur effiċjenti daqs tagħha huwa nettament differenti minn sitwazzjoni li fiha Intel ipproduċiet, matul din il-proċedura, provi li jirrigwardaw parti mill-perijodu tal-ksur li hija stess estrapolat għal parti oħra tiegħu, li fuqhom il-Kummissjoni bbażat ruħha fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u, fin-nuqqas ta' kontestazzjoni, fid-deċiżjoni kontenzjuża. Din id-distinzjoni tapplika indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk, kif hija ssostni, Intel kinitx uriet, matul il-proċedura amministrattiva, il-lakuna li tikkonċerna l-perijodu minn Novembru 2002 sa Lulju 2003.

276 F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta diġà mill-punt 163 ta' din is-sentenza, u kif irrilevat ġustament il-Qorti Ġenerali fil-punt 300 tas-sentenza appellata, ebda dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma timponi fuq id-destinatarju tal-komunikazzjoni tal-oġġezzjonijiet

l-obbligu li jikkontesta d-diversi punti ta' fatt u ta' liġi matul il-proċedura amministrattiva, taħt piena li ma jkunx jista' jikkontestahom ulterjorment fl-istadju tal-proċedura ġudizzjarja (sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, Knauf Gips vs Il-Kummissjoni, C-407/08 P, EU:C:2010:389, punt 89).

277 B'hekk, peress li Intel sostniet, matul il-proċedura amministrattiva, provi ta' sostenn, li l-aġir tagħha ma kellux il-kapaċità li jirrestrinġi l-kompetizzjoni fir-rigward ta' HP, u b'hekk ta lok għall-obbligu tal-Kummissjoni li tevalwa l-eżistenza eventwali ta' strateġija intiża li teskludi l-kompetituri li huma mill-inqas effiċjenti daqs Intel, xejn ma kien jipprekludiha milli tikkontesta quddiem il-Qorti Ġenerali l-elementi ta' din l-evalwazzjoni relatati mal-perijodu inkwistjoni li jagħmlu parti mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża. Minn dan isegwi li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta adottat l-istess approċċ fil-punti 300 sa 302 tas-sentenza appellata.

278 L-argument tal-Kummissjoni bbażat fuq il-fatt li, billi qieset li l-lakuna tat-test AEC dwar il-parti tal-perijodu tal-ksur li seħħet sa tmiem it-tielet trimestru fiskali 2003 kienet tivvizzja l-analiżi dwar il-perijodu kollu tal-ksur, li kien mifrux minn Novembru 2002 sa Mejju 2005, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, hija bbażata fuq qari żbaljat tal-punt 335 tas-sentenza appellata. Fil-fatt, f'dan il-punt, il-Qorti Ġenerali indikat li l-konklużjoni, ifformulata fil-premessa 1406 tad-deċiżjoni kontenzjuża, li t-tnaqqis ikkontestat mogħti lil HP kien kapaċi jipproduċi effett ta' esklużjoni antikompetittiv matul il-perijodu minn Novembru 2002 sa Mejju 2005 ma kinitx ġiet stabbilita sal-grad rikjest mil-liġi biss "sa fejn [il-Kummissjoni] ma [kinitx uriet] l-eżistenza ta' effetti ta' esklużjoni għall-perijodu bejn l-1 ta' Novembru 2002 u t-30 ta' Settembru 2003". B'hekk, fil-punt 525 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ammettiet li din iċ-ċirkustanza ma kinitx adatta sabiex twassal għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża għall-perijodu kollu tal-ksur ikkonstatat fir-rigward ta' HP. F'dawn iċ-ċirkustanzi, kif jirriżulta mill-istess punt ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ppronunzjat l-annullament għal dan il-perijodu kollu biss wara li kkonstatat, fil-punti 485 sa 520 tal-imsemmija sentenza, li l-Kummissjoni ma kinitx eżaminat debitament il-kriterju dwar ir-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat u li hija ma kinitx wettqet analiżi korretta tat-tul ta' dan it-tnaqqis.

279 Minn dan isegwi li, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali ma bbażatx l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża fir-rigward tat-tnaqqis ikkontestat mogħti lil HP fuq il-lakuna li taffettwa biss parti mill-perijodu tal-ksur.

280 L-argument tal-Kummissjoni bbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali eżaminat biss il-fattur ta' tisħiħ ibbażat fuq ir-riskju ta' trasferiment tat-tnaqqis ikkontestat inizjalment intiż għal HP lejn kompetitur ieħor tagħha bl-esklużjoni ta' dak li jikkonsisti fl-użu, mill-Kummissjoni, ta' ċifri favorevoli għal Intel għandu wkoll jiġi miċħud. Huwa biżżejjed li jiġi rrilevat, f'dan ir-rigward, li, fid-dawl tan-natura tan-nuqqas ikkonstatat mill-Qorti Ġenerali li jikkonsisti fl-assenza totali ta' elementi marbuta mal-ewwel parti tal-perijodu tal-ksur, "fattur ta' tisħiħ" ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni użat elementi vantaġġużi għal Intel ma setax, mid-definizzjoni tiegħu stess, jikkonċerna lil din il-parti. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma kinitx marbuta li tiddedika analiżi partikolari għal dan il-fattur.

281 Fir-rigward tal-argument tal-Kummissjoni bbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali, fir-realtà, eżiġiet li hija tmur lil hinn minn evalwazzjoni tal-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li jeskludi kompetitur effiċjenti daqs Intel u li hija tikkwantifika l-effetti ta' esklużjoni prodotti minn fattur ta' tisħiħ, mill-punti 328 u 329 tas-sentenza appellata jirriżulta li n-nuqqas ta' motivazzjoni kkonstatat mill-Qorti Ġenerali fil-punt 331 ta' din is-sentenza jikkonċerna, essenzjalment, il-possibbiltà li l-fattur ta' tisħiħ li jikkonsisti fi trasferiment tat-tnaqqis ikkontestat inizjalment mogħti lil HP

lejn wieħed mill-kompetituri tagħha jippermetti li jiġu miċħuda l-argumenti kollha ta' Intel ifformulati fir-rigward tat-test AEC u li jiġu nnewtralizzati l-iżbalji kollha li tinsab fid-deċiżjoni kontenzjuża f'dan ir-rigward.

282 F'dan ir-rigward, fil-punt 330 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-argument ippreżentat mill-Kummissjoni waqt is-seduta, li HP irrifjutat offerta ta' AMD li kienet tikkonsisti fil-provvista lilha ta' miljun CPU x86 mingħajr ħlas biss minħabba l-konsegwenzi li kien ikollu aċċettazzjoni fuq ir-relazzjoni tagħha ma' Intel, kienet sempliċi suppożizzjoni mhux issostanzjata, li ma tistax timla l-assenza ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża fir-rigward tal-influwenza li għandu l-fattur ta' tiswiġ li jikkonsisti fit-trasferiment tat-tnaqqis ikkontestat inizjalment mogħti lil HP lejn wieħed mill-kompetituri tagħha fuq il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni li jirriżultaw mit-test AEC.

283 F'dan l-istess kuntest, minn qari flimkien tal-punti 321, 334 u 335 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali eżaminat jekk il-premessi 1390 sa 1395 tad-deċiżjoni kontenzjuża, iddedikati għall-fatturi ta' tiswiġ, kinux jinkludu motivi li jippermettu li tiġi rrimedjata l-assenza ta' elementi li fuqhom huwa bbażat il-kalkolu tal-parti rikjesta minn HP għax-xahrejn u t-tliet trimestri li għalihom t-test AEC kienet nieqsa.

284 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li jeskludi kompetitur effiċjenti daqs Intel ġiet evalwata permezz ta' paragun, imwettaq fil-kuntest tat-test AEC, bejn il-parti rikjesta u l-parti kontestabbli ta' HP. Dan il-paragun huwa bbażat, min-naħa tiegħu, fuq kalkolu li jieħu inkunsiderazzjoni l-ammont tat-tnaqqis ikkontestat, li jintilef fil-każ fejn il-kundizzjonijiet ta' esklużività li fuqhom huma bbażati ma humiex osservati, il-volum tax-xiri ta' HP kif ukoll il-prezz medju tal-bejgħ u l-ispiża li tista' tiġi evitata medja ta' Intel. Issa, kif jirriżulta mill-premessi 1393 u 1394 tad-deċiżjoni kontenzjuża, li jsir riferiment għalihom fil-punt 321 tas-sentenza appellata, l-eventwali trasferiment ta' dan it-tnaqqis lil wieħed mill-kompetituri ta' HP huwa parametru kwantifikabbli, imsemmi fil-kuntatti bejn HP u AMD, li jista' jinfluwenza b'mod partikolari l-effett ikkawżat mit-telf tal-imsemmi tnaqqis meħud inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-kalkolu tal-parti rikjesta. B'mod simili, fil-premessa 1285 tad-deċiżjoni kontenzjuża, invokata mill-Kummissjoni insostenn ta' din il-parti tar-raba' aggravju, din l-istituzzjoni tindika li l-kalkolu tal-parti rikjesta fir-rigward ta' HP, imwettaq fid-deċiżjoni kontenzjuża, "huwa bbażat fuq l-ipoteżi li t-tnaqqis potenzjalment mitluf ma huwiex ittrasferit lill-kompetituri [ta' HP]" [traduzzjoni nhux uffiċjali].

285 Konsegwentement, bħalma tesponi l-Qorti Ġenerali fil-punti 328 u 329 tas-sentenza appellata, jekk il-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li tibbaża ruħha fuq l-eventwali trasferiment tat-tnaqqis ikkontestat mogħti lil HP lil kompetitur tagħha sabiex tistabbilixxi l-kapaċità tiegħu li jeskludi kompetitur effiċjenti daqs Intel indipendentement mil-lakuni li jivvizzjaw it-test AEC, din l-istituzzjoni kellha tesponi r-raġunament li juri l-influwenza ta' dan it-trasferiment fuq wieħed jew l-ieħor mill-fatturi li fuqhom huwa bbażat il-kalkolu tal-parti rikjesta.

286 Din l-analiżi tal-Qorti Ġenerali hija inqas fondata jekk, kif issostni l-Kummissjoni insostenn ta' din il-parti tar-raba' aggravju, il-premessa 1285 tad-deċiżjoni kontenzjuża kellha tinftiehem fis-sens li l-parametri tal-kalkolu tal-parti rikjesta fir-rigward ta' HP jeskludu teħid inkunsiderazzjoni tal-eventwali trasferiment tat-tnaqqis ikkontestat mogħti lilha lil kompetitur wieħed jew iktar ta' din l-impriża. Fil-fatt, jekk tali trasferiment ma jagħmilx parti mill-parametri ta' dan il-kalkolu, dan jista' biss jaggrava l-impatt tal-esklużjoni antikompetittiva, kif irrilevat il-Kummissjoni fil-premessa 1392 tad-deċiżjoni kontenzjuża. Issa, kif jirriżulta mill-punti 267 sa 280 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta kkonkludiet li l-Kummissjoni ma

kinitx uriet kapaċità ta' esklużjoni antikompetittiva tat-tnaqqis ikkontestat għal xahrejn u tliet trimestri li kienu jagħmlu parti mill-perijodu tal-ksur, b'tali mod li aggravazzjoni tal-impatt ta' esklużjoni antikompetittiva possibbli ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni għal dan il-perijodu, fin-nuqqas ta' motivazzjoni speċifika f'dan is-sens.

287 Minn dan isegwi li, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali ma eżiġietx impliċitament li hija tmur lil hinn minn evalwazzjoni tal-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li jeskludi kompetitur effiċenti daqs Intel u lanqas li hija tikkwantifika l-effetti ta' esklużjoni. Il-Qorti Ġenerali sempliċement ikkonstatat li, sabiex tikkunsidra li fattur ta' tisħiħ bħal dak invokat mill-Kummissjoni huwa xieraq sabiex jippermetti li jiġu miċħuda l-argumenti ta' Intel dwar il-kalkoli mwettqa għall-finijiet tat-test AEC u sabiex jinnewtralizzaw l-iżbalji li jivvizzjaw dan it-test, l-elementi li jippermettu li tiġi rrikonoxxuta din il-kapaċità għandhom, bħall-elementi prinċipali ta' dawn il-kalkoli, jirriżultaw mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni li tikkonstata l-ksur.

288 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-ewwel parti tar-raba' aggravju għandha tiġi miċħuda.

Fuq ir-raba' aggravju, ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-eżami tat-test AEC fir-rigward ta' HP

– *L-argumenti tal-partijiet*

289 Il-Kummissjoni tesponi li, fil-punti 316 u 317 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rrifjutat li tieħu inkunsiderazzjoni ċerti elementi prodotti matul il-kawża. Dawn l-elementi juru li, anki jekk kellu jintlaqa' l-argument il-ġdid ta' Intel dwar il-perijodu ta' riferiment għat-test AEC, dan ma jivvizzjax ir-riżultat ta' dan it-test. Issa, għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti insostenn tat-tieni aggravju, ir-rifjut tal-Qorti Ġenerali li teżamina l-konfutazzjoni tal-allegazzjonijiet ta' Intel jikser id-drittijiet tad-difiża tal-Kummissjoni.

290 Intel tikkontesta l-fondatezza ta' din il-parti tar-raba' aggravju.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

291 Hemm lok li jiġi rrilevat li, peress li, fid-dawl tal-argumenti u tal-provi prodotti minn Intel matul il-proċedura amministrattiva, il-Kummissjoni kellha teżamina jekk din l-impriża kinitx implementat strateġija intiża li teskludi lill-kompetituri minn tal-inqas effiċjenti daqsha, kienet din l-istituzzjoni li kellha turi, fid-deċiżjoni kontenzjuża, li l-istrateġija inkwistjoni kellha tali kapaċità.

292 F'dan il-każ, mill-punti 316 u 317 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Kummissjoni invokat quddiem il-Qorti Ġenerali kalkolu addizzjonali li jkopri t-tieni u t-tielet trimestru fiskali tas-sena finanzjarja 2003 għall-ewwel darba f'dokument prodott bħala anness tal-kontroreplika.

293 Issa, kif ġie espost fil-punt 163 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball meta rrifjutat li tieħu inkunsiderazzjoni dawn il-kalkoli addizzjonali prodotti mill-Kummissjoni għall-ewwel darba fl-anness tal-kontroreplika, iktar u iktar peress li din l-istituzzjoni ma ssostnix li ġġustifikat il-preżentazzjoni tardiva tagħhom fl-ewwel istanza, kif jeħtieġ l-Artikolu 85(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

294 Minn dan isegwi li t-tieni parti tar-raba' aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata u, dan l-aggravju kollu kemm hu.

Fuq il-ħames aggravju, ibbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tat-test AEC u tal-Artikolu 102 TFUE, fuq żnaturament tal-provi u fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-eżami tat-test AEC fir-rigward ta' Lenovo

L-argumenti tal-partijiet

295 Il-Kummissjoni tfakkar li l-Qorti Ġenerali, fl-eżami tagħha tat-test AEC sa fejn dan jirrigwarda lil Lenovo, ġibdet l-attenzjoni tagħha għall-kwistjoni tal-valur ta' żewġ vantaġġi *in natura* li hija bbenefikat minnhom, bħala tnaqqis inkambju għal provvista esklużiva mingħand Intel, li għat-telf tagħha kompetitur effiċjenti daqs din tal-aħħar kellu joffrilu kumpens. Dawn huma, l-ewwel nett, l-estensjoni tal-garanzija standard ta' Intel ta' sena u, it-tieni nett, it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' pjattaforma ta' distribuzzjoni ta' Intel f'Shenzhen (iċ-Ċina). F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ssostni li, fil-punti 436 sa 439 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali injorat in-natura tat-test AEC, li kien jimplika definizzjoni ħażina tal-kompetitur "daqstant effiċjenti" bħal Intel u, fl-aħħar mill-aħħar, fi ksur tal-Artikolu 102 TFUE.

296 Barra minn hekk, minn naħa, fil-punt 454 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma kklassifikatx l-iżbalji ta' evalwazzjoni kkonstatati fil-punti preċedenti ta' din is-sentenza bħala "manifesti". Issa, fid-dawl tal-għażliet metodoloġiċi li teħtieġ test AEC, huma biss l-iżbalji "manifesti" ta' evalwazzjoni li jistgħu jagħtu lok għall-annullament ta' deċiżjoni bbażata fuq tali test.

297 Min-naħa l-oħra, billi bbażat ruħha fuq l-ispejjeż kollha sostnuti minn Intel, inklużi dawk sostnuti għat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' Lenovo ta' pjattaforma ta' distribuzzjoni, u mhux biss fuq dawk relatati mal-produzzjoni taċ-CPU, il-Qorti Ġenerali injorat il-fatt li l-kwistjoni finali li għandha tiġi solvuta fir-rigward tal-Artikolu 102 TFUE hija dik dwar jekk teżistix kapaċità ta' esklużjoni antikompetittiva li tirriżulta mill-eżistenza tat-tnaqqis ikkontestat, li huwa applikat ukoll fuq il-parti inkontestabbli, li hija ferm ikbar mill-parti kontestabbli. Konsegwentement, kellha ssir enfasi fuq il-kwistjoni dwar jekk il-kompetitur effiċjenti daqs Intel kienx f'pożizzjoni li jikseb il-parti kontestabbli tal-bżonnijiet ta' OEM, u dan minkejja l-fatt li huwa jopera fuq skala iżgħar minnha.

298 B'hekk, ma hijiex l-ispiża tat-tnaqqis ikkontestat għall-impriża f'pożizzjoni dominanti li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni iżda l-benefiċċju li dan it-tnaqqis jirrappreżenta għall-benefiċjarju tiegħu, jiġifieri l-klijent ta' din l-impriża. Dan l-istess approċċ, li jiggarantixxi li l-pożizzjoni tal-impriża dominanti ma tużax il-vantaġġ tagħha fil-kuntest tat-test AEC, għandu jiġi adottat indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk it-tnaqqis jiħux il-forma ta' ħlasijiet fi flus kontanti jew *in natura*. Barra minn hekk, mill-provi prodotti minn Intel jirriżulta li hija ma qisitx li l-ispejjeż relatati mat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' Lenovo ta' pjattaforma ta' distribuzzjoni kienu jagħmlu parti mill-ispiża li tista' tiġi evitata medja ta' kompetitur daqstant effiċjenti daqsha.

299 Fi kwalunkwe każ, il-Qorti Ġenerali ċaħdet b'mod żbaljat, fil-punt 438 tas-sentenza appellata, l-approċċ adottat mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kontenzjuża li kompetitur ta' Intel ma għandux pjattaforma ta' distribuzzjoni bħal dik imqiegħda għad-dispożizzjoni ta' Lenovo u li, minħabba f'hekk, hija kellha toffri lil din tal-aħħar kumpens għat-telf ta' dan il-vantaġġ *in natura*.

300 Fir-rigward tal-estensjoni tal-garanzija standard, il-Qorti Ġenerali injorat il-fatt li Intel kienet ser tkompli tbigħ lil Lenovo parti mhux kontestabbli ħafna ikbar mill-parti kontestabbli mibjugħa mill-kompetitur. Jekk jiġi preżunt li r-rata ta' inadempjenza taċ-CPU x86 matul il-perijodu ta' garanzija tagħhom u l-ispejjeż ta' tiswija jew ta' sostituzzjoni huma l-istess, l-ispiża totali tat-tweġiba għat-talbiet ta' garanzija għaċ-CPU x86 ta' Intel fil-kompjuters ta' Lenovo hija ħafna ogħla minn dik tat-talbiet ta' garanzija relatati mal-kompjuters ta' Lenovo li jinkludu ċ-CPU x86 ġejjin mill-kompetitur effiċjenti daqs Intel. Konsegwentement, il-livell simili ta' effiċjenza taż-żewġ produtturi ma jbiddel xejn mill-fatt li, sabiex jipperswadi lil Lenovo tirrinunzja għall-estensjoni tal-garanzija offruta minn Intel inkambju għall-esklużività, il-kompetitur effiċjenti daqs din tal-aħħar għandu jipproponi ċ-CPU x86 tiegħu bi prezz li jikkumpensa l-ispiża tat-talbiet ta' garanzija li Lenovo ma tistax tgħaddi fuq Intel. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ġustament ikkunsidrat, fil-kuntest tat-test tagħha AEC, il-valur għal Lenovo tal-estensjoni tal-garanzija standard ta' Intel bl-istess mod bħal tnaqqis fi flus kontanti.

301 Sussidjarjament, billi rrifjutat li teżamina l-elementi li jikkonfutaw l-allegazzjonijiet ta' Intel li l-Kummissjoni ppreżentat fil-mori tal-kawża bħala Anness D.39 tal-kontroreplika, il-Qorti Ġenerali kisret id-drittijiet tad-difiża tagħha. Sa fejn il-Qorti Ġenerali eżaminat l-elementi prodotti mill-Kummissjoni bħala Anness D.39 tal-kontroreplika, li minnhom jirriżulta, fil-fehma tagħha, li Intel qieset l-ispejjeż tal-vantaġġi *in natura* għal USD 47 miljun, hija ma mmotivatx ir-rifjut tagħha, fil-punt 452 tas-sentenza appellata, li tieħu inkunsiderazzjoni dokument intitolat "Intel Chart entitled 2006 v. 2007 Trend", li minnu jirriżulta li l-ispiża tal-estensjoni tal-garanzija standard kienet tammonta għal USD 23 miljun għal Intel. Għalkemm il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni dan id-dokument minħabba li seta' kellu l-għan li jippreżenta l-proposta ta' Intel b'mod favorevoli matul in-negozjati ma' Lenovo sa fejn dan id-dokument jinkludi r-riferiment "Intel kunfidenzjali", dan il-motiv jikkostitwixxi żnaturament tad-dokument inkwistjoni sa fejn dan id-dokument kien immarkat "Intel confidential".

302 Intel tikkontesta l-fondatezza tal-ħames aggravju.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

303 Fil-punt 98 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali fakkret li Intel u Lenovo kienu kkonkludew dikjarazzjoni ta' intenzjoni, il-Memorandum of Understanding tal--2007 (iktar 'il quddiem il-"MoU 2007"), li kienet suġġetta għal kundizzjoni, mhux miktuba, ta' esklużività. Fil-punt 415 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali rreferiet għall-premessa 1461 tad-deċiżjoni kkontestata, li fiha l-Kummissjoni kienet iddikjarat li l-ammont tat-tnaqqis ikkontestat mogħti lil Lenovo kien indikat fil-MoU 2007, li kien jipprevedi appoġġ finanzjarju ta' USD 180 miljun għall-2007, fil-forma ta' ħlasijiet trimestrali.

304 Fil-punt 417 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rreferiet għall-premessa 1463 tad-deċiżjoni kontenzjuża, li ssemmi l-argument ta' Intel li ammont ta' USD 138 miljun biss kien rilevanti sabiex jiġi evalwat l-ammont ta' dan it-tnaqqis. B'hekk, huwa spjegat, fil-punt 417 ta' din is-sentenza, li, fuq sostenn finanzjarju lil Lenovo ta' USD 180 miljun previst fil-MoU 2007, USD 135 miljun biss kienu ser jingħataw fi flus kontanti. Il-kumplament ta' dan is-sostenn ingħata fil-forma ta' vantaġġi *in natura*, jiġifieri l-estensjoni tal-garanzija standard ta' Intel ta' sena u l-proposta ta' użu aħjar ta' pjattaforma ta' distribuzzjoni ta' Intel fiċ-Ċina. Il-Kummissjoni enfasizzat li Intel kienet sostniet li, għalkemm il-valur ta' dawn iż-żewġ kontribuzzjonijiet mhux monetarji lil Lenovo kien ta' USD 20 u ta' USD 24 miljun rispettivament, l-ispiża tagħhom għal Intel kienet nettament inferjuri, jiġifieri USD 1.7 miljun u USD 1.3 miljun rispettivament. Intel kienet sostniet ukoll li, sabiex jiġi ddeterminat jekk kompetitur kienx effiċjenti daqsha, dawn l-elementi kellhom jiġu evalwati skont

l-ispiża ekonomika tagħhom għaliha u mhux skont il-valur tagħhom għal Lenovo. Huwa billi żiedet mas-sostenn finanzjarju mħallas fi flus kontanti, jiġifieri USD 135 miljun, dawn l-ispejjeż ta' USD 1.7 u ta' USD 1.3 miljun li Intel waslet għall-ammont ta' USD 138 miljun.

305 Fil-punti 420 u 421 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali tesponi li, fil-premessi 1466 u 1467 tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni, minn naħa, ċaħdet dan l-aħħar argument ta' Intel minħabba li t-test AEC jeħtieġ li jiġi eżaminat il-prezz li bih kompetitur daqstant effiċjenti iżda mhux dominanti kellu jipproponi l-prodotti tiegħu lil klijent sabiex jikkumpensa t-telf tal-vantaġġi kundizzjonali mogħtija mill-impriża f'pożizzjoni dominanti, telf li jirriżulta mit-trasferiment minn dan il-klijent tal-parti kontestabbli tal-bżonnijiet tiegħu ta' provvista tal-impriża f'pożizzjoni dominanti lejn dan l-ipotetiku kompetitur daqstant effiċjenti. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni ddeduċiet minn dan li t-telf għall-klijent kellu jiġi evalwat, peress li kien dan it-telf li l-kompetitur daqstant effiċjenti jkollu jikkumpensa, u mhux l-ispiża ekonomika għall-impriża f'pożizzjoni dominanti, fil-każ fejn iż-żewġ ċifri jkunu differenti.

306 Fil-punti 433 sa 439 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-metodu użat mill-Kummissjoni sabiex tevalwa l-portata tat-tnaqqis ikkontestat mogħti lil Lenovo kien ibbażat fuq premessa kuntrarja għall-bażijiet tat-test AEC, kif kienu esposti fil-premessi 1003 u 1004 tad-deċiżjoni kontenzjuża.

307 F'dan ir-rigward, fil-punt 434 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li, skont il-premessa 1003 tad-deċiżjoni kontenzjuża, it-test AEC għandu l-għan li jeżamina jekk, fid-dawl tal-ispejjeż tagħha stess u tal-effett tat-tnaqqis ikkontestat, Intel tkunx hija stess f'pożizzjoni li tidħol fis-suq fuq bażi iktar ristretta mingħajr ma ġġarrab telf. B'hekk, fil-punt 435 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li, kif ġie espost fil-premessa 1004 ta' din id-deċiżjoni, it-test AEC huwa eżerċizzju ipotetiku, fis-sens li għandu jiġi ddeterminat jekk l-aċċess għas-suq ta' kompetitur effiċjenti daqs Intel, fir-rigward tal-produzzjoni u l-provvista ta' CPU x86 ta' valur ekwivalenti għal dak mogħti minn Intel lill-klijenti tagħha, iżda li ma jkollux bażi ta' bejgħ daqstant wiesgħa daqs Intel, jiġi eskluż.

308 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, kif esponiet il-Qorti Ġenerali fil-punti 154, 157 u 158 tas-sentenza appellata, riprodotti fil-punt 43 ta' din is-sentenza, it-test AEC, kif applikat f'dan il-każ, jistabbilixxi l-"prezz effettiv", jiġifieri l-prezz li bih kompetitur effiċjenti daqs Intel kellu joffri ċ-CPU x86 tiegħu sabiex jikkumpensa t-telf minn OEM ta' kwalunkwe ħlas esklużiv mogħti minn Intel, fejn il-prezz effettiv għandu sussegwentement jiġi pparagunat mal-"miżura vijabbli tal-ispiża ta' Intel", jiġifieri mal-ispiża li tista' tiġi evitata medja. Issa, sistema ta' ħlasijiet għal esklużività hija kapaċi teskludi l-kompetituri effiċjenti daqs Intel meta l-prezz effettiv huwa inqas mill-ispiża li tista' tiġi evitata medja tagħha. Barra minn hekk, kif ġie espost fil-punt 44 ta' din is-sentenza, ir-riżultat, pożittiv jew negattiv, tat-test AEC huwa ddeterminat, fl-aħħar mill-aħħar, permezz ta' paragun bejn il-parti kontestabbli u l-parti rikjesta, peress li din tal-aħħar hija l-parti tal-bżonnijiet ta' klijent ta' Intel li kompetitur effiċjenti daqs din tal-aħħar għandu jikseb sabiex ikun jista' jaċċedi għas-suq mingħajr telf.

309 F'dan ir-rigward, mill-punt 412 tas-sentenza appellata, li jirreferi għall-premessi 1457 sa 1508 tad-deċiżjoni kontenzjuża, jirriżulta li l-portata u n-natura tat-tnaqqis ikkontestat mogħti lil Lenovo huma fatturi meħuda inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tal-parti rikjesta. Meta dan it-tnaqqis jingħata fi flus kontanti, il-valur tiegħu jkun oġġettiv u identiku kemm għal Intel kif ukoll għall-benefiċjarju tiegħu. Min-naħa l-oħra, meta jingħata *in natura*, anki jekk parzjalment, dan għandu jiġi evalwat.

310 Għandu jiġi rrilevat, f'dan il-kuntest, li, ċertament, il-kompetitur effiċjenti daqs Intel għandu joffri l-prodotti tiegħu bi prezz li jikkumpensa t-telf tal-vantaġġi kundizzjonali mogħtija mill-impriża f'pożizzjoni dominanti. Madankollu, dan il-kumpens ma għandux neċessarjament jieħu l-forma ta' servizz fi flus ugwali għall-valur tas-servizz *in natura* għall-klijent ikkonċernat. Dan jista' tikkonsisti f'servizz *in natura* ekwivalenti għal dak li l-klijent jitlef wara d-deċiżjoni tiegħu li jikseb il-parti kontestabbli mingħand il-kompetitur tal-impriża f'pożizzjoni dominanti. F'dan il-każ ukoll, huwa irrilevanti li dan is-servizz jista' jirrappreżenta, mill-perspettiva suġġettiva tal-klijent li jibbenefika minnu, valur li huwa differenti mill-ispiża li l-kompetitur daqstant effiċjenti bħall-impriża f'pożizzjoni dominanti kellu jesponi sabiex jagħtiha lil dan il-klijent.

311 Konsegwentement, skont il-bażijiet tat-test AEC, għandu jiġi evalwat tnaqqis mogħti fil-forma ta' servizz *in natura* billi jittieħed inkunsiderazzjoni kompetitur ipotetiku li għandu struttura ta' spejjeż analoga għal dik tal-impriża f'pożizzjoni dominanti. (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni, C-280/08 P, EU:C:2010:603, punt 198, u tad-19 ta' Jannar 2023, Unilever Italia Mkt.Operations, C-680/20, EU:C:2023:33, punt 59).

312 Tali approċċ huwa iktar u iktar iġġustifikat peress li, kif irrilevat ġustament il-Qorti Ġenerali fil-punt 190 tas-sentenza appellata, dan huwa wkoll konformi mal-prinċipju ġenerali ta' ċertezza legali. Fil-fatt, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-ispejjeż tal-impriża f'pożizzjoni dominanti jippermettilha, fid-dawl tar-responsabbiltà partikolari li hija għandha skont l-Artikolu 102 TFUE, tevalwa l-legalità tal-aġir tagħha stess, peress li hija taf l-ispejjeż tagħha stess. (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni, C-280/08 P, EU:C:2010:603, punt 202).

313 Madankollu, ma jistax jiġi eskluż, kif tesponi l-Avukat Ġenerali fil-punti 160 u 165 tal-konklużjonijiet tagħha, li l-ispiża tas-servizz *in natura* tista' teħtieġ ċertu aġġustament li jippermetti li jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-kompetitur daqstant effiċjenti ma għandux pożizzjoni dominanti. Tali aġġustament jista' jkun neċessarju meta l-ispejjeż tal-kompetitur effiċjenti bħall-impriża f'pożizzjoni dominanti jkunu affettwati minħabba l-fatt li dan jissodisfa biss il-parti kontestabbli tal-klijenti, li hija inqas importanti mill-parti inkontestabbli tagħhom, fornuta minn din l-impriża.

314 Minn dan isegwi, bħalma tosserva l-Avukata Ġenerali fil-punt 155 ta' dawn il-konklużjonijiet, li, billi kkonstatat, fil-punti 437 u 438 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma kinitx irraġunat billi ħadet inkunsiderazzjoni kompetitur ipotetiku li jista' jbigħ CPU x86 lil Lenovo filwaqt li toffrilu vantaġġi *in natura* fl-istess kundizzjonijiet bħal Intel u, fil-punt 439 ta' din is-sentenza, li, b'dan il-mod, il-Kummissjoni kienet telqet minn premessa kuntrarja għall-bażijiet tat-test AEC esposti fid-deċiżjoni kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali ma ssostitwixxietx l-evalwazzjoni tagħha għal analiżi valida mwettqa mill-Kummissjoni, iżda enfasizzat inkoerenza interna tat-test AEC kif applikat f'dan il-każ minn din l-istituzzjoni.

315 Kif tosserva, barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali fil-punt 441 tas-sentenza appellata, mingħajr ma ġiet ikkontestata mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-appell, id-deċiżjoni kontenzjuża ma tagħtix risposta għall-kwistjoni dwar x'kienet tkun l-ispiża għal kompetitur effiċjenti daqs Intel li kieku kellu jipprovdi l-aċċess għal pjattaforma ta' distribuzzjoni jew li jipproċedi permezz ta' sempliċi trasformazzjoni tal-pjattaforma tiegħu diġà eżistenti b'tali mod li din tiġi estiża għall-benefiċċju ta' OEM, bħalma pproponiet Intel lil Lenovo, u għal dik dwar liema kienu jkunu l-ispejjeż marbuta ma' estensjoni ta' garanzija.

316 Mill-punt 428 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Kummissjoni ppreżentat tali analiżi għall-ewwel darba fl-Anness D.39 tal-kontroreplika. Madankollu, minn naħa, din l-analiżi tmur lil hinn mill-kuntest iddefinit mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża b'tali mod li, kif esponiet fil-punti 443 u 444 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma tistax teħodha inkunsiderazzjoni.

317 F'dan ir-rigward, l-ilment imqajjem mill-Kummissjoni sussidjarjament, ibbażat fuq il-ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħha (ara l-punt 301 ta' din is-sentenza), għandu jiġi miċħud għar-raġunijiet esposti fil-punti 164 sa 167 ta' din is-sentenza li minnhom jirriżulta li, billi esponiet, fil-punt 444 tas-sentenza appellata, li hija ma setgħetx, mingħajr ma tissostitwixxi l-motivazzjoni tagħha għal dik tal-Kummissjoni li tinsab fid-deċiżjoni kontenzjuża, tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi prodotti għall-ewwel darba fl-anness tal-kontroreplika u b'hekk toħroġ mill-kuntest iddefinit mill-motivazzjoni ta' din id-deċiżjoni, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi u lanqas ma kisret id-drittijiet tad-difiża tal-Kummissjoni.

318 Min-naħa l-oħra, fil-punt 448 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat, sussidjarjament, l-analiżi li tinsab fl-Anness D.39 tal-kontroreplika u ċaħditha minħabba li l-ispejjeż sostnuti, skont il-Kummissjoni, minn kompetitur effiċjenti daqs Intel li għandu pjattaforma ta' distribuzzjoni fiċ-Ċina huma differenti mill-valur għal Lenovo tas-servizzi *in natura* li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni għall-finijiet tat-test tagħha AEC. Issa, fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni ma ssostnix li din l-evalwazzjoni, imwettqa għall-finijiet ta' kompletezza mill-Qorti Ġenerali, hija vvizzjata b'xi żnaturament ta' provi.

319 Bl-istess mod, għandu jiġi miċħud ukoll l-argument tal-Kummissjoni li jgħid li, fil-punt 452 tas-sentenza appellata, li fil-kuntest tiegħu l-Qorti Ġenerali teżamina l-valur probatorju tad-dokument intitolat "Intel Chart entitled 2006 v. 2007 Trenda", prodott minn din l-istituzzjoni għall-ewwel darba bħala anness D.41 tal-kontroreplika, dan injora l-ispiża għal Intel ikkawżata mill-estensjoni tal-garanzija standard kif tinsab f'dan id-dokument u aċċetta l-ispiża inqas ikkalkolata fir-rapport supplimentari Shapiro-Hayes.

320 Fil-fatt, kif jirriżulta mill-kliem "Fi kwalunkwe każ" li jintroduċi l-punt 451 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat il-valur probatorju tal-imsemmi dokument għall-finijiet ta' kompletezza. Issa, il-Kummissjoni ma tikkontestax il-konstatazzjoni magħmula prinċipalment mill-Qorti Ġenerali fil-punt 450 ta' din is-sentenza, li tgħid li l-elementi li jinsabu f'dan id-dokument ma ssemmewx fid-deċiżjoni kontenzjuża. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-argument tal-Kummissjoni huwa ineffettiv.

321 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-ħames aggravju għandu jiġi miċħud.

Fuq is-sitt aggravju, ibbażat fuq evalwazzjoni żbaljata tal-konsegwenzi li għandhom jinsiltu mill-iżbalji kkonstatati fil-kuntest tat-test AEC

L-argumenti tal-partijiet

322 Il-Kummissjoni tqajjem is-sitt aggravju b'mod sussidjarju, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-aggravji l-oħra mqajma insostenn tal-appell. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fir-rigward tal-konsegwenzi li għandhom jinsiltu, l-ewwel nett, mill-iżbalji kkonstatati fir-rigward tat-test AEC u, it-tieni nett, mill-kunċett ta' kompetitur effiċjenti daqs Intel kif jirriżulta mis-sentenza tal-appell.

323 B'mod partikolari, minn naħa, il-konstatazzjoni ta' żbalji li jivvizzjaw it-test AEC ma tfissirx li Intel għaddiet minn dan it-test u li t-tnaqqis ikkontestat ma kellux il-kapaċità li jeskludi l-kompetizzjoni, iżda biss li l-Kummissjoni ma pproduċietx il-prova, fid-deċiżjoni kontenzjuża, li Intel ma kinitx għaddiet mill-imsemmi test. F'dan ir-rigward, billi tirreferi għall-osservazzjonijiet prinċipali tagħha dwar il-kawża li ntbagħtet lura, li huma bbażati b'mod partikolari fuq il-premessi 1037 u 1038 ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni tfakkar li l-"miżura vijabbli tal-ispiża ta' Intel" adottata fl-imsemmija deċiżjoni hija dik tal-ispiża li tista' tiġi evitata medja, li hija kriterju ta' spiża prudenti u favorevoli għal Intel, peress li teskludi l-ispejjeż fissi sinjifikattivi neċessarji li kompetitur tagħha għandu jintrabat sabiex ikun vijabbli fit-tul. B'hekk, il-fatt li Intel ma għaddietx mit-test AEC li jieħu inkunsiderazzjoni l-ispiża li tista' tiġi evitata medja huwa biss ċirkustanza fost dawk li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-evalwazzjoni globali neċessarja sabiex tingħata risposta għad-domanda dwar jekk it-tnaqqis ikkontestat kellux il-kapaċità li jeskludi l-kompetizzjoni. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja żżid li, f'ċerti ċirkustanzi, bħal dawk ta' din il-kawża, il-ftehimiet ta' esklużività jistgħu jrendu lill-imsieħba kummerċjali iktar riluttanti jaċċettaw offerti ekwivalenti ta' kompetituri tal-fornitur tagħhom minħabba l-impenn meħud u d-dipendenza fuq il-parti inkontestabbli tal-prodotti mixtrija.

324 Huwa għalhekk permezz ta' żnaturament tal-argument imressaq mill-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet tagħha dwar li l-kawża ntbagħtet lura li l-Qorti Ġenerali qieset fil-punti 518 u 519 tas-sentenza appellata li s-sempliċi riferiment għat-tul li matulu Intel implimentat it-tnaqqis ikkontestat u għall-kalendarju ta' dan it-tnaqqis ma kienx biżżejjed, fih innifsu, minkejja l-konklużjonijiet li kien possibbli li jinsiltu mit-test AEC, sabiex jiġġustifikaw konklużjonijiet definittivi dwar l-effetti ta' esklużjoni hekk prodotti.

325 Minn dan isegwi li l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali, ifformulata fil-punti 526 u 527 tas-sentenza appellata, li tgħid li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx li t-tnaqqis ikkontestat u l-ħlasijiet kontenzjuži kienu kapaċi jew jista' jkollhom effetti ta' esklużjoni antikompetittivi hija vvizzjata bi żball ta' liġi. Qabel ma waslet għal din il-konklużjoni, hija l-Qorti Ġenerali, fil-kuntest ta' evalwazzjoni globali taċ-ċirkustanzi tal-kawża, li kellha teżamina jekk it-test AEC kienx fattur partikolarment determinanti fid-deċiżjoni kontenzjuża u jekk l-iżbalji kkonstatati f'dan it-test kinux suffiċjentement sinjifikattivi sabiex iwasslu għall-annullament tagħha.

326 Min-naħa l-oħra, din il-konklużjoni tinjora l-fatt li l-kunċett ta' "kompetitur daqstant effiċjenti" ma huwiex ibbażat biss fuq kunsiderazzjonijiet dwar il-prezzijiet u l-ispejjeż. F'dan ir-rigward, mill-punt 139 tas-sentenza tal-appell jirriżulta li l-kwistjoni dwar jekk it-tnaqqis ikkontestat kienx kapaċi jeskludi kompetitur effiċjenti daqs Intel tiddependi wkoll minn parametri bħall-għażla, il-kwalità u l-innovazzjoni li juru l-prodotti ta' dan il-kompetitur. Issa, mill-punti 116 sa 122 u 134 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni dawn il-kriterji, minkejja li dawn kienu rilevanti għall-kunċett ta' "kompetitur effiċjenti" jista' jkun AMD, li l-prodotti tiegħu huma kemm innovattivi kif ukoll effiċjenti u, konsegwentement, attraenti għall-OEM.

327 Intel tikkontesta l-fondatezza ta' dan l-argument.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

328 Fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li hija l-Kummissjoni li għandha tipproduċi l-prova tal-ksur għar-regoli tal-kompetizzjoni li hija tikkonstata u li għandha tistabbilixxi l-provi xierqa li juru, sal-grad rikjest mil-liġi, l-eżistenza tal-fatti li jikkostitwixxu ksur. (ara, f'dan is-sens, is-sentenza

tas-6 ta' Jannar 2004, BAI u Il-Kummissjoni vs Bayer, C-2/01 P u C-3/01 P, EU:C:2004:2, punt 62, kif ukoll tas-16 ta' Frar 2017, Hansen oRosenthal u H oR Wax Company Vertrieb vs Il-Kummissjoni, C-90/15 P, EU:C:2017:123, punt 26).

329 Dawn l-elementi kostituttivi għandhom jirriżultaw mill-motivazzjoni tal-att li jikkonstata l-ksur, peress li l-qrati tal-Unjoni ma jistgħux, kif ġie rrilevat fil-punti 138 u 163 ta' din is-sentenza, jemendawhom billi jissostitwixxu, fil-kuntest tal-istħarriġ tal-legalità msemmi fl-Artikolu 263 TFUE, il-motivazzjoni proprja tagħhom għal dik tal-awtur tal-att inkwistjoni.

330 Fit-tieni lok, mill-punti 175 sa 181 ta' din is-sentenza jirriżulta li, għalkemm l-għoti ta' tnaqqis għal fedeltà min-naħa ta' impriża f'pożizzjoni dominanti jista' jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 102 TFUE, il-fatt li din l-impriża ssostni, matul il-proċedura amministrattiva, provi ta' sostenn, li l-aġir tagħha ma kellux il-kapaċità li jirrestrinġi l-kompetizzjoni u, b'mod partikolari, li tipproduċi l-effetti ta' esklużjoni allegati, jobbliga lill-Kummissjoni twettaq analiżi intiża sabiex tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' din il-kapaċità.

331 F'dan il-każ, peress li l-prova tal-effett attwali jew potenzjali ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni għandha tiġi evalwata fid-dawl taċ-ċirkustanzi fattwali rilevanti kollha, il-Kummissjoni hija obbligata tanalizza, kif enfasizzat il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 139 tas-sentenza tal-appell, mhux biss l-importanza tal-pożizzjoni dominanti tal-impriża fis-suq rilevanti, ir-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat, il-kundizzjonijiet u l-modalitajiet tal-għoti ta' dan it-tnaqqis, it-tul tiegħu u l-ammont tiegħu, iżda wkoll l-eżistenza eventwali ta' strateġija intiża li teskludi l-kompetituri li huma mill-inqas effiċjenti daqs din l-impriża.

332 Huwa abbażi ta' din l-analiżi li l-Kummissjoni għandha, f'dan il-każ, tissodisfa l-obbligu tagħha, deskritt fil-punti 328 u 329 ta' din is-sentenza, li tistabbilixxi, fil-motivazzjoni tad-deċiżjoni adottata fi tmiem l-investigazzjoni tagħha, li l-aġir inkriminat jikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE.

333 Fit-tielet lok, mill-punti 142, 143, 147 u 149 tas-sentenza tal-appell kif ukoll, b'mod partikolari, mill-punti 30, 31, 152 sa 158, 175, 283, 285, 286, 297 sa 299, 339, 412, 413, 457 u 466 sa 468 tas-sentenza appellata jirriżulta li huwa permezz tat-test AEC, li huwa intiż li jistabbilixxi l-prezz li bih kompetitur effiċjenti daqs Intel kellu jipproponi ċ-CPU x 86 tiegħu sabiex "jikkumpensa" OEM għat-telf tat-tnaqqis ikkontestat, fid-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni mmotivat il-kapaċità tat-tnaqqis kontenzjuż li jeskludi tali kompetitur u li b'hekk jirrestrinġi l-kompetizzjoni, fir-rigward tal-OEM u ta' MSH, b'mod ipprojbit mill-Artikolu 102 TFUE.

334 Kif jirriżulta, barra minn hekk, mill-punti 147 u 149 tas-sentenza tal-appell, huwa fid-dawl tal-fatt li l-Kummissjoni kienet wettqet test AEC li l-Qorti tal-Ġustizzja bagħtet lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, sabiex din teżamina l-kapaċità tat-tnaqqis ikkontestat li jirrestrinġi l-kompetizzjoni fid-dawl tal-argumenti ta' Intel intiżi li jesponu allegati żbalji mwettqa mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' dan it-test. Kif osservat il-Qorti Ġenerali fil-punt 523 tas-sentenza appellata, il-Kummissjoni kkonkludiet, fid-dawl tar-riżultati tal-imsemmi test, li t-tnaqqis ikkontestat u l-ħlasijiet kontenzjużi mogħtija minn Intel kienu kapaċi jew jista' jkollhom effetti ta' esklużjoni antikompetittivi, minħabba li anki kompetitur effiċjenti daqs din tal-aħħar ġie prekluż milli jforni lil Dell, HP, NEC u Lenovo għall-bżonnijiet tagħhom ta' CPU x86 jew milli jiżgura l-bejgħ minn MSH ta' kompjuters mgħammra biċ-CPU x86 tagħha.

335 F'dan il-kuntest, mill-punt 157 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tat-test AEC, l-ispiża medja li tista' tiġi evitata ta' Intel. Huwa paċifiku li l-Kummissjoni bbażat ruħha fuq dan il-kriterju tal-ispejjeż minħabba li, fid-dawl tan-natura iktar favorevoli tagħha għal Intel, l-impossibbiltà għall-kompetitur daqstant effiċjenti daqs din tal-aħħar li jkopri tali spiża tindika b'mod ċar li huwa jissagrifika l-profitti tiegħu u jagħmel telf meta jagħmel bejgħ lill-klijenti kkonċernati mill-aġir tal-impriża f'pożizzjoni dominanti, b'tali mod li l-kompetizzjoni tiġi eskluża.

336 Fir-raba' lok, mill-punti 485, 493 sa 495, 509 u 510 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Kummissjoni ddedikat ċertu numru ta' premessi tad-deċiżjoni kontenzjuża għall-analiżi tar-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat kif ukoll tat-tul tiegħu u li, fost il-premessi dwar dan it-tul, diversi jaqgħu taħt il-parti tad-deċiżjoni kontenzjuża ddedikata għat-test AEC. Issa, kif ġie espost fil-punti 62 sa 76 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, wara eżami mwettaq fil-punti 483 sa 521 tas-sentenza appellata, li l-elementi partikolari tiegħu ma humiex ikkontestati fil-kuntest tal-appell, li l-Kummissjoni ma kinitx eżaminat debitament il-kriterju dwar ir-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat u ma kinitx wettqet analiżi korretta tat-tul ta' an it-tnaqqis.

337 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li, kif ġie espost fil-punti 80 sa 82 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punti 524 sa 527 tas-sentenza appellata, li l-iżbalji li hija kienet identifikat fit-test AEC, ir-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat u t-tul tal-applikazzjoni tiegħu kienu jiġġustifikaw l-annullament tal-Artikolu 1 (a) sa (e) tad-deċiżjoni kontenzjuża.

338 Fid-dawl tal-evalwazzjonijiet preċedenti, il-Qorti Ġenerali ma kellhiex l-obbligu li teżamina, qabel ma tiddeċiedi l-annullament parzjali tad-deċiżjoni kontenzjuża, jekk it-tnaqqis ikkontestat kellhomx il-kapaċità li jeskludu kompetitur effiċjenti daqs Intel billi tibbaża ruħha, għall-finijiet ta' dan l-eżami, fuq elementi differenti minn dawk li fuqhom kienet ibbażat ruħha l-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi din il-kapaċità.

339 B'mod partikolari, ma hijiex il-Qorti Ġenerali li għandha tfittex jekk tali kapaċità setgħetx tiġi stabbilita permezz ta' raġunament nieqes mill-iżbalji kkonstatati minnha, sa fejn tali raġunament ma huwiex ifformulat fid-deċiżjoni kkontestata b'mod koerenti li jippermetti li jiġi dedott li dan jista' jsostni d-dispożittiv tagħha indipendentement mill-motivi vvizzjati bi żbalji ta' liġi jew ta' fatt li jirrendu invalidi l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni.

340 F'dan ir-rigward, minn naħa, mill-punti 133 sa 147 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-analiżi mwettqa fid-deċiżjoni kontenzjuża, intiża sabiex turi li t-tnaqqis ikkontestat kien abbużiv indipendentement mill-konklużjonijiet li l-Kummissjoni siltet mit-test AEC, hija vvizzjata bi żball ta' liġi sa fejn hija titlaq mill-premessa li t-tnaqqis ikkontestat kien abbużiv indipendentement mill-kapaċità tiegħu li jeskludi kompetitur effiċjenti daqs Intel. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tat-test AEC, il-Kummissjoni la ssostni li din id-deċiżjoni tinkludi eżami supplimentari li jieħu inkunsiderazzjoni kriterju ta' spiża differenti mill-ispiża medja li tista' tiġi evitata, li jippermetti li tiġi kkonstatata din il-kapaċità, u lanqas li hija stabbilixxiet, fl-imsemmija deċiżjoni, li l-aġir inkriminat kien jinkludi wkoll komponenti oħra li setgħu joħolqu, indipendentement mill-konklużjonijiet li għandhom jinsiltu mit-test AEC, effett ta' esklużjoni antikompetittiv li Intel kienet issegwi billi tuża l-parti inkontestabbli.

341 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punti 518 u 519 tas-sentenza appellata, li s-sempliċi riferiment, minkejja l-konklużjonijiet li jistgħu jinsiltu mit-test AEC, għat-tul li matulu Intel implimentat it-tnaqqis ikkontestat u għall-kalendarju

tiegħu ma kienx biżżejjed, fih innifsu, sabiex fuqu jkunu bbażati konklużjonijiet definittivi dwar l-effetti ta' esklużjoni hekk prodotti. Din il-kunsiderazzjoni tidher iktar u iktar iġġustifikata fid-dawl tal-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar, minn naħa, ir-rata ta' kopertura tas-suq mit-tnaqqis ikkontestat u t-tul tiegħu, magħmula rispettivament fil-punti 492 sa 500 u 508 sa 515 tas-sentenza appellata u, min-naħa l-oħra, tal-prattika kkontestata kif implementata fir-rigward ta' NEC u ta' MSH, peress li l-elementi partikolari tal-konstatazzjonijiet magħmula f'dan ir-rigward ma humiex ikkontestati fil-kuntest tal-appell.

342 Barra minn hekk, l-argument tal-Kummissjoni li l-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li AMD hija kompetitur "effiċjenti", kif iddefinit mis-sentenza tal-appell, minħabba n-natura effiċjenti, innovattiva u attraenti tal-prodotti tagħha, huwa wkoll irrilevanti.

343 Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punt 435 tas-sentenza appellata, it-test AEC huwa eżerċizzju ipotetiku li jippermetti li jiġi ddeterminat jekk kompetitur li jkun effiċjenti daqs Intel f'termini ta' produzzjoni u ta' provvista ta' CPU x86 li jirrappreżenta valur ekwivalenti għal dak li tipprovdi Intel lill-klijenti tagħha, iżda li ma jkollux bażi ta' bejgħ wiesgħa daqs din tal-aħħar, ikun eskluż mis-suq minħabba l-prattika kkontestata. Minn dan isegwi li din l-analiżi hija indipendenti mill-kapaċità effettiva ta' AMD stess li tibqa' fis-suq. L-analiżi inkwistjoni tista' għalhekk turi li t-tnaqqis ikkontestat kellu, bi ksur tal-Artikolu 102 TFUE, kapaċità li jeskludi kompetitur preżunt li jkun effiċjenti daqs Intel f'termini ta' spejjeż, ta' għażla, ta' kwalità u ta' innovazzjoni, anki jekk AMD ma kinitx hija stess eskluża, bħalma hija tista' tiżvela l-assenza ta' tali kapaċità, minkejja l-fatt li kompetitur jew ieħor tal-impriża f'pożizzjoni dominanti telaq mis-suq jew kien marġinalizzat.

344 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li s-sitt aggravju għandu jiġi miċħud, u, konsegwentement, li l-appell għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

Fuq l-ispejjeż

345 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi fuq l-ispejjeż.

346 Skont l-Artikolu 138(1) ta' dawn ir-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura ta' appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tagħhom, il-parti li titlef għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

347 Peress li Intel u ACT tilfu, hemm lok li huma jiġu kkundannati għall-ispejjeż kif mitlub mill-Kummissjoni.

348 Konformement mal-Artikolu 140(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, applikabbli għall-proċedura tal-appell skont l-Artikolu 184(1) tal-istess regoli, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet li jintervjenu fit-tilwima għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

349 Peress li Intel u ACT talbu li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja tiġi kkundannata għall-ispejjeż, din tal-aħħar għandha tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk sostnuti minn Intel u minn ACT relatati mal-intervent.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk sostnuti minn Intel Corporation Inc. kif ukoll minn Association for Competitive Technology Inc.

3) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk sostnuti minn Intel Corporation Inc. u minn Association for Competitive Technology Inc. relatati mal-intervent.

Firem